# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla Estiża)

27 ta' Settembru 2018*

"Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu – Iffriżar ta' fondi – Ammissibbiltà – Għanijiet – Kriterji ta' inklużjoni tal-persuni kkonċernati – Tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti fuq il-lista tal-persuni kkonċernati – Bażi fattwali – Eċċezzjoni ta' illegalità – Bażi legali – Proporzjonalità – Dritt għal smigħ xieraq – Preżunzjoni tal-innoċenza – Dritt għal amministrazzjoni tajba – Żball ta' liġi – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Dritt għall-proprjetà – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva"

Fil-Kawża T-288/15,

**Ahmed Abdelaziz Ezz**, residenti f'Giza (l-Eġittu),

**Abla Mohammed Fawzi Ali Ahmed Salama**, residenti fil-Kajr (l-Eġittu),

**Khadiga Ahmed Ahmed Kamel Yassin**, residenti f'Giza,

**Shahinaz Abdel Azizabdel Wahab Al Naggar**, residenti f'Giza,

inizjalment irrappreżentati minn J. Lewis, B. Kennelly, QC, J. Pobjoy, barrister, J. Binns, S. Rowe, solicitors, u J.-F. Bellis, avukat, sussegwentement minn B. Kennelly, J. Pobjoy, S. Rowe u H. de Charette, avukat,

rikorrenti,

vs

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**, irrappreżentat minn M. Bishop u I. Gurov, bħala aġenti,

konvenut,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/486 tal-20 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2015, L 77, p. 16), it-tieni nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/411 tat-18 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2016, L 74, p. 40), u, it-tielet nett, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/496 tal-21 ta' Marzu 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2017, L 76, p. 22), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla Estiża),

komposta minn D. Gratsias (Relatur), President, I. Labucka, A. Dittrich, I. Ulloa Rubio u P. G. Xuereb, Imħallfin,

Reġistratur: L. Grzegorczyk, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tal-4 ta' Lulju 2017,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

## I. Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-kuntest fattwali

### A. L-atti adottati mill-Kunsill fir-rigward tar-rikorrenti

1 Wara l-avvenimenti politiċi li seħħew fl-Eġittu minn Jannar 2011, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta, fil-21 ta' Marzu 2011, fuq il-bażi tal-Artikolu 29 TUE, id-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2011, L 76, p. 63).

2 Il-premessi 1 u 2 tad-Deċiżjoni 2011/172 jindikaw:

"(1) Fil-21 ta' Frar 2011, l-Unjoni Ewropea ddikjarat li hija lesta tappoġġa t-transizzjoni paċifika u ordinata għal gvern ċivili u demokratiku fl-Eġittu bbażat fuq l-istat tad-dritt, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u tappoġġa sforzi sabiex tinħoloq ekonomija li ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali u tippromwovi t-tkabbir ekonomiku.

(2) F'dan il-kuntest, għandhom jiġu imposti miżuri restrittivi kontra persuni li ġew identifikati bħala responsabbli għal misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat Eġizzjan u li b'hekk qed iċaħħdu lill-poplu Eġizzjan mill-benefiċċji ta' żvilupp sostenibbli tal-ekonomija u s-soċjetà tagħhom u jimminaw l-iżvilupp tad-demokrazija fil-pajjiż."

3 L-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 kif emendat b'rettifika (ĠU 2014 L 203, p. 113) jipprovdi li:

"Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma proprjetà ta, miżmuma jew ikkontrollati minn persuni li ġew identifikati bħala responsabbli għal misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat Eġizzjan, u persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati."

4 It-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2011/172, fil-verżjoni inizjali tiegħu, jipprevedi li din id-deċiżjoni kienet tapplika sat-22 ta' Marzu 2012. It-tielet paragrafu ta' dan l-artikolu jipprevedi li din id-deċiżjoni għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti u għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif meħtieġ, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux. Bl-applikazzjoni ta' din l-aħħar dispożizzjoni, il-Kunsill ġedded l-imsemmija deċiżjoni għal diversi drabi għal perijodu ta' sena billi adotta, suċċessivament, id-Deċiżjoni 2012/159/PESK tad-19 ta' Marzu 2012 (ĠU 2012, L 80, p. 18), id-Deċiżjoni 2013/144/PESK tal-21 ta' Marzu 2013 (ĠU 2013, L 82, p. 54), id-Deċiżjoni 2014/153/PESK tal-20 ta' Marzu 2014 (ĠU 2014, L 85, p. 9), id-Deċiżjoni (PESK) 2015/486 tal-20 ta' Marzu 2015 (ĠU 2015, L 77, p. 16), id-Deċiżjoni (PESK) 2016/411 tat-18 ta' Marzu 2016 (ĠU 2016, L 74, p. 40), u d-Deċiżjoni (PESK) 2017/496 tal-21 ta' Marzu 2017 (ĠU 2017, L 76, p. 22).

5 Ir-rikorrenti, Ahmed Abdelaziz Ezz u Abla Mohamed Fawzi Ali Ahmed Salama, Khadiga Ahmed Ahmed Kamel Yassin u Shahinaz Abdel Azizabdel Wahab Al Naggar, kienu msemmija sa mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2011/172, rispettivament fis-seba', fit-tmien, fid-disa' u fl-għaxar linja tal-lista li tinsab fl-anness għal din id-deċiżjoni. L-informazzjoni ta' identifikazzjoni relatata ma' kull wieħed minnhom, li kienet tinsab f'din il-lista, kienet, sa fejn tikkonċerna lill-ewwel rikorrent, "Ex-Membru tal-Parlament; Data tat-twelid: 12.01.1959; Raġel", sa fejn tikkonċerna lit-tieni rikorrenti, "Mart Ahmed Abdelaziz Ezz; Data tat-twelid: 31.01.1963; Mara", sa fejn tikkonċerna lit-tielet rikorrenti, "Mart Ahmed Abdelaziz Ezz; Data tat-twelid: 25.05.1959; Mara", sa fejn tikkonċerna lir-raba' rikorrenti, "Mart Ahmed Abdelaziz Ezz; Data tat-twelid: 09.10.1969; Mara". Id-Deċiżjoni 2017/496 irrettifikat il-kunjom tat-tieni rikorrenti.

6 Ir-raġuni għall-inklużjoni tar-rikorrenti kienet kif imiss: "Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji mill-awtoritajiet Eġizzjani fir-rigward tal-misapproprjazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni". Din ir-raġuni baqgħet identika matul it-tiġdid suċċessiv tal-imsemmija deċiżjoni. B'mod partikolari, l-emendi relatati mar-raġuni għall-inklużjoni, introdotti mid-Deċiżjoni 2017/496, ma kinux jikkonċernaw lir-rikorrenti, iżda biss lill-persuni oħra inklużi fl-istess lista.

7 Abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE u tad-Deċiżjoni 2011/172, fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 270/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU 2011, L 76, p. 4, rettifika fil-ĠU 2014, L 294, p. 54). Dan ir-regolament, essenzjalment, jirriproduċi d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2011/172 u l-lista li tinsab fl-Anness I tiegħu hija identika għal dik fl-anness għal din id-deċiżjoni. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/491 tal-21 ta' Marzu 2015 li jimplimenta r-Regolament Nru 270/2011 (ĠU 2017, L 76, p. 10), għamel emendi għal-lista li tinsab fl-Anness I tal-imsemmi regolament, li jikkorrispondu għal dawk introdotti mid-Deċiżjoni 2017/496.

### B. Il-proċeduri mressqa mir-rikorrenti quddiem il-qrati tal-Unjoni qabel jew fl-istess ħin ma' din il-kawża

8 Permezz ta' rikors ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2011, irreġistrat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali taħt in-numru T-256/11, ir-rikorrenti talbu l-annullament tad-Deċiżjoni 2011/172 u tar-Regolament Nru 270/2011, sa fejn dawn l-atti jikkonċernawhom.

9 Fl-24 ta' Mejju 2013, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors ġdid, irreġistrat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali taħt in-numru T-279/13, li permezz tiegħu talbu l-annullament tad-Deċiżjoni 2011/172, kif emendata bid-Deċiżjoni 2013/144, u tar-Regolament Nru 270/2011, "imġedded b'deċiżjoni tal-Kunsill li ġiet innotifikata [lilhom] permezz ta' ittra tat-22 ta' Marzu 2013", sa fejn dawn l-atti jikkonċernawhom.

10 Ir-rikors tar-rikorrenti fil-Kawża T-256/11 ġie miċħud permezz tas-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93). Fil-5 ta' Mejju 2014, ir-rikorrenti ppreżentaw appell kontra din is-sentenza.

11 Fit-30 ta' Mejju 2014, ir-rikorrenti, kull wieħed sa fejn huma kkonċernati, ippreżentaw erba' rikorsi distinti kontra d-Deċiżjoni 2014/153, sa fejn din id-deċiżjoni tikkonċernahom (Kawżi T-375/14, Al Naggar vs Il-Kunsill, T-376/14, Yassin vs Il-Kunsill, T-377/14, Ezz vs Il-Kunsill u T-378/14, Salama vs Il-Kunsill).

12 Is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill (C-220/14 P, EU:C:2015:147), ċaħdet l-appell tar-rikorrenti msemmi fil-punt 10 iktar 'il fuq.

13 Fid-29 ta' Mejju 2015, ir-rikorrenti ressqu talba għal adattament li kellha l-għan li testendi t-talbiet inizjali tar-rikors tagħhom fil-Kawża T-279/13 għad-"Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/485 tal-20 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu".

14 Permezz ta' digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78), mogħti fuq il-bażi tal-Artikolu 126 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ir-rikors tar-rikorrenti fil-kawża inkwistjoni ġie miċħud. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala manifestament inammissibbli t-talbiet tan-nota ta' adattament imsemmija fil-punt 13 iktar 'il fuq minħabba *lis pendens*. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li kienet teżisti identità tal-partijiet, tal-motivi u tas-suġġett bejn dan ir-rikors u din in-nota ta' adattament u li din tal-aħħar kienet ġiet ippreżentata wara l-imsemmi rikors (digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78, punti 22 sa 30). Min-naħa l-oħra, hija ċaħdet it-talbiet tar-rikors bħala manifestament infondati fid-dritt (digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78, punti 43 sa 79).

15 Permezz tad-digrieti tal-21 ta' Marzu 2016 tal-President tat-Tmien Awla tal-Qorti Ġenerali, il-Kawżi T-375/14, T-376/14, T-377/14 u T-378/14 tħassru mir-reġistru wara r-rinunzja għall-atti mir-rikorrenti (digrieti tal-21 ta' Marzu 2016, Al Naggar vs Il-Kunsill, T-375/14, mhux ippubblikat, EU:T:2016:185, tal-21 ta' Marzu 2016, Yassin vs Il-Kunsill, T-376/14, mhux ippubblikat, EU:T:2016:186, tal-21 ta' Marzu 2016, Ezz vs Il-Kunsill, T-377/14, mhux ippubblikat, EU:T:2016:187, u tal-21 ta' Marzu 2016, Salama vs Il-Kunsill, T-378/14, mhux ippubblikat, EU:T:2016:188).

16 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-26 ta' Mejju 2016, irreġistrat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali taħt in-numru T-269/16, l-ewwel rikorrent ippreżenta rikors kontra d-Deċiżjoni 2016/411, sa fejn din id-deċiżjoni tikkonċernah. Permezz ta' att separat, irreġistrat fl-istess ġurnata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali taħt in-numru T-269/16, it-tieni, it-tielet u r-raba' rikorrenti ppreżentaw rikors kontra d-Deċiżjoni 2016/411, sa fejn din id-deċiżjoni tikkonċernahom.

17 Fit-12 ta' Settembru 2016, il-Qorti Ġenerali, permezz ta' digriet, ċaħdet bħala manifestament inammissibbli r-rikorsi tar-rikorrenti msemmija fil-punt 16 iktar 'il fuq minħabba *lis pendens* fir-rigward tal-preżentata tan-nota ta' adattament tar-rikorrenti fil-kuntest ta' dan ir-rikors intiż kontra d-Deċiżjoni 2016/411, li huwa msemmi fil-punt 22 iktar 'il quddiem (digrieti tat-12 ta' Settembru 2016, Ezz vs Il-Kunsill, T-268/16, mhux ippubblikat, EU:T:2016:606, punt 15, u tat-12 ta' Settembru 2016, Salama *et* vs Il-Kunsill, T-269/16, mhux ippubblikat, EU:T:2016:607, punt 15).

## II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

18 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Mejju 2015, ir-rikorrenti ppreżentaw dan ir-rikors. Skont l-ewwel paġna u l-punt 1 tar-rikors, ir-rikorrenti jitolbu l-annullament tad-"Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/485 tal-20 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu", sa fejn din id-deċiżjoni tikkonċernahom. Huma jitolbu wkoll il-kundanna tal-Kunsill għall-ispejjeż.

19 F'ittra lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali bid-data tal-24 ta' Awwissu 2015, ir-rikorrenti indikaw li r-rikors kellu jinqara bħala li jirreferi għad-Deċiżjoni 2015/486, fejn ir-referenza "2015/485" tirriżulta minn żball tal-pinna.

20 Fil-15 ta' Frar 2016, il-Kunsill ippreżenta r-risposta. F'din ir-risposta, huwa jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

21 Ir-replika u l-kontroreplika ġew ippreżentati fil-31 ta' Marzu 2016 u fis-27 ta' Mejju 2016, rispettivament.

22 Fil-25 ta' Mejju 2016, abbażi tal-Artikolu 86 tar-Regoli tal-Proċedura, ir-rikorrenti ppreżentaw nota ta' adattament, li fiha talbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-Deċiżjoni 2016/411, sa fejn din id-deċiżjoni tikkonċernahom;

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż

23 Fit-30 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill ippreżenta osservazzjonijiet dwar in-nota ta' adattament, fejn iddikjara li kien ser iżomm it-talbiet tar-risposta.

24 Fil-25 ta' Lulju 2016, ir-rikorrenti talbu li tinżamm seduta.

25 Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Ottubru 2016, il-kawża ġiet assenjata mill-ġdid lill-Ħames Awla.

26 Fil-31 ta' Marzu 2017, fil-kuntest ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-Qorti Ġenerali stiednet lill-partijiet jibagħtulha ċertu għadd ta' dokumenti.

27 Ir-rikorrenti u l-Kunsill wieġbu għal dawn it-talbiet fil-11 u fil-21 ta' April 2017, rispettivament.

28 Fuq proposta tal-Ħames Awla, il-Qorti Ġenerali, permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' April 2017, assenjat il-kawża lill-Ħames Awla Estiża.

29 Fit-18 ta' Mejju 2017, fil-kuntest ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, stiednet lill-partijiet jibagħtulha informazzjoni komplementari u, min-naħa l-oħra, staqsiethom dwar il-kwistjoni tal-effett, għal din il-kawża, ta' xi wħud mid-deċiżjonijiet preċedenti tagħha.

30 Fis-26 ta' Mejju 2017, ir-rikorrenti ppreżentaw it-tieni nota ta' adattament li fiha jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla, minn naħa, id-Deċiżjoni 2017/496 u, min-naħa l-oħra, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/491, sa fejn dawn l-atti jikkonċernawhom.

31 Il-partijiet wieġbu għat-talbiet tal-Qorti Ġenerali msemmija fil-punt 29 iktar 'il fuq b'ittri tal-1 u tat-8 ta' Ġunju 2017.

32 Permezz ta' att proċedurali bid-data tat-8 ta' Ġunju 2017, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti Ġenerali tieħu, fuq il-bażi tal-Artikolu 92(1), tal-Artikolu 93(1) u tal-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura, miżura istruttorja intiża għas-smigħ, bħala xhud, tar-rappreżentant legali tagħhom fl-Eġittu. Fid-19 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar din it-talba għal miżura istruttorja.

33 Fis-26 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill ippreżenta osservazzjonijiet dwar it-tieni nota ta' adattament, li fihom iddikjara li kien ser iżomm it-talbiet tar-risposta.

34 Is-seduta għas-sottomissjonijiet orali inżammet fl-4 ta' Lulju 2017. Fuq talba tar-rikorrenti, din żvolġiet, wara li nstema' l-Kunsill, bil-magħluq. Ir-rikorrenti ppreċiżaw, madankollu, li din it-talba ma kinitx timplika l-ipproċessar kunfidenzjali ta' ċerta informazzjoni fid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li ttemm il-kawża. [*kunfidenzjali*] [1].

1 Data kunfidenzjali mħollija barra.

35 Fid-19 ta' Settembru 2017, il-Qorti Ġenerali reġgħet fetħet il-fażi orali tal-proċedura u stiednet lill-partijiet jieħdu pożizzjoni dwar l-effett possibbli, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, tas-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Il-Kunsill vs LTTE (C-599/14 P, EU:C:2017:583). Il-partijiet bagħtu t-tweġiba tagħhom lill-Qorti Ġenerali fl-4 ta' Ottubru 2017.

## III. Id-dritt

### A. Fuq l-ammissibbiltà tat-talbiet tar-rikors

36 Fir-risposta, il-Kunsill invoka diversi eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà fil-konfront tat-talbiet tar-rikors intiżi għall-annullament tad-"Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/485 tal-20 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu", sa fejn din id-deċiżjoni tikkonċerna lir-rikorrenti. Qabel kollox, il-Kunsill iqis li dawn it-talbiet jirreferu jew għal att ineżistenti, jew għal att li r-rikorrenti, manifestament, ma għandhomx *locus standi* kontra tiegħu. Sussegwentement, huwa jqis li, sa fejn ir-rettifika magħmula mir-rikorrenti fl-ittra tagħhom tal-24 ta' Awwissu 2015 saret wara l-iskadenza tat-terminu ta' xahrejn previst għar-rikorsi bbażati fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikors kontra d-Deċiżjoni 2015/486 huwa tardiv. Fl-aħħar nett, huwa jafferma li, jekk jirriżulta li dan ir-rikors ġie ppreżentat wara n-nota ta' adattament fil-Kawża T-279/13, ippreżentata mir-rikorrenti fl-istess ġurnata, dan ir-rikors għandu jiġi ddikjarat inammissibbli minħabba *lis pendens*.

37 Fir-replika, ir-rikorrenti jaffermaw li r-referenza "2015/485" tikkostitwixxi biss żball tal-pinna, li ġie kkonfermat mill-Qorti Ġenerali fid-digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78). Barra minn hekk, huma jikkontestaw l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' *lis pendens* fir-rigward ta' dan id-digriet.

38 F'dan ir-rigward, fir-rigward, qabel kollox, tal-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-rekwiżit li skontu, skont l-Artikolu 76 tar-Regoli tal-Proċedura, ir-rikors għandu jkun fih is-suġġett tal-kawża jimplika li din l-inklużjoni hija ċara u preċiża biżżejjed biex il-konvenut jkun jista' jippreżenta r-risposta tiegħu u l-Qorti Ġenerali tkun tista' tiddeċiedi dwar ir-rikors, jekk ikun il-każ, mingħajr informazzjoni oħra insostenn tiegħu (ara s-sentenza tat-13 ta' Settembru 2013, Anbouba vs Il-Kunsill, T-592/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:427, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Madankollu, l-identifikazzjoni tal-att ikkontestat tista' tirriżulta b'mod impliċitu mill-kontenut tar-rikors (ara, f'dan is-sens id-digriet tat-13 ta' April 2011, Planet vs Il-Kummissjoni, T-320/09, EU:T:2011:172, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali diġà aċċettaw il-possibbiltà li jiġu kkwalifikati mill-ġdid it-talbiet li jindikaw b'mod mhux preċiż jew b'mod żbaljat l-att ikkontestat wieħed jew iktar, peress li l-kontenut tar-rikors u l-kuntest fattwali u legali jippermettu li dawn l-atti jiġu identifikati mingħajr ambigwità (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tas-7 ta' Lulju 1993, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-217/91, EU:C:1993:293, punti 14 sa 16, u tat-13 ta' Settembru 2013, Anbouba vs Il-Kunsill, T-592/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:427, punt 24).

40 F'dan il-każ, għalkemm, bħalma huwa indikat fil-punt 18 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti, fl-ewwel paġna u fil-punt 1 tar-rikors, jirreferu għar-referenza "2015/485" biex jindikaw id-deċiżjoni kkontestata fir-rikors, għandu jiġi kkonstatat li, min-naħa l-oħra, huma jirreferu għat-titolu sħiħ tad-Deċiżjoni 2015/486. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet iċċitati mir-rikorrenti fil-korp tar-rikors huma dawk tad-Deċiżjoni 2015/486 u mhux dawk tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/485 tal-20 ta' Marzu 2015 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo (ĠU 2015, L 77, p. 12). Barra minn hekk, ir-rikorrenti hemżu mar-rikors kopja tad-Deċiżjoni 2015/486 u mhux tad-Deċiżjoni 2015/485.

41 Għalhekk, bħalma kkonfermaw ir-rikorrenti, barra minn hekk, fl-ittra tagħhom lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Awwissu 2015 (ara l-punt 19 iktar 'il fuq), dan ir-rikors għandu jitqies bħala intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni 2015/486, sa fejn dan l-att jikkonċernahom, fejn ir-referenza "2015/485" fir-rikors tikkostitwixxi sempliċi żball tal-pinna mingħajr effett fuq l-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors. Konsegwentement, dan ir-rikors ma jistax jitqies bħala intiż għal att ineżistenti, u lanqas intiż għal att li r-rikorrenti ma għandhomx *locus standi* fil-konfront tiegħu.

42 Fir-rigward, sussegwentement, tat-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-Kunsill, għandha titqies, biex tiġi evalwata l-osservanza, f'dan il-każ, tat-terminu tar-rikors kontra d-Deċiżjoni 2015/486, id-data tal-preżentata tar-rikors, jiġifieri d-29 ta' Mejju 2015, u mhux id-data tal-preżentata tal-ittra tar-rikorrenti tal-24 ta' Awwissu 2015. Fil-fatt, bħalma jirriżulta mill-punti 40 u 41 iktar 'il fuq, il-kontenut tar-rikors u tal-annessi tiegħu jippermetti, minnu nnifsu, li din id-deċiżjoni tiġi identifikata mingħajr diffikultà bħala li tifforma s-suġġett tar-rikors. Issa, b'kunsiderazzjoni tad-data tal-24 ta' Marzu 2015 li tinsab fl-ittra li permezz tagħha l-Kunsill innotifika l-imsemmija deċiżjoni lir-rikorrenti, il-preżentata tar-rikors fid-29 ta' Mejju 2015 tissodisfa t-terminu tar-rikors kontra din l-istess deċiżjoni, konformement mad-dispożizzjonijiet tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u tal-Artikolu 60 tar-Regoli tal-Proċedura.

43 Fir-rigward, fl-aħħar nett, tat-tielet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, bħalma l-Kunsill, barra minn hekk, ammetta fir-replika, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 22 sa 30 tad-digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78), li l-preżentata tan-nota ta' adattament ippreżentata fil-Kawża T-279/13 bl-għan li t-talbiet u l-motivi tar-rikors jiġu adattati għad-Deċiżjoni 2015/486 saret wara l-preżentata ta' dan ir-rikors u li din in-nota ta' adattament kellha għalhekk tiġi miċħuda bħala manifestament inammissibbli minħabba *lis pendens*. It-talbiet tar-rikors għalhekk ma humiex inammissibbli għal din ir-raġuni.

44 L-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà msemmija fil-punt 36 iktar 'il fuq għalhekk jistgħu biss jiġu miċħuda.

### B. Fuq il-mertu

45 Fil-kuntest ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti jitolbu l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill li permezz tagħhom, fil-kuntest tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2015/486, tad-Deċiżjoni 2016/411 u tad-Deċiżjoni 2017/496, l-inklużjoni tagħhom fl-anness tad-Deċiżjoni 2011/172 ġiet imġedda, rispettivament, fl-2015, fl-2016 u fl-2017 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ikkontestati"). Insostenn tat-talbiet tagħhom, huma jqajmu ħames motivi. Fil-kuntest tal-ewwel motiv, huma jinvokaw eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172, kif imġedded mid-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496, u tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 270/2011, ibbażata, essenzjalment, fuq nuqqas ta' bażi legali u fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità It-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames motiv huma bbażati, rispettivament, fuq il-ksur mill-Kunsill tal-Artikolu 6 TUE, ikkunsidrat mal-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(5) TUE, u tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), sa fejn il-Kunsill naqas milli jiżgura li l-proċeduri ġudizzjarji fl-Eġittu li jikkonċernaw ir-rikorrenti kienu jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, fuq il-ksur tal-kriterji ġenerali stabbiliti mid-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq tad-Deċiżjoni 2011/172 u tar-Regolament Nru 270/2011, fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u fuq ir-restrizzjoni inġustifikata u sproporzjonata tad-dritt għall-proprjetà tar-rikorrenti u fuq dannu għar-reputazzjoni tagħhom.

46 B'mod preliminari, għandu jiġi eżaminat l-argument tal-Kunsill li motivi identiċi, mill-inqas essenzjalment, għall-motivi stabbiliti fil-punt 45 iktar 'il fuq diġà ġew eżaminati u miċħuda fis-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93), u, wara l-appell minn

din is-sentenza, fis-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill (C-220/14 P, EU:C:2015:147). Minn dan il-Kunsill jikkonkludi li dan ir-rikors għandu jiġi miċħud, permezz ta' digriet, bħala manifestament infondat fid-dritt, fuq il-bażi tal-Artikolu 126 tar-Regoli tal-Proċedura.

47 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi nnotat li, fil-kuntest tal-ewwel u t-tieni motiv, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Kunsill li naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni ċertu għadd ta' informazzjoni li tikkonċerna l-iżviluppi politiċi u ġudizzjarji li seħħew sa mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2011/172 u li tagħti d-dehra, b'mod ġenerali, ta' ksur, mill-awtoritajiet Eġizzjani, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali u, b'mod partikolari, ta' ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-ewwel rikorrent fil-kuntest tal-proċeduri kriminali attwali li huwa kien is-suġġett tagħhom. Ir-rikorrenti jaffermaw li huma għarrfu lill-Kunsill b'din l-informazzjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ittra tagħhom tat-23 ta' Diċembru 2014. Fin-noti ta' adattament, huma jaffermaw li ppreżentaw informazzjoni supplimentari tal-istess natura lill-Kunsill qabel it-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom fl-2016 u fl-2017.

48 Issa, fis-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93), u fid-digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78), li jiddeċiedu dwar ir-rikorsi tar-rikorrenti msemmija fil-punti 8 u 9 iktar 'il fuq, dan l-ilment ma ġiex eżaminat mill-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, ir-rikorrenti rrinunzjaw għall-atti fil-mori tal-kawża tar-rikorsi tagħhom fil-Kawżi T-375/14 sa T-378/14.

49 Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li l-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni 2011/172 jipprovdi li, fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet jew jiġu ppreżentati provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew lill-entità kkonċernata. Barra minn hekk, konformement mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 tal-imsemmija deċiżjoni, din għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti u għandha tiġġedded jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.

50 Mill-kombinazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-Kunsill jista' jitwassal, matul kwalunkwe eżami mill-ġdid qabel it-tiġdid tad-Deċiżjoni 2011/172, jew saħansitra fi kwalunkwe mument, biex jivverifika, skont il-provi sostanzjali jew l-osservazzjonijiet prodotti quddiemu, jekk is-sitwazzjoni fattwali nbidlitx sa mill-inklużjoni inizjali tar-rikorrenti jew mill-eżami mill-ġdid preċedenti, b'tali mod li l-inklużjoni tagħhom ma tkunx għadha ġġustifikata (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Il-Kunsill vs LTTE, C-599/14 P, EU:C:2017:583, punt 46).

51 F'dan il-każ, ma jistax jiġi eskluż, mingħajr ma jsir eżami tagħhom, li l-elementi prodotti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-korrispondenza tagħhom mal-Kunsill qabel l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati kellhom karattru sostanzjali ta' natura li tqajjem dubju dwar it-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom fil-kuntest tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

52 Barra minn hekk, huwa veru li, fid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali u tal-Qorti tal-Ġustizzja intiżi fil-punt 46 iktar 'il fuq, diġà ġew eżaminati motivi analogi għat-tielet, ir-raba' u l-ħames motiv. Konsegwentement, fil-kuntest ta' dawn il-motivi tal-aħħar, ir-rikorrenti ma għandhomx id-dritt li jqajmu dubju dwar il-legalità tal-inklużjoni inizjali tagħhom jew tat-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom fid-Deċiżjoni 2013/144 billi jissottomettu lill-Qorti Ġenerali kwistjonijiet li diġà ġew deċiżi mid-deċiżjonijiet imsemmija iktar 'il fuq mill-qorti tal-Unjoni Ewropea, fejn tali kontestazzjoni tmur kontra l-awtorità relattiva ta' *res judicata* li ma tintrabatx biss mad-dispożittiv tal-imsemmija deċiżjonijiet, iżda wkoll mal-motivi li jikkostitwixxu s-sostenn neċessarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Ġunju 2006, P & O European Ferries (Vizcaya) u Diputación Foral de Vizcaya vs Il-Kummissjoni, C-442/03 P u C-471/03 P, EU:C:2006:356, punti 39 sa 41; tal-15 ta' Mejju 2008, Spanja vs Il-Kunsill, C-442/04, EU:C:2008:276, punt 25, u tal-5 ta' Settembru 2014, Éditions Odile Jacob vs Il-Kummissjoni, T-471/11, EU:T:2014:739, punt 117). Barra minn hekk, l-ilmenti jew l-argumenti invokati kontra d-deċiżjonijiet ikkontestati, li huma bbażati fuq l-istess punti ta' fatt u ta' liġi bħal dawk diġà eżaminati mill-qorti tal-Unjoni fil-kuntest tar-rikorsi preċedenti tar-rikorrenti,

jistgħu jiġu miċħuda bħala manifestament infondati (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, id-digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Madankollu, ma hemm xejn li jippermetti li jiġi preżunt, mingħajr eżami fil-mertu tal-punti ta' fatt u ta' liġi ppreżentati fil-kuntest ta' dan ir-rikors, insostenn ta' dawn il-motivi, li l-imsemmija elementi diġà ġew eżaminati mill-qorti tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78, punt 41).

54 Konsegwentement, dan ir-rikors ma jistax jiġi miċħud mill-Qorti Ġenerali bħala manifestament infondat fid-dritt mingħajr ma jiġi eżaminat l-argument ippreżentat mir-rikorrenti insostenn tal-motivi ta' dan ir-rikors.

55 Għandhom jiġu eżaminati, qabel kollox, l-ewwel u t-tieni motiv, li huma bbażati fuq l-ilment stabbilit fil-punt 47 iktar 'il fuq.

### *1. Fuq l-ewwel u t-tieni motiv, ibbażati, minn naħa, fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172, kif imġedded mid-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496, u tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 270/2011 u, min-naħa l-oħra, fuq il-ksur mill-Kunsill tal-Artikolu 6 TUE, flimkien mal-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(5) TUE, u tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta*

#### *a) Kunsiderazzjonijiet preliminari*

56 B'mod preliminari, għandu jiġi ddeterminat, minn naħa, jekk l-iskema ta' miżuri restrittivi tad-Deċiżjoni 2011/172 tistax teħtieġ it-teħid inkunsiderazzjoni, mill-Kunsill, ta' ċirkustanzi bħal dawk invokati mir-rikorrenti insostenn tal-ilment imsemmi fil-punt 47 iktar 'il fuq u, min-naħa l-oħra, il-kuntest fattwali li fih ir-rikorrenti informaw lill-Kunsill b'dawn iċ-ċirkustanzi u l-ipproċessar ta' din l-informazzjoni li wettaq dan tal-aħħar.

*1) Il-kuntest ġuridiku*

57 Qabel kollox, għandu jitfakkar li l-Artikolu 2 TUE u l-Artikolu 3(5) TUE jobbligaw lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jippromwovu, b'mod partikolari fil-kuntest tar-relazzjonijiet internazzjonali, il-valuri u l-prinċipji li din hija bbażata fuqhom, jiġifieri b'mod partikolari, ir-rispett tad-dinjità tal-bniedem, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali.

58 Sussegwentement, bħalma fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja, l-osservanza ta' dawn il-valuri u tal-prinċipji li l-Unjoni hija bbażata fuqhom tapplika għal kull azzjoni tal-Unjoni, inkluż fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK), bħalma jirriżulta mid-dispożizzjonijiet magħquda tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 21(1) TUE, tal-Artikolu 21(2)(b) TUE, tal-Artikolu 21(3) TUE u tal-Artikolu 23 TUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2016, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-263/14, EU:C:2016:435, punt 47).

59 B'mod partikolari, l-Artikolu 21(1) TUE jipprovdi li l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali hija intiża li tippromwovi fil-bqija tad-dinja, b'mod partikolari, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-osservanza tad-dritt internazzjonali.

60 Fl-aħħar nett, fir-rigward b'mod iktar partikolari tad-dritt għal smigħ xieraq u għall-osservanza tal-preżunzjoni tal-innoċenza, li f'dan il-każ huwa allegat il-ksur tagħhom, huwa importanti li jitfakkar li, skont it-termini tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"QEDB"), id-dritt għal smigħ xieraq, stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u

tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB") li, fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta jikkorrispondu għalih, għandu, b'mod partikolari fil-qasam kriminali, post eminenti f'soċjetà demokratika (QEDB, 7 ta' Lulju 1989, Soering vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1989:0707JUD 001403888, punt 113).

61 Bl-istess mod, hemm lok li jiġi enfasizzat li l-prinċipji ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-ġustizzja kif ukoll tad-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv jikkostitwixxu regoli essenzjali għar-rispett tal-istat tad-dritt, li huwa stess jifforma wieħed mill-valuri ewlenin li fuqhom tistrieħ l-Unjoni, kif jirriżulta mill-Artikolu 2 TUE, mill-preamboli tat-Trattat UE u tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Klyuyev vs Il-Kunsill, T-340/14, EU:T:2016:496, punti 87 u 88).

62 Bħalma spjegat essenzjalment il-QEDB, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt għal smigħ xieraq u għar-rispett tal-preżunzjoni tal-innoċenza huma intiżi, b'mod partikolari fil-qasam kriminali, biex jiggarantixxu li d-deċiżjoni li permezz tagħha tittieħed deċiżjoni definittiva dwar il-fondatezza tal-akkużi kontra l-persuna kkonċernata tkun affidabbli u biex jiġi evitat li din tkun ivvizzjata minn ċaħda tal-ġustizzja, jew saħansitra li tkun arbitrarja, fejn dan jikkostitwixxi ċ-ċaħda stess tal-istat tad-dritt [ara, f'dan is-sens u b'analoġija, QEDB, 17 ta' Jannar 2012, Othman (Abu Qatada) vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2012:0117JUD 000813909, punt 260, u 21 ta' Ġunju 2016, Al-Dulimi u Montana Management Inc. vs L-Isvizzera, CE:ECHR:2016:0621JUD 000580908, punti 145 u 146[2]].

63 F'dan il-każ, il-karatteristiċi tal-iskema tad-Deċiżjoni 2011/172 ma jiġġustifikawx eċċezzjoni għall-obbligu ġenerali tal-Kunsill, meta jadotta miżuri restrittivi, li jirrispetta d-drittijiet fundamentali li jifformaw parti sħiħa mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Il-Kunsill vs LTTE, C-599/14 P, EU:C:2017:583, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata), liema eċċezzjoni għandha l-konsegwenza teżentah minn kwalunkwe verifika tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali żgurata fl-Eġittu.

64 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172, din għandha l-għan li tiffriża l-assi tal-persuni responsabbli għal miżappropprjazzjoni ta' fondi pubbliċi Eġizzjani u tal-persuni li huma assoċjati magħhom, kif elenkati fl-anness għall-imsemmija deċiżjoni. Bħalma jirriżulta mill-premessa 1 tagħha, din id-deċiżjoni taqa' taħt il-kuntest ta' politika ta' appoġġ għall-awtoritajiet Eġizzjani bbażata, b'mod partikolari, fuq l-għanijiet ta' konsolidazzjoni u ta' appoġġ tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 21(2)(b) TUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-256/11, EU:T:2014:93, punt 44). L-iffriżar tal-assi stabbilit minn din id-deċiżjoni għandu l-uniku għan li jiffaċilita l-konstatazzjoni mill-awtoritajiet Eġizzjani ta' miżappropprjazzjonijiet ta' fondi pubbliċi mwettqa u li jżommu l-possibbiltà, għal dawn l-awtoritajiet, li jirkupraw il-prodott ta' dawn il-miżappropprjazzjonijiet. Dan għalhekk għandu natura purament ta' prekawzjoni u ma għandux konnotazzjoni kriminali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-256/11, EU:T:2014:93, punti 77, 78 u 206, u tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punti 62 u 64).

65 Għalhekk, fid-dawl tal-inklużjoni ta' persuna fil-lista annessa għad-Deċiżjoni 2011/172 jew tat-tiġdid ta' din l-inklużjoni, huwa l-Kunsill li għandu jivverifika, minn naħa, li l-provi li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu jippermettu li jiġi stabbilit li din il-persuna hija s-suġġett ta' proċedura ġudizzjarja attwali waħda jew iktar relatati ma' fatti li jistgħu jirriżultaw mill-miżappropprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u, min-naħa l-oħra, li din jew dawn il-proċeduri jippermettu li l-imsemmija persuna tiġi kkwalifikata konformement mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tal-14 ta' April 2016, Ben Ali vs Il-Kunsill, T-200/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:216, punt 156, u tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punt 65).

2 Paragrafu 124 tal-vademecum.

66 Minn dak li ntqal jirriżulta li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet Eġizzjani, ma huwiex il-Kunsill, fil-prinċipju, li għandu jevalwa l-eżattezza u r-rilevanza tal-elementi li huma bbażati fuqhom il-proċeduri ġudizzjarji (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata), peress li din l-evalwazzjoni għandha ssir mill-imsemmija awtoritajiet. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, f'dan ir-rigward, li l-Kunsill u l-Qorti Ġenerali ma għandhomx il-kompitu li jivverifikaw il-fondatezza tal-investigazzjonijiet li għalihom ir-rikorrenti huma suġġetti, iżda għandhom jivverifikaw biss il-fondatezza tad-deċiżjoni tal-iffriżar tal-fondi fid-dawl tat-talba għal assistenza ġudizzjarja mill-awtoritajiet Eġizzjani (sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill, C-220/14 P, EU:C:2015:147, punt 77). Madankollu, il-Kunsill jista' jkun marbut, fir-rigward b'mod partikolari tal-osservazzjonijiet tar-rikorrent, li jitlob kjarifiki lil dawn l-istess awtoritajiet dwar l-imsemmija elementi jekk dawn l-osservazzjonijiet iwassluh biex jiddubita mill-karattru suffiċjenti tal-provi li diġà pproduċewlu (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 Għalhekk, fil-każ ta' kontestazzjoni, hija l-awtorità kompetenti tal-Unjoni li għandha tistabbilixxi l-fondatezza tal-motivi meqjusa kontra l-persuna kkonċernata, u ma hijiex din tal-aħħar li għandha tipproduċi prova negattiva tal-assenza ta' fondatezza ta' dawn il-motivi. Madankollu, sa fejn il-Kunsill ipproduċa provi tal-eżistenza ta' proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lir-rikorrent, huwa dan tal-aħħar li għandu jipprovdi elementi konkreti, mill-inqas rilevanti u kredibbli, insostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punti 72 sa 75 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Konsegwentement, minn naħa, sa fejn id-Deċiżjoni 2011/172 taqa' taħt il-kuntest ta' politika ta' appoġġ għall-awtoritajiet Eġizzjani bbażata, b'mod partikolari, fuq l-għanijiet ta' konsolidazzjoni u ta' appoġġ tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali, ma tistax tiġi eskluża għalkollox l-ipoteżi li din id-deċiżjoni hija manifestament mhux xierqa fid-dawl ta' dawn l-għanijiet minħabba l-eżistenza ta' ksur gravi u sistematiku tad-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, l-għan ta' din id-deċiżjoni, imfakkar fil-punt 64 iktar 'il fuq, ma huwiex rilevanti, fir-rigward, b'mod partikolari, ta' dawn l-għanijiet, jekk il-konstatazzjoni, mill-awtoritajiet Eġizzjani, tal-miżappropprjazzjonijiet ta' fondi pubbliċi mwettqa tkun ivvizzjata minn ċaħda tal-ġustizzja, jew saħansitra tkun arbitrarja.

69 Min-naħa l-oħra, għalkemm, bħalma jirriżulta mill-punti 65 u 66 iktar 'il fuq, l-eżistenza ta' proċeduri ġudizzjarji attwali fl-Eġittu tikkostitwixxi, fil-prinċipju, bażi fattwali soda biżżejjed għall-inklużjoni tal-persuni fil-lista annessa għad-Deċiżjoni 2011/172 kif ukoll għat-tiġdid tagħha, dan ma huwiex il-każ meta jkun hemm lok, għall-Kunsill, li jippreżumi b'mod raġonevoli li d-deċiżjoni meħuda fi tmiem ta' dawn il-proċeduri mhux ser tkun affidabbli, b'mod speċjali peress li ma huwiex il-kompitu tal-Kunsill, fil-prinċipju, li jevalwa l-eżattezza u r-rilevanza tal-elementi li huma bbażati fuqhom dawn il-proċeduri.

70 Għaldaqstant, fil-kuntest ta' skema ta' miżuri restrittivi bħal dik tad-Deċiżjoni 2011/172, ma jistax jiġi eskluż li l-Kunsill ikun marbut li jivverifika jekk il-proċeduri ġudizzjarji li huwa jibbaża ruħu fuqhom jistgħux jitqiesu bħala affidabbli fir-rigward tal-elementi prodotti mill-persuni inkwistjoni relatati ma' ksur tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari tad-dritt għal smigħ xieraq, bil-kundizzjoni li dan jirrigwarda elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u konkordanti ta' natura li tqanqal mistoqsijiet leġittimi dwar ir-rispett ta' dan id-dritt.

71 Barra minn hekk, minkejja n-natura prekawzjonarja tiegħu, l-iffriżar tal-assi stabbilit fil-kuntest tal-iskema tad-Deċiżjoni 2011/172 għandu fuq il-libertajiet u d-drittijiet tal-persuni kkonċernati effett negattiv sinjifikattiv b'tali mod li, sabiex jiġi żgurat ekwilibriju ġust bejn l-għanijiet ta' dan l-iffriżar tal-assi u l-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet u l-libertajiet, huwa indispensabbli li l-Kunsill ikun jista',

jekk ikun il-każ, jevalwa b'mod xieraq, taħt l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni, ir-riskju li joħloq tali ksur (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punti 131 u 132).

72 Din l-analiżi li tqegħditx f'dubju mill-elementi prodotti mill-Kunsill fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

73 Fl-ewwel lok, għandu jiġi nnotat li l-Kunsill ma jikkontestax, fil-kuntest ta' din il-kawża, li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti relatati mal-ksur tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest politiku u ġudizzjarju Eġizzjan seta' jkun rilevanti fil-kuntest tal-eżami mill-ġdid qabel l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati. [*kunfidenzjali*]. Bl-istess mod, fil-kuntest tat-tweġiba bil-miktub tiegħu lill-Qorti Ġenerali bid-data tal-4 ta' Ottubru 2017, il-Kunsill indika li, fil-mument tal-eżami mill-ġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti fil-lista annessa għad-Deċiżjoni 2011/172 fl-2016 u fl-2017, huwa kien ħa debitament inkunsiderazzjoni allegazzjonijiet mir-rikorrenti relatati ma' ksur gravi tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji fl-Eġittu.

74 Fit-tieni lok, l-argument tal-Kunsill intiż biex juri li ma huwiex il-kompitu tiegħu li jivverifika jekk fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji Eġizzjani humiex żgurati garanziji ekwivalenti għal dawk offruti mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tad-drittijiet fundamentali jikkonċerna l-portata tal-obbligu ta' evalwazzjoni tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest politiku u ġudizzjarju Eġizzjan, iżda ma jqajjimx dubju dwar l-eżistenza ta' dan l-obbligu. [*kunfidenzjali*].

75 Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mir-riferiment tal-Kunsill għall-punt 175 tas-sentenza tas-7 ta' Lulju 2017, Azarov vs Il-Kunsill (T-215/15, taħt appell, EU:T:2017:479), li kien intiż, bħalma jirriżulta mill-punt 166 tal-istess sentenza, biex jiċħad l-argument tar-rikorrent f'din il-kawża bbażat fuq il-fatt li kien il-Kunsill li kellu, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata f'dan il-każ, jivverifika jekk l-ordinament ġuridiku Ukrain kienx jiggarantixxi protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-inqas ekwivalenti għal dik iggarantita fl-Unjoni.

76 Fit-tielet lok, filwaqt li jibbaża ruħu fuq is-sentenzi tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill (C-220/14 P, EU:C:2015:147), u tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93), biex isostni, essenzjalment, li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma intiżi biss biex iqajmu dubju dwar il-fondatezza tal-proċeduri ġudizzjarji u mhux l-eżistenza tagħhom, b'tali mod li l-legalità tal-iffriżar tal-assi tagħhom ma tkunx affettwata, il-Kunsill ma jieħux inkunsiderazzjoni żviluppi ulterjuri ta' din il-ġurisprudenza ċċitata, b'mod partikolari, fil-punt 66 iktar 'il fuq.

77 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, fil-kuntest analogu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK tal-31 ta' Jannar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (ĠU 2011, L 28, p. 62), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li mid-dokumenti prodotti mir-rikorrent ma kienx jirriżulta li n-nuqqas ta' indipendenza tas-sistema ġudizzjarja Tuneżina fir-rigward tas-setgħa politika allegat minn dan tal-aħħar kien ta' natura li jaffettwa konkretament il-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernawh, u lanqas li dan il-funzjonament ħażin kellu karattru sistemiku (sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punt 73). Għalhekk, il-Qorti Ġenerali diġà eżaminat jekk il-Kunsill kellux jieħu inkunsiderazzjoni osservazzjonijiet intiżi biex iqajmu dubju dwar il-bażi tal-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lir-rikorrent, b'mod partikolari billi jinvoka lakuni gravi tas-sistema ġudizzjarja inkwistjoni li jaffettwaw il-garanziji offruti minn din tal-aħħar fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.

78 Barra minn hekk, l-argument tal-Kunsill imsemmi fil-punt 76 iktar 'il fuq diffiċli li jkun irrikonċiljabbli mal-fatt li [*kunfidenzjali*].

79 Fir-raba' u l-aħħar lok, il-fatt li, bħalma jsostni l-Kunsill, huwa ma adottax id-Deċiżjoni 2011/172 u d-deċiżjonijiet sussegwenti fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' awtorità kompetenti Eġizzjana, iżda bl-għan li jilħaq l-għanijiet tal-PESK u fil-kuntest tas-setgħa awtonoma li huwa għandu f'dan ir-rigward, jikkonferma l-analiżi tal-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, huwa preċiżament il-kompitu tal-Kunsill, fil-kuntest

tal-eżerċizzju ta' din is-setgħa awtonoma, li jeżamina bir-reqqa u b'imparzjalità l-elementi kollha rilevanti ta' dan il-każ, li fosthom jinsabu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti relatati ma' ksur tad-drittijiet fundamentali li jikkonċernaw il-proċeduri ġudizzjarji li jifformaw il-bażi fattwali tal-inklużjoni tagħhom fl-anness għad-Deċiżjoni 2011/172.

80 Għaldaqstant, fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel u t-tieni motiv, huwa l-kompitu tal-Qorti Ġenerali, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju li jimplika kull wieħed minn dawn il-motivi, li tiddeċiedi dwar jekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti relatati mal-ksur tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali fl-Eġittu jikkostitwixxux elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u konkordanti ta' natura li tqanqal mistoqsijiet leġittimi u jekk il-Kunsill ħadhomx inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti.

*2) Il-kuntest fattwali*

*i) Fuq l-elementi relatati mal-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lir-rikorrent fl-Eġittu*

81 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, bħalma kkonstatat diġà l-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti kienu diġà inklużi inizjalment fl-anness tad-Deċiżjoni 2011/172 abbażi ta' dokumenti li waslu mill-awtoritajiet Eġizzjani u li wrew, minn naħa, li l-ewwel rikorrent kien is-suġġett, fl-Eġittu, ta' proċeduri kriminali għal fatti li jistgħu jiġu kkwalifikati bħala miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi u, min-naħa l-oħra, li r-rikorrenti kollha kienu s-suġġett ta' ordni ta' sekwestru tal-assi tagħhom relatata mal-imsemmija proċeduri penali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-256/11, EU:T:2014:93, punti 132 sa 134 u 137 sa 140). Mill-annessi tal-proċess jirriżulta li din l-inklużjoni inizjali kienet ibbażata, b'mod partikolari, fuq informazzjoni li tinsab f'dokumenti annessi għall-ittri tal-awtoritajiet Eġizzjani fid-data tat-13 u tal-24 ta' Frar 2011.

82 Fit-tieni lok, mill-annessi tal-proċess jirriżulta li din l-informazzjoni ġiet ikkompletata u aġġornata ulterjorment permezz ta' ittra tal-awtoritajiet Eġizzjani fid-data tat-13 ta' Frar 2014, li għaliha ġiet annessa tabella aġġornata tal-proċeduri kriminali li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent.

83 Fid-dokument tat-13 ta' Frar 2014 issemmew seba' proċeduri kriminali. L-ewwel żewġ proċeduri kriminali (Kawżi Nri 38 u 107 tal-2011) jikkonċernaw fatti ta' profitt illegali u t-tielet proċedura kriminali (Kawża Nru 291 tal-2011) tikkonċerna fatti ta' ħasil tal-flus marbuta mal-fatti intiżi fil-kuntest tal-ewwel żewġ proċeduri. Ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' proċedura kriminali (Kawżi Nri 457 u 541 tal-2011 kif ukoll Nri 156 u 376 tal-2013) jikkonċernaw rispettivament fatti ta' evażjoni fiskali, fatti ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti, għal darba oħra fatti ta' evażjoni fiskali u, fl-aħħar nett, fatti ta' ħasil tal-flus.

84 Fit-tielet lok, bħalma jirriżulta mit-tweġiba tal-Kunsill għall-mistoqsija tal-Qorti Ġenerali li tistiednu, fil-kuntest tal-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura tal-31 ta' Marzu 2017, jibagħtilha l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu li jikkonċernaw lir-rikorrenti, id-dokumenti li l-awtoritajiet Eġizzjani kienu bagħtulu bl-għan tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2015/486 kienu jinkludu, b'mod partikolari, memorandum tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Eġittu (iktar 'il quddiem il-"PGO") bid-data tad-9 ta' Frar 2015. Ir-rikorrenti jsostnu li dan id-dokument qatt ma ġie kkomunikat lilhom.

85 Bħalma huwa ppreċiżat fil-bidu tal-memorandum tal-PGO tad-9 ta' Frar 2015, dan huwa intiż li jwieġeb għal talba għal kjarifika espressa fil-kuntest tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Maxreq/il-Magreb, wara mistoqsijiet min-naħa ta' ċerti Stati Membri. Din it-talba għal kjarifika kienet tirrigwarda l-proċeduri legali li kellhom jiġu osservati f'kawżi bħal dawk li jikkonċernaw lill-persuni msemmija fil-lista annessa għad-Deċiżjoni 2011/172 kif ukoll it-terminu legali li matulu dawn kellhom jiġu indirizzati.

86 Il-memorandum tal-PGO tad-9 ta' Frar 2015 juri, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' rimedji ġudizzjarji previsti mill-proċedura kriminali Eġizzjana li jippermettu lill-persuni kkonċernati jissottomettu, l-ewwel darba, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Kassazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (iktar 'il quddiem il-"Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana") is-sentenza tal-ewwel istanza li ddeċidiet dwar il-kundanna tagħhom u, it-tieni, is-sentenza li ddeċidiet mill-ġdid dwar il-kundanna fir-rigward tagħhom wara l-annullament tal-ewwel sentenza u tar-rinviju tal-kawża. Barra minn hekk, fih hemm indikat li, f'din l-ipoteżi tal-aħħar, il-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana tiddeċiedi b'mod definittiv dwar il-kawża jew billi tiċħad ir-rikors, jew billi tiddeċiedi hija stess fuq il-mertu.

87 Għall-kumplament, mit-tweġiba bil-miktub tal-Kunsill tal-21 ta' April 2017 jirriżulta li d-dokumenti l-oħra mibgħuta mill-PGO fi Frar 2015 kienu jikkostitwixxu biss aġġornament tal-informazzjoni diġà pprovduta dwar l-istat tal-proċeduri kriminali li l-ewwel rikorrent kien s-suġġett tagħhom, liema aġġornament ma kienx juri żvilupp tal-imsemmija proċeduri fil-konfront tal-indikazzjonijiet tad-dokument tat-13 ta' Frar 2014.

88 Fir-raba' u l-aħħar lok, mill-annessi tal-proċess jirriżulta li, qabel it-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti fl-2016 u fl-2017, l-awtoritajiet Eġizzjani bagħtu informazzjoni aġġornata dwar l-istat tal-proċeduri ġudizzjarji li l-ewwel rikorrent kien is-suġġett tagħhom. B'mod partikolari, din l-informazzjoni kienet turi, minn naħa, l-għeluq tal-investigazzjonijiet fil-Kawża Nru 156 tal-2013 wara s-soluzzjoni amministrattiva tal-kawża u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' tliet proċeduri supplimentari fil-Kawżi Nri 4 u 5482 tal-2011 kif ukoll Nru 244 tal-2015 dwar, rispettivament, allegazzjonijiet ta' ksur imwettqa fi ħdan id-Direttorat tal-Finanzi tal-kumpannija El-Dekheila, fatti ta' profitti illegali u fatti ta' ħasil tal-flus. Barra minn hekk, memorandum bid-data tal-5 ta' Diċembru 2016, li wasal mill-kumitat nazzjonali Eġizzjan għall-irkupru tal-assi li jinsabu barra mill-pajjiż (iktar 'il quddiem l-"NCRAA"), ġie kkomunikat lill-Kunsill fis-6 ta' Jannar 2017. Madankollu, il-kontenut ta' dan il-memorandum huwa identiku għal dak tal-memorandum tal-PGO tad-9 ta' Frar 2015. Fit-tweġiba tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali bid-data tal-1 ta' Ġunju 2017, ir-rikorrenti rrikonoxxew li kienu saru jafu b'dan id-dokument fis-27 ta' Jannar 2017, jiġifieri qabel it-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom mid-Deċiżjoni 2017/496.

*ii) Fuq l-elementi mibgħuta mir-rikorrenti qabel it-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom għas-snin 2015, 2016 u 2017*

89 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li, fl-ittra tagħhom tat-23 ta' Diċembru 2014 mibgħuta lill-Kunsill, li r-rikorrenti jirreferu għaliha fil-kuntest tal-ilment imsemmi fil-punt 47 iktar 'il fuq, huma esprimew, b'mod partikolari, it-tħassib tagħhom li l-proċeduri kriminali li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent ma kinux tnedew *in bona fide* u fuq il-bażi ta' provi u li dawn huma infondati u jissodisfaw motivi politiċi. Huma jissostanzjaw dan it-tħassib billi jirreferu għall-kuntest li fih tnedew dawn il-proċeduri u għall-analiżi ta' dawn l-proċeduri mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana u kkunsidraw li dawn kienu msaħħa minn ċertu għadd ta' dokumenti relatati, min-naħa, mar-rispett tad-dritt għal smigħ xieraq tal-ewwel rikorrent u, min-naħa l-oħra, għall-osservanza tal-istat tad-dritt fl-Eġittu wara t-tluq, fi Frar 2011, tal-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu fil-kariga f'dak iż-żmien, Mohammed Hosni Moubarak.

90 Ir-rikorrenti hemżu mal-ittra tagħhom tat-23 ta' Diċembru 2014 id-dokumenti li jissostanzjaw dan it-tħassib, li huma annessi għar-rikors. [*kunfidenzjali*].

91 L-ewwel nett, dawn huma żewġ rapporti tal-International Bar Association's Human Rights Institute (IBAHRI), bid-data ta' Novembru 2011 u ta' Frar 2014, dwar is-sitwazzjoni tal-professjonijiet ġuridiċi fl-Eġittu. Ir-rapport tal-IBAHRI tal-2011, intitolat "Justice at a Crossroads: the Legal profession and the Rule of Law in the New Egypt", ġie stabbilit wara investigazzjoni minn din l-organizzazzjoni mhux governattiva fl-Eġittu matul ix-xahar ta' Ġunju 2011. Dan għandu l-għan, minn naħa, li jeżamina d-diffikultajiet li kienu jaffaċċjaw l-avukati f'dan il-pajjiż fir-rigward tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet

fundamentali qabel l-avvenimenti tal-2011 u fil-perijodu eżatt wara dawn u, min-naħa l-oħra, li joħroġ rakkomandazzjonijiet bl-għan li jiżgura l-osservanza ta' dawn il-prinċipji. Ir-rapport tal-IBAHRI tal-2014, bit-titolu "Separating Law and Politics: Challenges to the Independence of Judges and Prosecutors in Egypt", li huwa bbażat fuq investigazzjoni mwettqa fl-Eġittu bejn ix-xhur ta' Ġunju u Novembru 2013, huwa intiż, min-naħa tiegħu, biex jiżgura s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-IBAHRI tal-2011 u jiffoka b'mod iktar partikolari fuq l-ostakoli għall-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja Eġizzjana.

92 It-tieni nett, ir-rikorrenti kkomunikaw rapport tas-Sur D., membru tal-uffiċċju tal-avukati stabbilit fir-Renju Unit, tas-27 ta' Lulju 2011 u rapport tas-Sur M., avukat f'Genève, bid-data tal-4 ta' Frar 2013 relatati ma' diversi proċeduri kriminali li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent. Minn dawn ir-rapporti jirriżulta li D. u M. kienu ngħataw il-mandat, bħala osservaturi, mir-rappreżentanti legali tal-ewwel rikorrent fl-Eġittu sabiex jevalwaw ir-rispett tad-dritt għal smigħ xieraq ta' dan tal-aħħar fil-kuntest tal-proċeduri kriminali li huwa kien is-suġġett tagħhom fl-Eġittu.

93 Fir-rigward tar-rapport tas-Sur D., dan jikkonċerna l-investigazzjonijiet tal-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (iktar 'il quddiem il-"Prosekutur Ġenerali Eġizzjan") u s-seduti li nżammu mis-7 sat-12 ta' Mejju u mill-11 sal-15 ta' Ġunju 2011 fil-kuntest tal-ewwel proċedura kriminali li tikkonċerna lir-rikorrent, li, bħalma jirriżulta mill-annessi tal-proċess, tikkorrispondi għall-proċedura Nru 107 tal-2011 fid-dokumenti prodotti mill-awtoritajiet Eġizzjani. Skont l-indikazzjonijiet ta' dan ir-rapport, ġew akkużati li l-ex Ministru għall-Industrija, uffiċjal għoli tal-Ministeru għall-Industrija u l-ewwel rikorrent li ftiehmu biex jippermettu lil dan tal-aħħar jikseb liċenzji tal-enerġija għal żewġ impriżi tal-grupp tiegħu bi ksur tar-regoli li jirregolaw il-proċedura pubblika tal-għoti ta' dawn il-liċenzji lis-settur tal-industrija tal-azzar u tal-ħadid.

94 Il-kontenut tar-rapport tas-Sur D huwa bbażat fuq il-qari tal-fajl tal-akkuża, li l-awtur kellu aċċess għalih, u fuq l-osservazzjonijiet diretti matul seduti differenti li huwa assista għalihom. Dan ir-rapport jinkludi deskrizzjoni tal-elementi li jinsabu fil-fajl tal-akkuża bħalma jirriżultaw mill-att tar-rikors quddiem il-Qorti Kriminali tat-28 ta' Frar 2011, rendikont tas-seduti, b'mod partikolari dik stabbilita fis-smigħ tax-xhieda, kif ukoll analiżi kritika tal-provi inkriminanti miġbura mill-akkuża.

95 Fir-rapport tiegħu, is-Sur D. jikkritika, minn naħa, l-għaġġla li, fil-fehma tiegħu, urew l-awtoritajiet Eġizzjani fit-trattament tal-kawża inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet li żvolġew fihom is-seduti li assista għalihom, li huma sors, fl-opinjoni tiegħu, ta' ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-drittijiet tad-difiża tal-ewwel rikorrent. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, huwa jikkonkludi fir-rapport tiegħu li, "fid-dawl tal-mod kif il-Qorti Kriminali mexxiet is-seduti, jista' jkun hemm it-tħassib li hija ma tasalx biex tagħti deċiżjoni korretta f'din il-kawża [u] li, taħt il-pressjoni [tal-opinjoni pubblika], hija tħossha obbligata [tikkundanna lill-akkużati billi tħalli lill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana l-kompitu li tibdel il-verdett]".

96 Fir-rigward tar-rapport tas-Sur M., dan jikkonċerna s-seduti li nżammu fl-2012 fil-kuntest ta' tnejn mill-proċeduri kriminali li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent, waħda relatata, skont it-termini tar-rapport, mal-akkużi ta' akkwist frawdolenti ta' azzjonijiet tal-kumpannija El-Dekheila u l-oħra li tikkonċerna fatti allegati ta' ħasil tal-flus marbuta ma' dawn l-akkużi, li jikkorrispondu, skont l-annessi tal-proċess, għall-Kawżi Nri 38 u 291 tal-2011 fid-dokumenti prodotti mill-awtoritajiet Eġizzjani.

97 L-evalwazzjoni mwettqa mis-Sur M. fir-rapport tiegħu hija bbażata, minn naħa, fuq ir-rapporti stabbiliti minn A., avukat Eġizzjan b'mandat biex tassisti, f'isimha, għas-seduti, billi s-Sur M. indika li kien għażel, għall-ewwel, li ma jassistix personalment għas-seduti minħabba "riskju għoli għas-sigurtà personali tiegħu [li ġej] minn manifestazzjonijiet li żvolġew quddiem il-qrati" "matul il-proċess kollu [tal-ewwel rikorrent]" u, min-naħa l-oħra, fuq l-osservazzjoni diretta tiegħu ta' waħda mis-seduti fil-kuntest tal-Kawża Nru 38 tal-2011.

98 Ir-rapport tas-Sur M. jinkludi, fl-ewwel parti tiegħu, deskrizzjoni tal-awla tas-seduta bħalma osservaha huwa nnifsu u janalizza, fit-tieni parti, il-punti differenti li fir-rigward tagħhom huwa identifika, fir-rapporti tal-avukat A., ksur potenzjali tad-drittijiet fundamentali, jiġifieri l-preżenza ta' gaġġa tal-metall fejn jinżammu l-akkużati, il-preżenza ta' gwardji fl-awla tas-seduta, id-diffikultajiet ta' smigħ, l-atitudni ġġudikata insuffiċjentement imparzjali tal-Qorti Kriminali u l-preġudizzji li jirriżultaw mill-kopertura medjatika. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, huwa jikkonkludi li, "fir-rigward tal-istandards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, id-drittijiet [tal-ewwel rikorrent] setgħu nkisru u, b'mod partikolari, id-dritt għal smigħ xieraq". Barra minn hekk, "[k]emm fil-każ tal-proċess għal profitt illegali jew fil-każ tal-proċess għal ħasil tal-flus, hemm għalhekk riskju sinjifikattiv [li jwassal għal] kundanni [ġuridikament] fraġli".

99 It-tielet nett, ir-rikorrenti rreferew lill-Kunsill għal tliet sentenzi tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana, bid-data rispettivament tat-2 ta' Diċembru 2012, tat-12 ta' Mejju 2013 u tal-14 ta' Diċembru 2013. F'dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana, minn naħa, annullat is-sentenzi tal-ewwel istanza, li kienu kkonkludew, f'kull waħda mill-kawżi kkonċernati, dwar ir-responsabbiltà tal-akkużati, b'mod partikolari tal-ewwel rikorrent, u li kienu kkundannawhom għal diversi pieni, fosthom multi u pieni ta' priġunerija u, min-naħa l-oħra, bagħtet lura l-kawżi lill-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu sabiex tiddeċiedi mill-ġdid. Bħalma jirriżulta mid-dokument tal-awtoritajiet Eġizzjani msemmi fil-punt 82 iktar 'il fuq, dawn it-tliet sentenzi ngħataw fil-kuntest tal-proċeduri kriminali fil-kawżi, rispettivament, Nru 107 tal-2011 (liċenzji tal-enerġija mogħtija illegalment) Nru 291 tal-2011 (ħasil tal-flus) u Nru 38 tal-2011 (akkwist frawdolenti ta' azzjonijiet tal-kumpannija El-Dekheila).

100 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti invokaw sentenza tat-Tribunal pénal de la Confédération suisse (il-Qorti Kriminali tal-Konfederazzjoni Svizzera) (iktar 'il quddiem it-"Tribunal pénal fédéral suisse (il-Qorti Kriminali Federali Svizzera)") tat-12 ta' Diċembru 2012 u żewġ sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Prinċipat tal-Liechtenstein (iktar 'il quddiem il-"Qorti Kostituzzjonali tal-Liechtenstein") tat-28 ta' Awwissu 2012 u tat-30 ta' Settembru 2013. Dawn is-sentenzi jirrigwardaw proċeduri ta' assistenza ġudizzjarja internazzjonali wara talbiet tal-awtoritajiet Eġizzjani. L-ewwel waħda minn dawn is-sentenzi tannulla deċiżjoni tal-awtoritajiet Svizzeri li tagħtihom aċċess għall-fajl ta' proċedura kriminali li tikkonċerna, b'mod partikolari għal fatti ta' ħasil tal-flus, ċittadini Eġizzjani.

101 Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 2012, it-Tribunal pénal fédéral suisse (il-Qorti Kriminali Federali Svizzera) ibbażat ruħha fuq għadd ta' informazzjoni pubblika disponibbli f'rapporti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew fl-istampa biex tikkunsidra li, "indipendentement mill-problema tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem [fl-Eġittu], [dan il-pajjiż] bħalissa qiegħed jaffaċċja tranżizzjoni interna inċerta kkaratterizzata minn instabbiltà tal-istituzzjonijiet u [t-tqegħid f'dubju evidenti] tal-indipendenza u tar-rispett eżistenti bejn [is-]setgħat [eżekuttivi u ġudizzjarji]". Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-qorti inkwistjoni qieset li kien "jeżisti riskju ta' dannu immedjat u irreparabbli [għar-rikorrenti]".

102 Iż-żewġ sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Liechtenstein tat-28 ta' Awwissu 2012 u tat-30 ta' Settembru 2013 annullaw żewġ deċiżjonijiet ġudizzjarji li ċaħdu l-appell ta' kumpannija miżmuma mill-ewwel rikorrent kontra digriet ta' ffriżar tal-assi tiegħu minħabba proċeduri kriminali li jikkonċernaw lil dan tal-aħħar fl-Eġittu. Din il-qorti, fil-fatt, qieset li s-sorsi ta' informazzjoni li kienet ibbażat ruħha fuqhom l-imsemmija kumpannija, li kienu jinkludu, b'mod partikolari, ir-rapport tal-IBAHRI tal-2011 u r-rapport tas-Sur M., kienu biżżejjed biex jitqies li hija kienet "[uriet] perikolu ta' ksur tad-drittijiet fundamentali [tal-ewwel rikorrent fl-Eġittu]", peress li kien meħtieġ biss li tiġi stabbilita l-plawżibbiltà ta' dan il-perikolu.

103 Mill-annessi tal-proċess jirriżulta li d-dokumenti inkwistjoni, minbarra r-rapport tal-IBAHRI tal-2014 imsemmi iktar 'il fuq, kienu diġà ġew ikkomunikati mir-rikorrenti biex jissostanzjaw, b'mod partikolari, l-ewwel u t-tieni motivi tar-rikors tagħhom fil-Kawżi T-375/14 sa T-378/14 u li l-Kunsill, li pproduċa risposta li fiha wieġeb għall-imsemmija motivi, għalhekk diġà kien jaf bihom f'dan il-kuntest.

104 Fil-kuntest tal-korrispondenza mal-Kunsill qabel it-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti fl-2016 u fl-2017, ir-rikorrenti pproduċew ċerti elementi supplimentari relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-Eġittu.

105 Minn naħa, ir-rikorrenti hemżu bħala anness tal-ittra tagħhom lill-Kunsill bid-data tad-29 ta' Frar 2016 ittra tar-rappreżentanti legali Eġizzjani tagħhom relatata mad-diversi proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent imsemmija mill-awtoritajiet Eġizzjani fid-dokumenti bid-data tat-2 ta' Jannar 2016. B'mod partikolari, fir-rigward ta' tlieta minn dawn il-proċeduri (Kawżi Nri 4 tal-2011, 274 tal-2012 u 376 tal-2013), l-imsemmija rappreżentanti legali affermaw li qatt ma kienu ġew informati bl-eżistenza ta' investigazzjonijiet "formali" u li t-talba tagħhom għal aċċess għall-fajl kienet ġiet miċħuda mill-awtoritajiet Eġizzjani. Barra minn hekk, fl-ittri tagħhom tal-14 ta' Marzu 2016, ir-rikorrenti, billi bbażaw ruħhom fuq l-opinjoni ta' ġurista Eġizzjan annessa għall-imsemmija ittri, affermaw li d-dritt tagħhom għal smigħ ma kienx ġie rispettat qabel id-deċiżjoni dwar id-digriet ta' ffriżar ta' fondi adottata mill-awtoritajiet Eġizzjani fir-rigward tagħhom.

106 Min-naħa l-oħra, f'ittra tas-7 ta' Marzu 2017, ir-rikorrenti ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill dwar it-tqegħid f'detenzjoni preventiva tal-ewwel rikorrent, effettiva minn din id-data u li huma kienu jqisu bħala ksur tal-garanziji stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikolu 5 tal-KEDB.

*iii) Fuq it-trattament, mill-Kunsill, tal-elementi prodotti mir-rikorrenti*

107 Qabel kollox, mill-annessi tal-proċess jirriżulta li l-Kunsill wieġeb għall-ittra tar-rikorrenti tat-23 ta' Diċembru 2014 fl-ittra tiegħu tal-24 ta' Marzu 2015. Din l-ittra tal-aħħar ma fihiex riferiment espliċitu għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li jqajmu dubju dwar ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-Eġittu, u b'mod partikolari tad-dritt għal smigħ xieraq tal-ewwel rikorrent, u lanqas għad-dokumenti msemmija fil-punti 91 sa 102 iktar 'il fuq u li jissostanzjaw dawn l-allegazzjonijiet. Madankollu, il-Kunsill wieġeb għat-tħassib tar-rikorrenti relatat mal-bażi tal-proċeduri kriminali mnehdija kontra l-ewwel rikorrent, li, b'mod partikolari, huma ssostanzjati minn dawn l-allegazzjonijiet, f'dawn it-termini: "[Il-]Kunsill ma jaqbilx mal-pożizzjoni tagħkom, li ċ-ċirkustanzi li fihom tnehdew proċeduri kontra l-klijent tagħkom juru li dawn ma huma bbażati fuq l-ebda prova u li dawn jissodisfaw motivazzjoni politika".

108 [*kunfidenzjali*]

109 Barra minn hekk, mill-annessi tal-proċess jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti u tad-dokumenti mwettqa mill-Kunsill taw lok għal verifiki *ad hoc* mill-awtoritajiet Eġizzjani.

110 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li, fil-kuntest tal-eżami mill-ġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2015/486, il-Kunsill qies, b'mod impliċitu iżda neċessarju, li l-osservazzjonijiet u d-dokumenti inkwistjoni, indipendentement mir-rilevanza tagħhom u mill-kredibbiltà tagħhom, ma setgħux iqajmu dubju dwar it-tiġdid tad-Deċiżjoni 2011/172. B'mod partikolari, fid-dawl tal-memorandum tal-PGO tad-9 ta' Frar 2015 u tal-ispjegazzjonijiet tal-Kunsill, għandu jitqies li dan tal-aħħar qies li dawn ma jqajmux dubju dwar l-evalwazzjoni tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-Eġittu mwettqa abbażi, b'mod partikolari, tal-imsemmi memorandum u li dawn ma jeħtiġux għalhekk verifiki supplimentari.

111 Bħalma juru l-ittri tal-21 ta' Marzu 2016 u tat-22 ta' Marzu 2017, indirizzati mill-Kunsill lill-ewwel rikorrent, din il-pożizzjoni fir-rigward tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li jikkonċernaw il-ksur tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali fl-Eġittu ma żviluppatx matul it-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom fl-2016 u fl-2017.

112 Fil-fatt, minn naħa, fl-ittra tiegħu tal-21 ta' Marzu 2016, il-Kunsill indika li l-ilmenti tar-rikorrenti li jikkonċernaw il-mod kif l-awtoritajiet Eġizzjani kienu mexxew il-kawżi li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent kellhom jiġu ttrattati fil-kuntest tas-sistema ġuridika u tal-proċeduri Eġizzjani. Min-naħa l-oħra, fl-ittra tiegħu tat-22 ta' Marzu 2017, huwa jafferma li kien evalwa l-osservazzjonijiet tal-ewwel rikorrent li jikkonċernaw il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji fl-Eġittu u li huwa kien ikkonkluda li kien raġonevoli li jkompli jappoġġja l-isforzi tal-awtoritajiet Eġizzjani biex jirkupraw is-somom mitlufa mill-Istat Eġizzjan.

113 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi nnotat li, permezz tal-ilment imsemmi fil-punt 47 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li din il-pożizzjoni ssarraf, min-naħa tal-Kunsill, f'nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-portata tal-elementi li ntbagħtu lilu kif ukoll tal-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn dan. Fil-kuntest tal-ewwel motiv, huma jsostnu li dawn l-iżbalji jwasslu għall-illegalità tad-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496 sa fejn dawn iġeddu l-iskema ta' miżuri restrittivi tad-Deċiżjoni 2011/172 kollha kemm hi. Fil-kuntest tat-tieni motiv, huma jsostnu li d-deċiżjonijiet ikkontestati, sa fejn dawn iġeddu l-inklużjoni tagħhom, ma humiex konformi mal-obbligu tal-Kunsill li jirrispetta d-drittijiet fundamentali, skont l-Artikolu 6 TUE, flimkien mal-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(5) TUE u tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta. Huwa għalhekk il-kompitu tal-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-eżami ta' dawn il-motivi, li tiddeċiedi dwar il-fondatezza tal-pożizzjoni tal-Kunsill sa fejn din tikkonċerna l-elementi li ntbagħtu lilu mir-rikorrenti, fid-dawl tal-elementi relatati mas-sitwazzjoni fl-Eġittu li barra minn hekk huwa kellu għad-dispożizzjoni tiegħu.

***b) Fir-rigward tal-ewwel motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tad-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496 u tar-Regolament Nru 270/2011***

114 Dan il-motiv jinkludi żewġ partijiet, ibbażati, rispettivament, fuq eċċezzjoni ta' illegalità tad-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496, sa fejn dawn iġeddu l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 u eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 270/2011.

*1) Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq eċċezzjoni ta' illegalità tad-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496, sa fejn dawn iġeddu l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172*

115 Skont ir-rikorrenti, anki fl-ipoteżi li l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 seta' jkun ibbażat fuq l-għanijiet imsemmija fil-premessa 1 ta' din id-deċiżjoni mal-adozzjoni tagħha, dan ma kienx għadu l-każ fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2015/486 minħabba l-iżvilupp tal-kuntest politiku u ġudizzjarju fl-Eġittu rifless mill-elementi li kienu bagħtu lill-Kunsill qabel din id-data. Għalhekk, huma jsostnu li d-Deċiżjoni 2015/486 ma tistax tkun ibbażata fuq għan ta' appoġġ għall-awtoritajiet Eġizzjani l-ġodda minħabba, l-ewwel nett, it-tneħħija ta' dawn l-awtoritajiet li seħħet wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2011/172, it-tieni nett, l-instabbiltà tal-kuntest politiku Eġizzjan, ikkaratterizzat minn ksur tad-drittijiet fundamentali u tal-istat tad-dritt u, it-tielet nett, il-fatt li l-Kunsill kien jaf, permezz tal-intermedjarju tagħhom, bl-informazzjoni li tistabbilixxi li l-awtoritajiet Eġizzjani ma kinux jiggarantixxu trattament ġudizzjarju ġust, imparzjali u indipendenti għall-ewwel rikorrent u lanqas l-osservanza tal-istat tad-dritt fil-konfront tiegħu. Fit-tieni nota ta' adattament, huma jsostnu, barra minn hekk, li l-elementi li ppreżentaw biex jistabbilixxu n-nuqqas ta' bażi legali tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 juru wkoll in-natura sproporzjonata ta' dawn id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-għanijiet intiżi mill-Kunsill.

116 Il-Kunsill jikkontesta l-possibbiltà għar-rikorrenti li jinvokaw eċċezzjoni ta' illegalità kontra l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 u tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 270/2011, li setgħu, fil-fehma tiegħu, ikunu s-suġġett, min-naħa tagħhom, ta' rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE. Barra minn hekk, huwa jirrispondi, b'mod ġenerali, li l-argumenti mressqa mir-rikorrenti fil-kuntest ta' dan il-motiv diġà ġew miċħuda mill-Qorti Ġenerali u mill-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, fil-fehma tiegħu, il-ksur tal-kriterji ta' inklużjoni ma huwiex rilevanti għall-eżami tan-natura xierqa tal-bażi legali. Huwa jsostni wkoll li d-diversi ċirkustanzi invokati mir-rikorrenti fil-kuntest ta' dan

il-motiv, jiġifieri l-bidliet politiċi li seħħew fl-Eġittu, is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali f'dan il-pajjiż u l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-ewwel rikorrent, ma humiex rilevanti għall-evalwazzjoni tal-legalità tal-miżuri adottati fil-kuntest tad-Deċiżjoni 2011/172.

117 B'mod preliminari għandu jiġi nnotat li, fil-kuntest ta' din il-parti, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ ilmenti distinti. Minn naħa, huma jinvokaw nuqqas ta' bażi legali tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172, kif imġedded mid-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496, sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu ma għadhomx jissodisfaw l-għanijiet tal-PESK. Min-naħa l-oħra, huma jinvokaw, b'mod impliċitu fir-rikors u fl-ewwel nota ta' adattament u b'mod espliċitu fit-tieni nota ta' adattament, il-ksur, mill-Kunsill, tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba n-natura manifestament mhux xierqa tat-tiġdid ta' dawn id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-iżvilupp tas-sitwazzjoni fl-Eġittu.

*i) Fuq l-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' bażi legali*

118 Qabel kollox, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-istħarriġ tal-bażi legali ta' att jippermetti li jiġi vverifikat jekk l-att huwiex kompetenti u jekk il-proċedura ta' adozzjoni ta' dan l-att hijiex ivvizzjata b'irregolarità. Barra minn hekk, l-għażla tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jwasslu għal stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom jinsabu, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut ta' dan l-att (ara s-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill, C-220/14 P, EU:C:2015:147, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata; id-digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78, punt 47).

119 Fil-kuntest ta' dan l-ilment, ir-rikorrenti jikkontestaw l-applikazzjoni, f'dan il-każ, tar-raġunament li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali, fil-punt 47 tad-digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78), qieset li "l-iżviluppi soċjali u legali" li seħħew sa mill-inklużjoni inizjali tagħhom, li huma invokaw fil-kuntest ta' motiv ibbażat ukoll fuq in-nuqqas ta' bażi legali, jista' jkollhom effett biss fuq il-fondatezza tal-motivi tad-deċiżjonijiet ikkontestati u ma setgħux jiġu eżaminati fil-kuntest tal-istħarriġ tal-għażla tal-bażi legali tal-imsemmija atti.

120 Fil-fatt, skont ir-rikorrenti, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, peress li l-għan u l-kontenut ta' att huma bbażati fuq kuntest soċjali u legali partikolari, l-istħarriġ tal-bażi legali tiegħu għandu jinkludi neċessarjament eżami tal-iżvilupp ta' dan il-kuntest.

121 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali kkritikat mir-rikorrenti jista' jiġi ttraspost għal dan il-każ.

122 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, bħalma ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fis-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93, punt 44), fir-rigward tad-Deċiżjoni 2011/172, huwa biżżejjed li dan l-att isegwi għanijiet li huma relatati ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 21 TUE sabiex jitqies bħala li jaqa' taħt il-PESK. Barra minn hekk, bħalma ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-portata wiesgħa tal-miri u tal-għanijiet tal-PESK, kif espressi fl-Artikolu 3(5) TUE u fl-Artikolu 21 TUE kif ukoll fid-dispożizzjonijiet speċifiċi marbuta mal-PESK, b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 TUE, il-kontestazzjoni tal-fondatezza tal-imsemmi att fir-rigward tal-għanijiet iddefiniti fl-Artikolu 21 TUE ma hijiex ta' natura li tistabbilixxi nuqqas ta' bażi legali ta' dan l-att (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill, C-220/14 P, EU:C:2015:147, punt 46).

123 L-istess raġunament japplika fil-kuntest tad-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496, li huma limitati għat-tiġdid tad-Deċiżjoni 2011/172 u jaqgħu fil-kuntest tal-istess politika intiża, bħalma tindika l-premessa 1 ta' din l-aħħar deċiżjoni, għall-appoġġ għall-proċess ta' stabbilizzazzjoni politika u ekonomika tal-Eġittu, fl-osservanza tal-istat tad-dritt u fir-rispett tad-drittijiet fundamentali.

124 Anki fl-ipoteżi li s-sitwazzjoni fl-Eġittu, li l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/172 fir-rigward tagħha, żviluppat, inkluż f'sens kuntrarju għall-proċess ta' demokratizzazzjoni li huwa intiż biex jappoġġja l-politika li din id-deċiżjoni taqa' fil-kuntest tagħha, din iċ-ċirkustanza, fi kwalunkwe każ, ma tistax taffettwa l-kompetenza ta' din l-istituzzjoni biex iġġedded din id-deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 29 TFUE. Fil-fatt, minkejja din iċ-ċirkustanza, l-għanijiet intiżi mid-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496 u r-regoli li dawn iġeddu l-validità tagħhom xorta waħda jaqgħu taħt il-qasam tal-PESK, u dan huwa biżżejjed, f'dan il-każ, biex jiġi miċħud l-ilment tar-rikorrenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2016, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-263/14, EU:C:2016:435, punti 45 sa 54).

125 Il-ġurisprudenza ċċitata mir-rikorrenti ma tistax tqajjem dubju dwar dawn il-kunsiderazzjonijiet.

126 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tas-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2010, Vodafone *et* (C-58/08, EU:C:2010:321), huwa biżżejjed li jiġi nnotat li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ma eżaminatx jekk dispożizzjoni tat-Trattat FUE li taqa' taħt il-PESK kinitx tikkostitwixxi bażi legali adatta, iżda jekk dan kienx il-każ fir-rigward tal-Artikolu 95(1) KE [li sar l-Artikolu 114(1) TFUE], u dan jimplika eżami tal-kuntest ġenerali u taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-qasam armonizzat mill-att adottat fuq din il-bażi kif kienu ppreżentati fil-mument tal-adozzjoni tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2010, Vodafone *et*, C-58/08, EU:C:2010:321, punti 32 sa 35 u 39 sa 47). Ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza għalhekk ma jistax jiġi ttraspost għal dan il-każ.

127 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-punti 191 sa 193 tas-sentenza tal-11 ta' Lulju 2007, Sison vs Il-Kunsill (T-47/03, mhux ippubblikata, EU:T:2007:207), dawn il-punti huma relatati mal-eżami mill-Qorti Ġenerali ta' motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni u mhux ta' motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' bażi legali. Għalhekk dawn ma humiex rilevanti.

128 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-punt 110 tas-sentenza tat-22 ta' April 2015, Tomana *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-190/12, EU:T:2015:222), hemm lok li jiġi nnotat li dan il-punt għandu jinqara fil-kuntest tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali li dan jaqa' taħtu. B'dan ir-raġunament, il-Qorti Ġenerali ma fittxitx li tistħarreġ il-fondatezza tal-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kunsill dwar l-iżvilupp tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe u dwar in-neċessità li jinżammu l-miżuri restrittivi adottati fir-rigward ta' dan l-iżvilupp, iżda biss li tivverifika jekk, permezz ta' dawn il-miżuri, il-Kunsill kellux l-intenzjoni li jilħaq għanijiet li jaqgħu taħt il-PESK (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' April 2015, Tomana *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-190/12, EU:T:2015:222, punti 93 sa 111).

129 B'hekk, l-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' bażi legali jista' biss jiġi miċħud.

*ii) Fuq l-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

130 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li, b'mod ġenerali, il-Kunsill għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa biex jadotta atti fil-kuntest tal-PESK, li tikkostitwixxi qasam li jimplika min-naħa tiegħu għażliet ta' natura politika, ekonomika u soċjali, u li fih huwa msejjaħ iwettaq evalwazzjonijiet kumplessi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft, C-348/12 P, EU:C:2013:776, punt 120 u l-ġurisprudenza ċċitata). Bl-istess mod, il-ġurisprudenza tirrikonoxxi lill-Kunsill marġni ta' diskrezzjoni wiesa' għad-definizzjoni tal-kriterji ġenerali li jiddelimitaw iċ-ċirku ta' persuni li jistgħu jkunu s-suġġett ta' miżuri restrittivi, fir-rigward tal-għanijiet li dawn il-miżuri huma bbażati fuqhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' April 2015, Anbouba vs Il-Kunsill, C-605/13 P, EU:C:2015:248, punt 41, u tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punt 48). Marġni ta' diskrezzjoni tal-istess portata għandu għalhekk tiġi rrikonoxxuta lilu fir-rigward tat-tiġdid tal-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji.

131 Għalhekk, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, dwar il-fondatezza tal-politika ta' appoġġ tal-Kunsill għall-proċess ta' stabbilizzazzjoni politika fl-Eġittu, imsemmija fil-premessa 1 tad-Deċiżjoni 2011/172, li din l-aħħar deċiżjoni u d-deċiżjonijiet sussegwenti jaqgħu fil-kuntest tagħha.

132 Bl-istess mod, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti Ġenerali li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha b'dik tal-Kunsill fir-rigward tal-kuntest ġeografiku jew politiku li hija marbuta miegħu d-Deċiżjoni 2011/172 u bin-neċessità tat-tiġdid fir-rigward ta' dan il-kuntest. Il-kompitu tagħha huwa biss li teżamina jekk, sabiex jevalwa din in-neċessità, il-Kunsill kisirx manifestament l-importanza u l-gravità tal-elementi relatati mal-kuntest politiku u ġudizzjarju Eġizzjan invokati mir-rikorrenti, fir-rigward ta' informazzjoni oħra għad-dispożizzjoni tiegħu u tal-għanijiet ta' din id-deċiżjoni.

133 Huwa fir-rigward ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati d-diversi argumenti tar-rikorrenti insostenn ta' dan il-motiv.

– *Fuq l-ewwel argument, ibbażat fuq it-tneħħija tal-"awtoritajiet Eġizzjani l-ġodda" appoġġjati mill-Kunsill*

134 Qabel kollox, l-argument tar-rikorrenti li skontu d-Deċiżjoni 2011/172 ma tistax tibqa' titqies bħala li taqa' fil-kuntest ta' "politika ta' appoġġ għall-awtoritajiet il-ġodda Eġizjani", skont il-punt 44 tas-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93), minħabba t-tneħħija ta' dawn l-awtoritajiet, huwa bbażat fuq premessi żbaljati.

135 Fil-fatt, minn naħa, fir-rigward tal-iskop tad-Deċiżjoni 2011/172, imfakkar fil-punt 64 iktar 'il fuq, il-miżuri restrittivi stabbiliti f'dan il-kuntest, fil-prinċipju, għandhom jinżammu sat-tmiem tal-proċeduri ġudizzjarji fl-Eġittu biex jinżamm l-effett utli tagħhom. Konsegwentement, it-tiġdid ta' dawn il-miżuri ma jistax jiddependi mill-bidliet suċċessivi tal-gvern li saru fil-kuntest tal-proċessi ta' tranżizzjoni politika li segwiet it-tluq, fi Frar 2011, ta' M. Moubarak.

136 Min-naħa l-oħra, mill-punt 44 tas-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93) jirriżulta li, permezz tal-espressjoni "politika ta' appoġġ għall-awtoritajiet il-ġodda Eġizjani", il-Qorti Ġenerali kellha l-għan li tindika l-politika ta' appoġġ għal "transizzjoni paċifika u ordinata għal gvern ċivili u demokratiku fl-Eġittu bbażat fuq l-istat tad-dritt, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali", li hija imsemmija fil-premessa 1 tad-Deċiżjoni 2011/172. Huwa veru li, bħalma jirriżulta, b'mod partikolari, mir-rapport tal-IBAHRI tal-2014, il-President tar-Repubblika elett fl-Eġittu f'Ġunju 2012 fil-kuntest tal-proċess ta' tranżizzjoni demokratika, Mohammed Morsi, tneħħa mill-funzjonijiet tiegħu f'Ġunju 2013. Madankollu, għall-kuntrarju tal-preżunzjoni tar-rikorrenti, it-termini tal-imsemmija premessa ma jissuġġerixxux li l-politika ta' appoġġ għal dan il-proċess kienet limitata għall-appoġġ tal-gvern ifformat minn dan il-mexxej, li kien l-ewwel gvern ċivili riżultat tal-elezzjonijiet wara t-tluq ta' M. Moubarak fl-2011. Fi kwalunkwe każ, konformement mal-indikazzjonijiet tal-punt 131 iktar 'il fuq, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi dwar jekk din il-politika ta' appoġġ kinitx għadha rilevanti wara l-waqfien tal-funzjonijiet ta' M. Morsi.

137 Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jistgħux, skont l-evidenza, jitqiegħdu f'dubju [*kunfidenzjali*]. Fil-fatt, ikun biżżejjed li jitfakkar li, bħalma ġie indikat fil-punt 135 iktar 'il fuq, dawn il-miżuri għandhom, fil-prinċipju, jinżammu sat-tmiem tal-proċeduri ġudizzjarji f'dan il-pajjiż biex jinżamm l-effett utli tagħhom.

138 Għalhekk l-argument ibbażat fuq it-tneħħija tal-"awtoritajiet il-ġodda" Eġizzjani għandu jiġi miċħud.

*– Fuq it-tieni argument, ibbażat fuq ir-riskji kkawżati mill-instabbiltà tal-kuntest politiku Eġizzjan u tal-ksur allegat tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali*

139 Qabel kollox, għandu jiġi nnotat li, bħalma jsostnu r-rikorrenti, l-elementi li pproduċew, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mir-rapporti tal-IBAHRI, juru instabbiltà politika u istituzzjonali sinjifikattiva fl-Eġittu wara t-tluq ta' M. Moubarak fil-11 ta' Frar 2011, li, bħalma jirriżulta mit-tweġiba tar-rikorrenti għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Ġunju 2017, kienet għadha preżenti sal-adozzjoni ta' kostituzzjoni ġdida f'Jannar 2014 u l-elezzjoni ta' A. Al-Sissi fil-kariga ta' president tar-Repubblika xi xhur wara. Minn dawn id-dokumenti jirriżulta wkoll li l-kuntest politiku ta' dan il-perijodu kien ikkaratterizzat minn tensjonijiet sinjifikattivi bejn l-awtoritajiet u l-opponenti politiċi, li kkawżaw ċertu għadd ta' telf ta' ħajjiet.

140 Fir-rigward tal-kuntest ġudizzjarju, id-dokumenti inkwistjoni jissuġġerixxu li t-tensjonijiet politiċi msemmija fil-punt 139 iktar 'il fuq issarrfu, b'mod partikolari, f'politika kriminali repressiva li timmira lill-opponenti politiċi u li tiżgura livell ta' protezzjoni insuffiċjenti tad-drittijiet fundamentali. Fihom jissemmew wkoll indħil jew tentattivi repetuti ta' ndħil mis-setgħa eżekuttiva fil-prerogattivi tal-awtoritajiet ġudizzjarji, mill-inqas matul il-mandat ta' M. Morsi. Bl-istess mod, dawn id-dokumenti jirriflettu l-kopertura medjatika intensa tal-proċeduri kriminali fil-konfront tal-mexxejja preċedenti u tal-qraba tagħhom, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw lil M. Moubarak u lill-ewwel rikorrent, u l-pressjonijiet tal-opinjoni pubblika li kienet tixtieq tara li tiġi rrikonoxxuta r-responsabbiltà ta' dawn il-persuni u li kellha l-biża' li dan il-proċess huwa kompromess min-nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja.

141 L-istess dokumenti fihom ukoll deskrizzjoni tal-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja Eġizzjana matul il-perijodu kkunsidrat. B'hekk, dawn id-dokumenti jirreferu għal karatteristiċi ta' din is-sistema li, skont l-awturi tagħhom, idgħajfu l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali mill-awtoritajiet ġudizzjarji Eġizzjani li, fil-prinċipju, hija żgurata mill-kuntest legali li japplika għalihom. Fost dawn il-karatteristiċi jissemmew, b'mod partikolari, is-setgħat mogħtija lill-eżekuttiv għall-ħatra ta' prosekuturi u għall-karriera tal-imħallfin kif ukoll funzjonamenti ħżiena relatati mal-mod ta' reklutaġġ u mat-taħriġ tal-imħallfin, b'mod partikolari, fil-qasam tar-regoli internazzjonali relatati mad-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk ma' dawn il-karatteristiċi jiżdiedu l-kundizzjonijiet materjali tal-iżvolġiment tas-seduti fil-qasam kriminali deskritti fir-rapporti tas-Sur D. u tas-Sur M., fejn xi wħud minnhom jidhru, skont dawn ir-rapporti, li ma humiex speċifiċi għas-seduti deskritti, u li, skont l-awturi tagħhom, jindikaw li ma humiex żgurati l-garanziji kollha li jirriżultaw mid-dritt għal smigħ xieraq.

142 Barra minn hekk, mill-imsemmija dokumenti jirriżulta wkoll li, minn naħa, fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 2012, it-Tribunal pénal fédéral suisse (il-Qorti Kriminali Federali Svizzera) ibbażat ruħha fuq elementi relatati mal-instabbiltà politika li kienet tipprevali fl-Eġittu fl-2012 kif ukoll fuq l-elementi li jixhdu ndħil mill-eżekuttiv fil-kawżi ġudizzjarji, ikkonstatat fuq il-bażi ta' diversi sorsi pubbliċi u li, min-naħa l-oħra, fis-sentenzi tagħha tat-28 ta' Awwissu 2012 u tat-30 ta' Settembru 2013, il-Qorti Kostituzzjonali tal-Liechtenstein qieset li l-elementi tar-rapport tal-IBAHRI tal-2011 dwar is-sistema ġudizzjarja Eġizzjana kif ukoll li l-elementi tar-rapport tas-Sur M. kienu ta' natura li tindika riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-ewwel rikorrent fl-Eġittu.

143 Madankollu, anki fl-ipoteżi li ċ-ċirkustanzi kollha msemmija fid-dokumenti inkwistjoni jistgħu jitqiesu bħala stabbiliti, dawn ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jipproduċu l-prova li t-tiġdid, bid-Deċiżjoni 2015/486, tad-Deċiżjoni 2011/172 kien manifestament kuntrarju għall-għanijiet imsemmija fil-premessa 1 ta' din l-aħħar deċiżjoni.

144 Fl-ewwel lok, dawn iċ-ċirkustanzi ma jippermettux li jiġi konkluż li l-instabbiltà politika u istituzzjonali li kkaratterizzat il-kuntest politiku Eġizzjan bejn l-2011 u l-2014 kellha l-effett li tikkomprometti l-kapaċità kollha tas-sistema ġudizzjarja Eġizzjana biex tiggarantixxi l-osservanza tal-istat tad-dritt u

r-rispett tad-drittijiet fundamentali u li l-iffriżar tal-assi stabbilit mid-Deċiżjoni 2011/172 fil-kuntest ta' politika intiża, b'mod partikolari, għall-osservanza ta' dawn il-prinċipji tkun saret għalhekk manifestament mhux xierqa.

145 Ċertament, mid-dokumenti inkwistjoni jirriżulta li l-instabbiltà politika u istituzzjonali fl-Eġittu setgħet tkun fattur ta' inċertezza, b'mod partikolari fl-2012, fir-rigward tar-riskju ta' ndħil mis-setgħa eżekuttiva fil-kawżi attwali sal-punt li jiġi ġġustifikat, mill-perspettiva ta' qorti Ewropea, l-annullament tal-miżuri ta' għajnuna legali.

146 Madankollu, din l-instabbiltà ma setgħetx tkun biżżejjed biex tiġġustifika li l-Kunsill itemm it-tiġdid tad-Deċiżjoni 2011/172, fid-dawl tal-elementi li barra minn hekk kellu għad-dispożizzjoni tiegħu fid-data tad-Deċiżjoni 2015/486. Fil-fatt, qabel kollox, [*kunfidenzjali*]. Sussegwentement, l-ebda element prodott mir-rikorrenti ma jippermetti li jiġi ssuġġerit li l-proċeduri kriminali li l-persuni msemmija fid-Deċiżjoni 2011/172 kienu s-suġġett tagħhom fl-Eġittu nbidlu minn din l-instabbiltà. Fl-aħħar nett, il-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496, stat aġġornat tal-proċeduri kriminali inkwistjoni (ara l-punti 87 u 88 iktar 'il fuq) li jikkonċernaw lill-persuni indikati fl-anness tad-Deċiżjoni 2011/172, li ma kienx jirrifletti tali bidla, bl-imsemmija proċeduri jkunu jidhru li kellhom segwitu normali, u saħansitra wasslu, f'ċerti każijiet, għall-għeluq tal-kawża fl-assenza ta' provi, jew għall-annullament tal-kundanni imposti fuq dawn il-persuni mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana.

147 Barra minn hekk, ma tistax tinsilet konklużjoni differenti mill-ksur allegat tad-drittijiet fundamentali li allegatament twettqu fl-Eġittu matul il-perijodu kkunsidrat, fil-kuntest ta' kunflitti bejn l-awtoritajiet u l-manifestanti, b'mod partikolari l-opponenti politiċi, u ta' politika kriminali repressiva fil-konfront ta' dawn tal-aħħar. Fil-fatt, mill-elementi prodotti mir-rikorrenti jirriżulta li dan il-ksur, anki fl-ipoteżi li dan seħħ fil-verità, seta' jinfluwenza l-proċeduri kriminali li jikkonċernaw lil dawk preżunti responsabbli mill-miżappropprjazzjoni ta' fondi pubbliċi li d-Deċiżjoni 2011/172 ġiet adottata fir-rigward tagħhom. Fir-rigward tal-elementi relatati ma' dawn il-proċeduri kriminali, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm dawn jissuġġerixxu li l-iżvolġiment ta' xi wħud minnhom seta' ġarrab il-pressjoni tal-opinjoni pubblika, minn dan ma jistax jiġi dedott ir-riskju li dawn il-proċeduri kollha kienu sistematikament ivvizzjati minn ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u għar-rispett tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

148 Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jitqiegħdux f'dubju mill-elementi relatati mal-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja li jirriżultaw, b'mod partikolari, mir-rapporti tal-IBAHRI, tas-Sur D. u tas-Sur M. Fil-fatt, ċertament, dawn ir-rapporti jirreferu għal lakuni fil-protezzjoni tal-indipendenza tal-awtoritajiet ġudizzjarji mill-kuntest legali Eġizzjan u għal funzjonamenti ħżiena prattiċi li jistgħu jdgħajfu l-implementazzjoni korretta tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest ta' din is-sistema. Madankollu, dawn ma jissuġġerixxux li dawn iċ-ċirkustanzi jikkompromettu, b'mod sistematiku, il-kapaċità tal-awtoritajiet ġudizzjarji Eġizzjani li jiggarantixxu l-osservanza tal-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-proċeduri kriminali bħal dawk li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill fil-kuntest tad-Deċiżjoni 2011/172.

149 Dawn il-kunsiderazzjonijiet lanqas jitqiegħdu f'dubju mis-sentenza tat-Tribunal pénal fédéral suisse (il-Qorti Kriminali Federali Svizzera) tat-12 ta' Diċembru 2012 u s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Liechtenstein tat-28 ta' Awwissu 2012 u tat-30 ta' Settembru 2013, invokati mir-rikorrenti. Fil-fatt, anki fl-ipoteżi fejn il-miżuri ġudizzjarji annullati minn dawn il-qrati jkunu paragunabbli għall-miżuri adottati fil-kuntest tad-Deċiżjoni 2011/172, fi kwalunkwe każ, minn dawn is-sentenzi jirriżulta li dawn kienu ttieħdu fir-rigward ta' ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi differenti minn dawk li huma rilevanti fil-kuntest ta' dan il-motiv. Fil-fatt, minn naħa, għandu jiġi osservat li, f'dawn is-sentenzi, il-qrati inkwistjoni ħadu deċiżjoni fir-rigward tal-fatti li setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, rispettivament, fl-2012 u fl-2013 u mhux fir-rigward tal-fatti li seħħew wara. Min-naħa l-oħra, il-miżuri annullati ma

kinux jikkostitwixxu sistema ta' miżuri, iżda miżuri individwali, u biex jintemmu dawn il-miżuri ma kienx meħtieġ li jintwerew, bħal f'dan il-każ, riskji ta' ksur sistematiku tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest ġudizzjarju Eġizzjan.

150 Fl-aħħar nett, id-dokumenti komplementari dwar is-sitwazzjoni ġenerali tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali prodotti mir-rikorrenti fl-2016 u fl-2017 ma jiġġustifikawx analiżi differenti fir-rigward tad-Deċiżjoni 2016/411 u d-Deċiżjoni 2017/496.

151 Minn naħa, id-dikjarazzjonijiet magħmula f'isem l-Unjoni bejn l-2011 u l-2016, li r-rikorrenti jinvokaw fil-kuntest tal-ewwel nota ta' adattament, ma jikkonċernawx il-proċeduri ġudizzjarji li l-Kunsill ibbaża ruħu fuqhom fil-kuntest tad-Deċiżjoni 2011/172. Barra minn hekk, il-fatt li l-awtoritajiet tal-Unjoni jesprimu t-tħassib tagħhom dwar ksur tad-drittijiet fundamentali u ksur tal-istat tad-dritt imwettqa fl-Eġittu jew jitolbu lill-awtoritajiet Eġizzjani jżommu lura minn tali ksur, inkluż fil-kuntest ġudizzjarju, ma jipprekludix, waħdu, li l-Kunsill jagħti assistenza lil dawn l-istess awtoritajiet fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji speċifiċi. B'mod partikolari, għandu jiġi nnotat li, fil-kuntest tal-politika intiża, partikolarment, għall-osservanza tal-istat tad-dritt u għar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-Eġittu, l-assistenza lill-awtoritajiet Eġizzjani fid-dawl tal-ġlieda kontra l-miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi ma tmurx kontra l-espressjoni ta' tħassib jew ta' talbiet intiżi għall-osservanza ta' dawn il-prinċipji minn dawn l-awtoritajiet stess, iżda tikkostitwixxi, għall-kuntrarju, suppliment.

152 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-rapport tal-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi, data ta' Settembru 2016, bit-titolu "Egypt's judiciary: A Tool of Repression, Lack of Effective Guarantee of Independence and Accountability", minn ebda element tal-fajl ma jirriżulta li r-rikorrenti kienu kkomunikaw dan ir-rapport lill-Kunsill qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2017/496. Għalhekk il-Kunsill ma jistax jiġi kkritikat li naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni elementi li jinsabu f'dan ir-rapport biex jiddetermina jekk it-tiġdid tad-Deċiżjoni 2011/172 kienx konformi jew le mal-għanijiet tal-politika li taqa' taħt il-kuntest tagħha. Barra minn hekk, ċertament, dawn l-elementi jikkoinċidu ma' dawk li jinsabu fir-rapporti tal-IBAHRI fir-rigward tal-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja Eġizzjana, inkluż għall-perijodu ta' wara dak kopert minn dawn l-aħħar rapporti. Madankollu, dawn l-elementi ma jirrigwardawx il-proċeduri kriminali li l-Kunsill ibbaża ruħu fuqhom u ma jissuġġerixxux li l-kapaċità tal-imsemmija sistema ġudizzjarja biex tiżgura r-rispett tad-drittijiet fundamentali hija sistematikament kompromessa fir-rigward ta' dawn il-proċeduri.

153 Fit-tieni lok, l-elementi prodotti mir-rikorrenti ma jurux li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkunsidra li kellu biżżejjed elementi għad-dispożizzjoni tiegħu biex jiddeċiedi b'mod raġonevoli li jkompli bil-kooperazzjoni mal-awtoritajiet Eġizzjani mnehdija fil-kuntest tad-Deċiżjoni 2011/172, mingħajr ma huwa meħtieġ li jwettaq verifiki komplementari.

154 Fil-fatt, ir-rikorrenti ma jistabbilixxux li, bit-twettiq b'mod impliċitu iżda neċessarju ta' tali evalwazzjoni, il-Kunsill wiżen b'mod manifestament żbaljat id-diversi elementi rilevanti għat-tkomplija ta' din il-kooperazzjoni, li kien jimplika b'mod partikolari t-teħid inkunsiderazzjoni, minn naħa, tal-iskop ta' din il-kooperazzjoni u, min-naħa l-oħra, tal-għanijiet tal-politika li din taqa' taħtha, jiġifieri l-appoġġ għall-proċess ta' stabbilizzazzjoni politika u ekonomika tal-Eġittu fl-osservanza tal-istat tad-dritt u fir-rispett tad-drittijiet fundamentali.

155 F'dan ir-rigward, sa fejn l-iskema ta' miżuri restrittivi stabbilita mid-Deċiżjoni 2011/172 għandha l-uniku skop li tiffaċilita l-konstatazzjoni mill-awtoritajiet Eġizzjani tal-miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi mwettqa u li żżomm il-possibbiltà, għal dawn l-awtoritajiet, li jirkupraw il-prodott ta' dawn il-miżappropriazzjonijiet, ma jistax jiġi eskluż li t-tiġdid ta' din is-sistema jibqa' rilevanti, inkluż fl-ipoteżi ta' żviluppi politiċi u ġudizzjarji sfavorevoli fir-rigward tal-progress tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt jew tar-rispett tad-drittijiet fundamentali. B'hekk, huwa l-kompitu tal-Kunsill li jevalwa jekk, fid-dawl tal-elementi għad-dispożizzjoni tiegħu, setax iqis b'mod raġonevoli li t-tkomplija tal-assistenza

lill-awtoritajiet Eġizzjani fil-ġlieda kontra l-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi kinitx għadha, inkluż f'tali kuntest, mezz xieraq li jiffavorixxi l-għanijiet ta' stabbiltà politika u ta' osservanza tal-istat tad-dritt fil-pajjiż.

156 Issa, minn naħa, bħalma ġie kkonstatat fil-punti 144 sa 152 iktar 'il fuq, l-elementi prodotti mir-rikorrenti ma jippermettux, waħedhom, li jiġi konkluż li l-kapaċità tal-awtoritajiet ġudizzjarji Eġizzjani biex jiggarantixxu l-osservanza tal-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji li d-Deċiżjoni 2011/172 hija bbażata fuqhom hija definittivament kompromessa mill-imsemmija żviluppi politiċi u ġudizzjarji.

157 Min-naħa l-oħra, il-Kunsill seta' jieħu inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' garanziji offruti mill-kuntest legali Eġizzjan. B'hekk, b'mod partikolari mir-rapporti tal-IBAHRI kien jirriżulta li, minn naħa, l-Eġittu huwa parti għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi kif ukoll għal strumenti tad-dritt internazzjonali reġjonali dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u li, min-naħa l-oħra, l-indipendenza tas-setgħa ġudizzjarja hija ggarantita mill-kostituzzjoni Eġizzjana, fejn, barra minn hekk, kien sar progress f'dan il-qasam mill-kostituzzjoni l-ġdida adottata fi Frar 2014. Barra minn hekk, mill-indikazzjonijiet tal-memorandum tal-PGO tad-9 ta' Frar 2015 imsemmija fil-punt 86 iktar 'il fuq, dwar ir-rimedji ġudizzjarji offruti mill-proċedura kriminali Eġizzjana lill-persuni imsemmija fid-Deċiżjoni 2011/172, kien jirriżulta li dawn il-proċeduri kienu jaqgħu taħt kuntest ġuridiku li joffri garanzija fir-rigward tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-persuni kkonċernati. Barra minn hekk, bħalma ġie enfasizzat fil-punt 146 iktar 'il fuq, mill-istat aġġornat tal-proċeduri kriminali inkwistjoni pprovdut ukoll mill-awtoritajiet Eġizzjani bl-għan tal-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496 kien jirriżulta li ċerti persuni imsemmija fl-anness tad-Deċiżjoni 2011/172 kienu kisbu l-annullament tal-kundanna tagħhom.

158 F'dan ir-rigward, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-memorandum tal-PGO tad-9 ta' Frar 2015, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw l-inammissibbiltà tiegħu fil-kuntest ta' dan il-motiv sa fejn huwa intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni 2015/486, peress li huwa stabbilit li l-Kunsill seta' jibbaża ruħu fuq il-kontenut tiegħu għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, bħalma ġie kkonstatat fil-punt 88 iktar 'il fuq, il-kontenut ta' dan il-memorandum ġie riprodott fil-memorandum tan-NCRAA tal-5 ta' Diċembru 2016, ikkomunikat lir-rikorrenti qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2017/496. Barra minn hekk, fit-tweġiba bil-miktub, bid-data tal-21 ta' April 2017, għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-Kunsill daħħal dawn il-memoranda fil-proċess tal-kawża. Ir-rikorrenti għalhekk setgħu jippreżentaw osservazzjonijiet relatati mal-kontenut ta' dan id-dokument, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tweġiba tagħhom bil-miktub, bid-data tal-1 ta' Ġunju 2017, għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali u matul is-seduta.

159 Fl-aħħar nett, bħalma ġie enfasizzat fil-punt 151 iktar 'il fuq, il-fatt li l-Kunsill jagħti assistenza lill-awtoritajiet Eġizzjani fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi ma jikkontradixxix l-espressjoni ta' tħassib u ta' talbiet min-naħa tal-awtoritajiet tal-Unjoni fir-rigward ta' ksur possibbli tad-drittijiet fundamentali u tal-istat tad-dritt imwettqa fl-Eġittu.

160 Għaldaqstant, il-Kunsill ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkunsidra li kellu biżżejjed elementi għad-dispożizzjoni tiegħu dwar il-kuntest politiku u ġudizzjarju Eġizzjan biex ikompli bil-kooperazzjoni mal-awtoritajiet Eġizzjani mnehdija fil-kuntest tad-Deċiżjoni 2011/172 u li l-elementi prodotti mir-rikorrenti ma kinux jiġġustifikaw proċediment, qabel it-tiġdid ta' din id-deċiżjoni, għal verifiki komplementari.

*– Fuq it-tielet argument, ibbażat fuq ir-riskju li d-dritt għal smigħ xieraq tal-ewwel rikorrent ma jiġix irrispettat fil-kuntest tal-proċeduri kriminali li huwa s-suġġett tagħhom fl-Eġittu*

161 Fir-rigward ta' dan l-argument, għandu jiġi nnotat li, anki fl-ipoteżi fejn l-elementi prodotti mir-rikorrenti jindikaw riskju li l-awtoritajiet Eġizzjani ma jiggarantixxux lill-ewwel rikorrent ir-rispett tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, din iċ-ċirkustanza hija biss ta' natura li taffettwa, jekk ikun il-każ,

il-legalità tat-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti fl-anness tad-Deċiżjoni 2011/172. Min-naħa l-oħra, din ma tistax taffettwa l-legalità tat-tiġdid tas-sistema ta' ffriżar ta' fondi prevista mill-Artikolu 1(1) ta' din id-deċiżjoni.

162 Fil-fatt, il-kriterji stabbiliti mill-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 jipprevedu, b'mod ġenerali u astratt, l-inklużjoni tal-persuni responsabbli mill-miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi Eġizzjani u tal-persuni assoċjati magħhom. Dawn il-kriterji ma jimplikawx l-eżistenza ta' rabta bejn l-inklużjoni ta' dawn il-persuni u l-proċeduri kriminali speċifiċi li l-ewwel rikorrent huwa s-suġġett tagħhom.

163 Barra minn hekk, ir-riskju ta' ksur tad-dritt għal smigħ xieraq tal-ewwel rikorrent ma jistax jikkostitwixxi, waħdu, l-indizju ta' ksur sistematiku ta' dan id-dritt li jista' jaffettwa d-drittijiet tal-persuni kollha indikati fl-anness tad-Deċiżjoni 2011/172.

164 Konsegwentement, sa fejn dan huwa insostenn ta' eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172, kif imġedded mid-Deċiżjoni 2015/486, dan l-argument huwa ineffettiv. Dan l-argument jista' jkun rilevanti biss fil-kuntest tat-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur, mid-deċiżjonijiet ikkontestati, tal-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali. Għalhekk għandu jsir l-eżami tiegħu f'dan il-kuntest.

165 Għaldaqstant, minn dak kollu li ntqal jirriżulta li r-rikorrenti ma wrewx n-natura manifestament mhux xierqa tat-tiġdid, mid-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496, tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Eġittu u, konsegwentement, l-eżistenza ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Għalhekk l-ewwel parti ta' dan il-motiv għandha tiġi miċħuda kollha kemm hi, mingħajr il-ħtieġa li tiġi eżaminata l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill, fir-risposta, fil-konfront tal-eċċezzjoni ta' illegalità li hija bbażata fuqha l-imsemmija parti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-256/11, EU:T:2014:93, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

*2) Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' bażi legali tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 270/2011*

166 Ir-rikorrenti jinvokaw in-nuqqas ta' bażi legali tar-Regolament Nru 270/2011 li, fil-fehma tagħhom, la jista' jkun ibbażat fuq l-Artikolu 215(3) TUE, minħabba nuqqas ta' deċiżjoni valida, u lanqas fuq il-paragrafu 2 tal-istess artikolu, fl-assenza ta' rabta bejnhom u l-gvern ta' pajjiż terz.

167 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi nnotat, minn naħa, li, bħalma jirriżulta mill-punti 118 sa 165 iktar 'il fuq, din l-eċċezzjoni ta' illegalità, sa fejn hija intiża għall-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172, kif imġedded mid-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496, għandha tiġi miċħuda u, min-naħa l-oħra, li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-kuntest tar-rikorsi tar-rikorrenti fil-Kawżi T-256/11 u T-279/13, li r-Regolament Nru 270/2011 kien legalment ibbażat fuq l-Artikolu 215(2) TFUE, fejn id-dispożizzjoni tippermetti l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fir-rigward ta' kwalunkwe persuna, sakemm dawn kienu previsti minn deċiżjoni adottata fil-kuntest tal-PESK (sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-256/11, EU:T:2014:93, punti 30 sa 33, u digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78, punt 49). B'hekk, din l-eċċezzjoni ta' illegalità hija infondata u, mingħajr il-ħtieġa li tiġi eżaminata l-ammissibbiltà tagħha, għandha tiġi miċħuda.

168 Għaldaqstant, għandha tiġi miċħuda din il-parti u, għalhekk, għandu jiġi miċħud l-ewwel motiv kollu kemm hu.

***c) Fir-rigward tat-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kunsill tal-Artikolu 6 TUE, flimkien mal-Artikoli 2 u 3 TUE, u tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta***

169 It-tieni motiv jinkludi żewġ partijiet.

170 Fil-kuntest tal-ewwel parti, ir-rikorrenti jaffermaw li, skont l-Artikolu 6 TUE, flimkien mal-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(5) TUE, il-Kunsill għandu l-obbligu li jippromwovi d-drittijiet fundamentali. Dawn isostnu li l-Kunsill, minn naħa, naqas milli jiżgura li d-drittijiet fundamentali tagħhom kienu ġew rispettati u, min-naħa l-oħra, ibbaża ruħu fuq preżunzjoni inkontestabbli li l-awtoritajiet Eġizzjani josservaw tali rispett, għall-kuntrarju tar-rekwiżiti tal-ġurisprudenza (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, N. S. *et*, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punti 105 u 106, u tas-16 ta' Ottubru 2014, LTTE vs Il-Kunsill, T-208/11 u T-508/11, EU:T:2014:885, punt 139). Madankollu huma jqisu li d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq u għall-preżunzjoni tal-innoċenza, stabbilit fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, inkiser fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji li huma s-suġġett tagħhom fl-Eġittu. Fit-tweġiba tagħhom fid-data tal-4 ta' Ottubru 2017 għall-mistoqsija tal-Qorti Ġenerali dwar l-effett, għal din il-kawża, tas-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Il-Kunsill vs LTTE (C-599/14 P, EU:C:2017:583), huma jsostnu li din is-sentenza tikkonferma l-pożizzjoni tagħhom.

171 Barra minn hekk, bħalma ġie indikat fil-punt 164 iktar 'il fuq, ma' dan il-motiv jintrabat ukoll l-argument imqajjem mir-rikorrenti fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li l-għanijiet tad-Deċiżjoni 2011/172 intiżi fil-premessa 1 tagħha jipprekludu t-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom, bit-teħid inkunsiderazzjoni tar-riskju, indikat mill-elementi li huma pproduċew lill-Kunsill, li l-awtoritajiet Eġizzjani ma humiex se jiggarantixxu lill-ewwel rikorrent ir-rispett tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Dan l-argument, li huwa bbażat fuq bażi distinta mill-argument tar-rikorrent insostenn tal-ewwel parti ta' dan il-motiv, għandu jitqies bħala li jifforma t-tieni parti ta' dan il-motiv.

172 Il-Kunsill jikkontesta l-portata li r-rikorrenti, fil-kuntest ta' dan il-motiv, għandhom l-għan li jagħtu għall-obbligu tiegħu li jieħu inkunsiderazzjoni l-allegazzjonijiet tagħhom relatati mal-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-ewwel rikorrent fil-kuntest tal-proċeduri kriminali li huwa s-suġġett tagħhom.

173 B'mod preliminari, għandu jiġi nnotat li d-dibattitu bejn il-partijiet, fil-kuntest ta' dan il-motiv, ma jirrigwardax, bħal fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, il-kwistjoni jekk l-ommissjoni mill-Kunsill li jipproċedi għal verifiki dwar l-osservanza tal-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-Eġittu affettwatx, kollha kemm hi, il-legalità tat-tiġdid tal-iskema ta' miżuri restrittivi adottata fil-kuntest tad-Deċiżjoni 2011/172. Dan jirrigwarda l-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' rikonoxximent, allegatament mill-Kunsill, tal-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq tal-ewwel rikorrent fil-kuntest tal-proċeduri kriminali li dan tal-aħħar huwa s-suġġett tagħhom affettwax il-legalità tal-miżuri individwali ta' tiġdid tal-iffriżar tal-assi, minn naħa, tiegħu u, min-naħa l-oħra, tat-tieni sar-raba' rikorrenti.

174 Barra minn hekk, dejjem b'mod preliminari, għandu jiġi nnotat li r-rikorrenti, mill-inqas fil-kuntest tar-rikors, ma jallegawx ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u tal-preżunzjoni tal-innoċenza tat-tieni sar-raba' rikorrenti fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji li huma s-suġġett tagħhom. Madankollu dawn tal-aħħar huma indikati fl-anness tad-Deċiżjoni 2011/172 minħabba li huma s-suġġett ta' proċeduri ġudizzjarji marbuta mal-proċeduri kriminali li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent. Għalhekk, minn dan għandu jiġi dedott li r-rikorrenti jqisu li l-invalidità tal-inklużjoni tal-ewwel rikorrent li tirriżulta mill-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu twassal għal dik tal-inklużjoni tat-tieni sar-raba' rikorrenti.

175 Qabel kollox għandha tiġi eżaminata t-tieni parti.

*1) Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq il-fatt li t-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti tmur kontra l-għanijiet intiżi fil-premessa 1 tad-Deċiżjoni 2011/172*

176 Għandu jitfakkar li, bħalma ġie kkonstatat fil-punt 68 iktar 'il fuq, l-iskop tad-Deċiżjoni 2011/172, jiġifieri li tiġi ffaċilitata l-konstatazzjoni mill-awtoritajiet Eġizzjani tal-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi mwettqa u li tinżamm il-possibbiltà għal dawn l-awtoritajiet li jirkupraw il-prodott ta' dawn il-miżapproprjazzjonijiet, ma għandu l-ebda rilevanza fir-rigward, b'mod partikolari, tal-għanijiet ta' promozzjoni tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem, intiżi fil-premessa 1 ta' din id-deċiżjoni, li dan l-iffriżar tal-assi jikkontribwixxi għalihom, jekk l-imsemmija konstatazzjoni u l-imsemmi rkupru jkunu vvizzjati minn ċaħda tal-ġustizzja, jew saħansitra jkunu arbitrarji.

177 Fil-każ kuntrarju, tali ffriżar tal-assi, skont l-evidenza, la jkun jista' jikkontribwixxi għall-ġlieda tal-awtoritajiet Eġizzjani kontra l-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u lanqas ikun jista', *a fortiori*, jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-politika ta' promozzjoni tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem tal-politika li d-Deċiżjoni 2011/172 taqa' fil-kuntest tagħha u jkun għalhekk manifestament sproporzjonat fir-rigward ta' dawn l-għanijiet.

178 Madankollu, fil-kuntest ta' din il-parti, ir-rikorrenti jsostnu li l-elementi li huma ssottomettew lill-Kunsill kienu juru li dan tal-aħħar kellu jistenna li l-awtoritajiet Eġizzjani ma joffrux lill-ewwel rikorrent trattament xieraq, indipendenti u imparzjali fil-kuntest tal-proċeduri kriminali li huwa kien is-suġġett tagħhom. Konsegwentement, sabiex jintlaqa' dan l-argument, huwa neċessarju li l-elementi pprovduti mir-rikorrenti jirreferu, b'mod manifest, għal ksur gravi biżżejjed tad-dritt għal smigħ xieraq u tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-ewwel rikorrent biex il-Kunsill jitwassal għall-konklużjoni li minn dan jirriżulta probabbilment dannu irriversibbli għal dan tal-aħħar fil-kuntest tal-proċedura kriminali inkwistjoni u li t-tmiem tagħha probabbilment isarraf f'ċaħda tal-ġustizzja. Dawn l-elementi għalhekk kienu konklużivi biżżejjed biex jikkonvinċu lill-Kunsill, fid-dawl tal-eżami tagħhom biss, li ma setax iġedded iktar l-iffriżar tal-assi tar-rikorrenti, ħlief jekk jadotta deċiżjoni manifestament mhux xierqa fir-rigward tal-għanijiet tagħha.

179 F'dan ir-rigward, sa fejn din il-parti hija intiża għat-tiġdid tad-Deċiżjoni 2011/172 fl-2015, hemm lok li jitfakkar li, qabel id-Deċiżjoni 2015/486, ir-rikorrenti pprovdew, b'mod partikolari, lill-Kunsill ir-rapporti tas-Sur D. u tas-Sur M., deskritti fil-punti 92 sa 98 iktar 'il fuq, li jittrattaw direttament il-kwistjoni tal-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-ewwel rikorrent fil-kuntest tal-proċeduri kriminali speċifiċi. Hemm lok ukoll li jitfakkar li, bħalma jirriżulta mill-punti 99 u 103 iktar 'il fuq, il-Kunsill, f'din id-data, seta' jkun jaf ukoll bil-motivi tas-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana li tiddeċiedi fil-kuntest tal-proċeduri kriminali, fejn dawn il-motivi jistgħu jkunu rilevanti għall-evalwazzjoni tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti relatati mal-imsemmi ksur. Fl-aħħar nett, l-elementi relatati mas-sistema ġudizzjarja Eġizzjana, imsemmija fil-punti 140 sa 142 iktar 'il fuq, setgħu jikkostitwixxu elementi ta' kuntest bl-għan li tiġi evalwata l-probabbiltà tar-riskju li l-eżitu tal-proċeduri kriminali li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent jiġi alterat minn tali ksur.

180 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li r-rapporti tas-Sur D. u tas-Sur M. fihom ċertu għadd ta' elementi li jissuġġerixxu li d-diversi komponenti tad-dritt għal smigħ xieraq ma ġewx osservati fl-istadji tal-proċedura kriminali osservati f'dawn ir-rapporti u jikkonkludu t-tnejn li huma li hemm riskju ta' fraġilità ġuridika tad-deċiżjonijiet li jiddeċiedu dwar il-fondatezza tal-akkużi miġjuba fil-konfront tal-ewwel rikorrent.

181 Fl-ewwel lok, ir-rapporti inkwistjoni fihom ċertu għadd ta' osservazzjonijiet li jissuġġerixxu li l-kundizzjonijiet li żvolġew fihom is-seduti li huma jiddeskrivu ma kinux adegwati għalkollox għall-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża tal-akkużati, inkluż tal-ewwel rikorrent, minħabba, l-ewwel nett, id-diffikultà għall-avukati, u ferm iktar għall-ewwel rikorrent, li jsegwu l-iżvolġiment tas-seduta u jipparteċipaw fiha f'kundizzjonijiet normali, it-tieni nett, id-diffikultà tal-avukati tal-ewwel rikorrenti li jikkomunikaw miegħu u, it-tielet nett, il-limitazzjonijiet imposti mill-Qorti Kriminali għall-possibbiltà,

għall-akkużati u r-rappreżentanti tagħhom, li jippreżentaw provi u li jipproduċu xhieda li jiskaġunaw kif ukoll li jikkontestaw b'mod utli l-elementi u x-xhieda prodotti mill-akkuża, u saħansitra, għall-akkużati stess, li jitkellmu.

182 Fit-tieni lok, ir-rapporti inkwistjoni, b'mod partikolari r-rapport tas-Sur D., jallegaw, essenzjalment, li l-ilmenti, min-naħa tal-ewwel rikorrent, li huwa s-suġġett ta' nuqqas ta' imparzjalità huma oġġettivament iġġustifikati. Minn naħa, skont ir-rapport tas-Sur D., it-terminu partikolarment qasir tal-investigazzjonijiet tal-prosekutur u l-assenza ta' akkużi minn produtturi Eġizzjani oħra li bbenefikaw minn liċenzji tal-enerġija mingħajr ħlas jikkostitwixxu indizji ta' preġudizzju sfavorevoli għal din il-persuna li jivvizzja l-imsemmija investigazzjonijiet. Bl-istess mod, l-awtur ta' dan ir-rapport iqis li preġudizzju analogu min-naħa tal-qorti ssarraf, matul is-seduti, f'atitudni kkontrastata mill-Qorti Kriminali fir-rigward, minn naħa, tad-diversi interventi inkriminanti, u saħansitra aġir ostili pprovokat mix-xhieda li jiskaġunaw u, min-naħa l-oħra, minn interventi ta' avukati tad-difiża u tal-akkużati. Min-naħa l-oħra, ir-rapport tas-Sur M. jiddeduċi nuqqas ta' imparzjalità, min-naħa tal-Qorti Kriminali inkwistjoni, kemm fir-rigward tal-viċinanza spazjali tal-membri tal-kulleġġ ġudikanti mal-prosekutur kif ukoll tal-interventi tal-president tiegħu li jidhru li jesprimu rieda li tiffavorixxi l-akkuża.

183 Fit-tielet lok, mir-rapport tagħhom jirriżulta li s-Sur D. u s-Sur M. qiesu li l-kundizzjonijiet ma kinux issodisfatti għaż-żamma tar-rispett tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-ewwel rikorrent. Fir-rigward tas-Sur D., huwa jinvoka, minn naħa, ir-riċerka insuffiċjenti tal-provi fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tal-akkuża, immexxija, fil-fehma tiegħu, b'mod imħaffef u, min-naħa l-oħra, il-vantaġġ mogħti lill-akkuża mill-Qorti Kriminali minħabba ġestjoni tal-iżvolġiment tas-seduta li tħalli l-impressjoni, fil-fehma tiegħu, li l-Qorti Kriminali kienet tibża' "tidher tikkritika attitudni ostili lejn iċ-ċittadini". Fir-rigward tas-Sur M., huwa jqis li, minn naħa, il-miżuri ta' iżolament fiżiku meħuda fir-rigward tal-akkużati matul is-seduta u, min-naħa l-oħra, il-kopertura medjatika tas-seduta, iġġudikata intrużiva, setgħu kisru l-osservanza ta' dan il-prinċipju.

184 Fir-raba' u l-aħħar lok, fir-rapport tiegħu, is-Sur D. jesprimi dubji fir-rigward tal-indipendenza, f' dan il-każ, tal-awtoritajiet ġudizzjarji fuq il-bażi tal-istess indizji li wassluh iqajjem dubju dwar l-imparzjalità tagħhom. Huwa jenfasizza, b'mod partikolari, l-effett probabbli, fil-fehma tiegħu, tal-biża' tal-opinjoni pubblika dwar l-evalwazzjoni mill-qorti tal-ħtija tal-ewwel rikorrent.

185 Sussegwentement, minn żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana jirriżulta li, fil-kuntest tal-proċeduri kriminali fil-Kawżi Nri 38 u 291 tal-2011, din il-qorti nnotat l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni, minn naħa, tal-oġġezzjonijiet tar-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, tat-talbiet tagħhom għal sospensjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li, fit-tliet proċeduri kriminali inkwistjoni (Kawżi Nri 38, 107 u 291 tal-2011), il-qorti tal-ewwel istanza ġiet ikkritikata, b'mod partikolari, li ma wrietx li l-ħtija tal-akkużati kienet tibbaża fuq provi preċiżi u, fil-Kawża Nru 291 tal-2011, li ppreżumiet il-ħtija tal-ewwel rikorrent fir-rigward tal-fatti ta' miżappropjazzjoni ta' fondi pubbliċi fiż-żewġ kawżi l-oħra, li kienu jikkostitwixxu prerekwiżit neċessarju għall-istabbiliment tal-ħtija tiegħu fil-fatti ta' ħasil tal-flus li kienu jifformaw is-suġġett tal-kawża.

186 Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnotat li r-rapporti tal-IBAHRI kienu jidentifikaw ċerti karatteristiċi u ċerti funzjonamenti ħżiena inerenti għas-sistema ġudizzjarja Eġizzjana ta' natura li taffettwa l-indipendenza tal-awtoritajiet ġudizzjarji (ara l-punti 140 u 141 iktar 'il fuq).

187 B'kunsiderazzjoni ta' dan, għandu jiġi nnotat li, irrispettivament mir-rilevanza tal-elementi li jinsabu fid-dokumenti inkwistjoni għall-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u għar-rispett tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-ewwel rikorrent, fi kwalunkwe każ, dawn ma kinux ta' natura, waħedhom, li jwasslu lill-Kunsill għall-konklużjoni li l-affidabbiltà tal-proċeduri kriminali li jikkonċernaw lil din il-persuna jkunu probabbilment affettwati b'mod irriversibbli, minn ksur gravi tal-imsemmija drittijiet u, konsegwentement, li tobbliga t-tmiem, b'mod definittiv, tal-inklużjoni tar-rikorrenti. Fil-fatt, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-informazzjoni li l-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni

tiegħu fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2015/486, l-ipoteżi li dawn il-proċeduri jistgħu jwasslu, għall-kuntrarju, għal deċiżjoni finali li ma tkunx ivvizzjata minn tali ksur ma kinitx mingħajr plawżibbiltà.

188 F'dan ir-rigward, fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2015/486, mill-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Eġizzjani dwar l-istat tal-proċeduri kriminali li l-ewwel rikorrent kien is-suġġett tagħhom (ara l-punti 82, 83 u 87 iktar 'il fuq) kien jirriżulta li, wara l-annullament mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana tas-sentenzi tal-ewwel istanza, il-kawżi kienu ntbagħtu mill-ġdid quddiem il-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu u kienu segwew il-kors tagħhom. Ġie ppreċiżat, barra minn hekk, li, fil-Kawża Nru 107 tal-2011, kienet intalbet perizja u li, fil-Kawża Nru 291 tal-2011, il-proċedura kienet ġiet sospiża sakemm tittieħed deċiżjoni definittiva fil-Kawżi Nri 38 u 107 tal-2011.

189 Konsegwentement, abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kunsill seta' jqis raġonevolment li l-qorti Eġizzjana li għandha ġurisdizzjoni tkun tista' tiddeċiedi mill-ġdid fuq il-mertu, fuq rinviju tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana, f'kundizzjonijiet ħielsa miċ-ċirkustanzi allegati fir-rapporti tas-Sur D. u s-Sur M. bħala li jkunu ta' natura li tikser id-dritt tal-ewwel rikorrent għal smigħ xieraq u li, konsegwentement, dawn il-kundizzjonijiet jippermettu li jitneħħa r-riskju li dawn id-deċiżjonijiet ma jkunux affidabbli.

190 B'mod partikolari, din l-informazzjoni tissuġġerixxi li, fil-kawżi inkwistjoni, ċerti kunsiderazzjonijiet, li l-annullament deċiż mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana huwa bbażat fuqhom, kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-proċedura tar-rinviju. B'hekk, ma jistax jiġi eskluż li l-perizja mitluba fil-kuntest tal-Kawża Nru 107 tal-2011 għandha l-iskop li tislet il-konsegwenzi mill-konstatazzjoni ta' din il-qorti li skontha l-intenzjoni kriminali tal-akkużati ma kinitx stabbilita. Bl-istess mod, is-sospensjoni tal-proċedura fil-Kawża Nru 291 tal-2011 tidher li tissodisfa l-konstatazzjoni ta' din l-istess qorti li, biex tkun tista' tiddeċiedi dwar din il-kawża, il-qorti tal-ewwel istanza ppreżumiet il-ħtija tal-ewwel rikorrent fil-fatti ta' miżappropprjazzjoni ta' fondi pubbliċi li kienu jirrigwardawhom il-Kawżi Nri 38 u 107 tal-2011.

191 Barra minn hekk, fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2015/486, ir-rikorrenti ma pproduċewx elementi intiżi biex jissuġġerixxu li d-dritt għal smigħ xieraq u għar-rispett tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-ewwel rikorrent inkiser fil-kuntest tar-rinviju tal-Kawżi Nri 38, 107 u 291 tal-2011 quddiem il-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu, wara d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana.

192 Fi kwalunkwe każ, mill-memorandum tal-PGO tad-9 ta' Frar 2015 il-Kunsill seta' jiddeduċi li l-ewwel rikorrent kellu l-possibbiltà li jippreżenta, quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana, rikors ġdid kontra d-deċiżjoni li tittieħed mill-qorti tal-ewwel istanza, li, skont il-każ, tiddeċiedi b'mod definittiv fuq il-mertu, f'każ li hija tilqa' l-appell. Issa, quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti ma kkontestawx l-eżattezza ta' din l-informazzjoni.

193 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi konkluż li, fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2015/486, l-informazzjoni li l-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu ma kinitx tippermetti li jiġi preżunt li l-ewwel rikorrent ikun probabbilment ikkundannat fuq il-bażi ta' ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u għar-rispett tal-preżunzjoni tal-innoċenza u li dan il-ksur probabbilment joħloq dannu irriversibbli għar-rikorrenti. Id-deċiżjoni li tiġġedded l-inklużjoni tar-rikorrenti fl-anness tad-Deċiżjoni 2011/172 għalhekk ma kinitx manifestament mhux xierqa fir-rigward tal-għanijiet, minn naħa, tal-iffriżar tal-assi tagħhom u, min-naħa l-oħra, tal-politika ta' appoġġ għall-awtoritajiet Eġizzjani fil-kuntest li l-imsemmi ffriżar jaqa' taħtu.

194 L-elementi prodotti mir-rikorrenti qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2016/411 u tad-Deċiżjoni 2017/496 ma kinux ta' natura li tiġġustifika li, fl-2016 u fl-2017, il-Kunsill jimmodifika l-pożizzjoni tiegħu dwar jekk kienx hemm lok li tiġġedded l-inklużjoni tagħhom.

195 Minn naħa, fil-kuntest tal-ewwel nota ta' adattament, ir-rikorrenti jinvokaw tliet elementi, jiġifieri, l-ewwel nett, parir legali tar-rappreżentanti legali Eġizzjani tagħhom, tal-10 ta' Marzu 2016, li minnhom jirriżulta li d-deċiżjoni tal-qorti Eġizzjana, tat-23 ta' Frar 2011, li tivvalida d-digriet ta' ffriżar tal-fondi tagħhom stabbilit mill-Prosekutur Ġenerali Eġizzjan fil-21 ta' Frar 2011 kienet ġiet adottata bi ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq, it-tieni nett, it-tul taż-żmien totali akkumulat tal-pieni differenti ta' priġunerija imposti fuq l-ewwel rikorrent, li jikkostitwixxu trattament inuman u degradanti fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta u tal-Artikolu 3 tal-KEDB u, it-tielet nett, il-fatt li, fl-ittra tagħhom tat-2 ta' Frar 2016, l-awtoritajiet Eġizzjani jirreferu għal diversi investigazzjonijiet ġudizzjarji li l-ewwel rikorrent u r-rappreżentanti legali tiegħu fl-Eġittu ma kinux informati dwarhom, skont dokument tat-28 ta' Frar 2016 li joriġina minn dawn tal-aħħar.

196 Fir-rigward tal-ewwel element, jiġifieri parir legali tar-rappreżentanti legali Eġizzjani tar-rikorrenti, tal-10 ta' Marzu 2016, ma huwiex ikkontestat li r-rikorrenti hemżuh mal-ittra bid-data tal-14 ta' Marzu 2016 mibgħuta minn kull wieħed minnhom lill-Kunsill.

197 F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li, qabel kollox, bħalma jirriżulta mill-ittra tal-awtoritajiet Eġizzjani bid-data tal-14 ta' Marzu 2016, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jivvalidaw id-digrieti ta' ffriżar ta' fondi stabbiliti mill-Prosekutur Ġenerali Eġizzjan jistgħu jiġu kkontestati f'terminu ta' tliet xhur. Din l-informazzjoni ma ġietx ikkontestata mir-rikorrenti. Madankollu, fil-parir legali tar-rappreżentanti legali tagħhom fl-Eġittu, li invokaw ir-rikorrenti, ma jissemmiex rikors kontra d-deċiżjoni tal-qorti Eġizzjana bid-data tat-23 ta' Frar 2011 jew tal-kontenut tas-sentenza eventwali li tiddeċiedi dwar tali rikors. Konsegwentement, anki fl-ipoteżi li l-allegazzjonijiet li jinsabu f'dan il-parir legali huma konklużivi biżżejjed, minnhom ma jirriżulta bl-ebda mod li l-protezzjoni ġudizzjarja prevista mid-dritt Eġizzjan fir-rigward tad-deċiżjonijiet bħal dik tat-23 ta' Frar 2011 ma kinitx effettiva.

198 Sussegwentement, ir-rikorrenti ma jikkontestawx li d-digriet ta' ffriżar ta' fondi tal-21 ta' Frar 2011, ivvalidat b'deċiżjoni ġudizzjarja tat-23 ta' Frar 2011, huwa ġġustifikat mill-eżistenza ta' proċedura kriminali attwali fil-Kawża Nru 38 tal-2011 għal fatti kkwalifikati mill-Prosekutur Ġenerali Eġizzjan bħala miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi u min-neċessità li tiġi evitata, b'mod kawtelatorju, l-evażjoni ta' fondi possibbilment miżappropriati. Konsegwentement, indipendentement mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-kwalifika kriminali tal-imsemmija fatti, li ma tqajmitx fil-kuntest ta' dan il-motiv, il-ksur allegat fil-parir legali tal-10 ta' Marzu 2016 ma jistax ikun ta' natura, fi kwalunkwe każ, li jikkontesta l-bażi tal-imsemmi digriet u tal-applikazzjoni tiegħu għall-assi tar-rikorrenti kollha. Barra minn hekk, ma huwiex ikkontestat li, bħalma jirriżulta mill-istess ittra tal-awtoritajiet Eġizzjani, ir-raba' rikorrenti kisbet mill-Prosekutur Ġenerali Eġizzjan, fuq talba tagħha, l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni, b'mod partikolari, tad-digriet ta' ffriżar ta' fondi tal-21 ta' Frar 2011 ta' ċerti assi li kienu proprjetà tagħha qabel iż-żwieġ tagħha. Konsegwentement, jidher li d-deċiżjoni ta' validazzjoni tad-digriet ta' ffriżar ta' fondi tat-23 ta' Frar 2011 ma tippreġudikax il-possibbiltà, b'mod partikolari, għat-tieni sar-raba' rikorrenti, li jippreżentaw talbiet intiżi għall-esklużjoni ta' xi wħud mill-beni tagħhom mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi digriet u li jaraw għalhekk l-effetti negattivi tiegħu fuq id-dritt għall-proprjetà tagħhom limitati għal dak li huwa neċessarju biex jissodisfa l-għanijiet ta' dan id-digriet. Konsegwentement, il-Kunsill kellu d-dritt li jqis li dan id-digriet, li bbaża ruħu fuqu biex jipproċedi għall-inklużjoni ta' dawn il-persuni, kien affidabbli, minkejja l-allegazzjonijiet li jinsabu fil-parir legali bid-data tal-10 ta' Marzu 2016.

199 Fl-aħħar nett, ma huwiex ikkontestat li, bħalma jirriżulta mill-ittra tal-awtoritajiet Eġizzjani bid-data tal-14 ta' Marzu 2016, kienu ġew adottati żewġ digrieti oħra ta' ffriżar ta' assi fil-konfront tar-rikorrenti kollha fir-rigward tal-Kawżi Nri 107 u 291 tal-2011 u li dawn id-digrieti kienu għadhom fis-seħħ fid-data ta' din l-ittra. Konsegwentement, anki fl-ipoteżi li l-allegazzjonijiet li jinsabu fil-parir legali tal-10 ta' Marzu 2016 jistgħu jikkontestaw il-possibbiltà, għall-Kunsill, li jibbaża ruħu fuq id-digriet tal-21 ta' Frar 2011 għall-inklużjoni tat-tieni sar-raba' rikorrent, fi kwalunkwe każ, dawn ma setgħux jobbligawh itemm it-tiġdid ta' din l-inklużjoni, peress li din setgħet tkun ibbażata, mill-inqas, fuq id-digrieti l-oħra msemmija iktar 'il fuq.

200 Fir-rigward tat-tieni element, jiġifieri t-tul taż-żmien totali tal-pieni ta' priġunerija imposti fuq l-ewwel rikorrent, fl-ipoteżi li dan l-element huwa rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-ksur tad-dritt tal-ewwel rikorrent għal smigħ xieraq u għall-preżunzjoni tal-innoċenza, mill-annessi tal-proċess ma jirriżultax li dan kien ġie sottomess lill-Kunsill qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2016/411. Fi kwalunkwe każ, huwa biżżejjed li jiġi nnotat li s-sentenza tal-QEDB tad-9 ta' Lulju 2013, Vinter *et* vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:2013:0709JUD 006606909), iċċitata mir-rikorrenti insostenn tal-allegazzjonijiet tagħhom, ma tippermettix li jiġi konkluż li l-kundanna għal tul taż-żmien ta' priġunerija bħal dik li tirriżulta mill-kumulu tal-pieni imposti fuq l-ewwel rikorrent tikkostitwixxi, waħedha, indipendentement mill-kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni ta' dawn il-pieni, ksur tal-projbizzjoni tat-trattamenti inumani u degradanti. Barra minn hekk, it-tul taż-żmien totali akkumulat ta' 54 sena ta' priġunerija, invokat mir-rikorrenti, ġie kkalkolat fuq il-bażi tal-kundanni deċiżi mill-qorti tal-ewwel istanza fil-kuntest tal-proċeduri kriminali fil-Kawżi Nru 38, 107 u 291 tal-2011. Madankollu dawn id-deċiżjonijiet kienu ġew annullati mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana u ma hemm xejn li jippermetti li jiġi preżunt li, fil-kuntest tal-proċedura tar-rinviju, ser jiġu deċiżi mill-ġdid pieni ta' priġunerija ta' tul taż-żmien akkumulat analogu fil-konfront tal-ewwel rikorrent. Għalhekk il-ksur allegat, fi kwalunkwe każ, huwa purament ipotetiku.

201 Fir-rigward tat-tielet element, jiġifieri l-investigazzjonijiet ġudizzjarji li l-ewwel rikorrent u r-rappreżentanti legali tiegħu ma kinux ġew informati dwarhom, hemm lok li jiġi nnotat li dan l-element huwa relatat ma' investigazzjonijiet fi tliet kawżi li jikkonċernaw, fil-Kawża Nru 376 tal-2013, fatti ta' ħasil tal-flus, fil-Kawża Nru 4 tal-2011, fatti ta' profitti illegali u, fil-Kawża Nru 274 tal-2012 (li saret il-Kawża Nru 244 tal-2015), għal darba oħra, fatti ta' ħasil tal-flus. Issa, b'differenza mill-proċeduri kriminali fil-Kawżi Nru 38, 107 u 291 tal-2011, ma hemm xejn fir-riferiment għal dawn il-kawżi fl-ittra tal-awtoritajiet Eġizzjani tat-2 ta' Jannar 2016 li jippermetti li tiġi stabbilita rabta bejn dawn l-investigazzjonijiet u fatti ta' miżappropjazzjoni ta' fondi pubbliċi fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172. Konsegwentement, il-Kunsill, fi kwalunkwe każ, ma setax jibbaża ruħu fuq dawn l-investigazzjonijiet għall-inklużjoni tar-rikorrenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Al Matri vs Il-Kunsill, T-200/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:275, punti 48 u 73), b'tali mod li l-ksur allegatament imwettaq fil-kuntest ta' dawn l-investigazzjonijiet ma jistax, fi kwalunkwe każ, ikollu effett fuq it-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti.

202 Minn naħa, fit-tieni nota ta' adattament, ir-rikorrenti jinvokaw, barra minn hekk, it-tqegħid f'detenzjoni provviżorja tal-ewwel rikorrent, fis-7 ta' Marzu 2017, li, fil-fehma tagħhom, tikser id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-kostituzzjoni Eġizzjana u l-Artikolu 143 tal-Liġi tal-Proċedura Kriminali Eġizzjana kif ukoll il-garanziji kontra d-detenzjoni arbitrarja stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-KEDB.

203 Skont l-elementi prodotti mir-rikorrenti, l-ewwel rikorrent inizjalment kien tqiegħed f'detenzjoni provviżorja fil-Kawża Nru 107 tal-2011 għal tul taż-żmien ta' 30 xahar sakemm din tasal fi tmiemha, permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti Kriminali bid-data tal-5 ta' Awwissu 2013, bil-perijodu massimu ta' 18-il xahar previst għal dan il-għan mill-Artikolu 143 tal-Liġi tal-Proċedura Kriminali Eġizzjana jkun skada. Ir-rikorrenti jqisu li t-tqegħid f'detenzjoni provviżorja ta' din il-persuna fi tmiem is-seduta tas-7 ta' Marzu 2017 f'din l-istess kawża jmur kontra dawn id-dispożizzjonijiet u ma jibbaża fuq l-ebda ġustifikazzjoni. Insostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet, huma jipproduċu, b'mod partikolari, kopja tal-Artikolu 54 tal-kostituzzjoni Eġizzjana tat-18 ta' Jannar 2014 u tal-Artikolu 143 tal-Liġi tal-Proċedura Kriminali, tal-opinjoni ta' ġuristi Eġizzjani dwar l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, it-talba ta' rilaxx immedjat tal-ewwel rikorrent imressqa mir-rappreżentanti legali tiegħu fl-Eġittu fit-8 ta' April 2017 kif ukoll il-ġurisprudenza tal-QEDB dwar l-Artikolu 5 tal-KEDB.

204 Madankollu, għandu jiġi nnotat li, fl-ittra tiegħu tas-7 ta' Marzu 2017 lill-Kunsill, l-ewwel rikorrent illimita ruħu li jafferma li t-tqegħid tiegħu f'detenzjoni provviżorja kien sar, skont ir-rappreżentanti legali tiegħu fl-Eġittu, bi ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u għalhekk kien diġà nżamm għal tul taż-żmien itwal minn tliet snin u li l-kundanni tiegħu kienu ġew annullati mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana. Min-naħa l-oħra, l-ewwel rikorrent ma esponiex, f'din l-ittra, l-elementi prodotti mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali insostenn tal-allegazzjonijiet tagħhom ta' ksur

tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali Eġizzjan u tal-garanziji kontra d-detenzjoni arbitrarja, inkluża l-kopja tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali Eġizzjan. Barra minn hekk, mill-annessi tal-proċess jirriżulta li l-ewwel rikorrent ipproduċa lill-Kunsill, qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2017/496, elementi konkreti li jippermettu li jissostanzja l-affermazzjoni tiegħu li kien effettivament tqiegħed f'detenzjoni provviżorja fi tmiem is-seduta fid-data tas-7 ta' Marzu 2017.

205 Madankollu għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-legalità ta' att tal-Unjoni għandha tiġi evalwata skont punti ta' fatt u ta' liġi eżistenti fid-data meta jkun ġie adottat l-att (ara s-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2015, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Kummissjoni, C-398/13 P, EU:C:2015:535, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-4 ta' Settembru 2015, NIOC *et* vs Il-Kunsill, T-577/12, mhux ippubblikata, EU:T:2015:596, punt 112 u l-ġurisprudenza ċċitata).

206 Konsegwentement, il-legalità tat-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti fl-2017 ma tistax tiġi evalwata fid-dawl tal-elementi li kienu pproduċew għall-ewwel darba fil-kuntest tat-tieni nota ta' adattament, intiżi fil-punti 202 u 203 iktar 'il fuq. Fil-fatt, dawn l-elementi, fi kwalunkwe każ, ma jistgħux jiġu invokati utilment biex juru żball mill-Kunsill fl-evalwazzjoni tal-elementi miġjuba għall-għarfien tiegħu mir-rikorrenti qabel l-adozzjoni, b'mod partikolari, tad-Deċiżjoni 2017/496.

207 F'dawn il-kundizzjonijiet, anki fl-ipoteżi li t-tqegħid f'detenzjoni provviżorja tal-ewwel rikorrent ikun rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u għall-preżunzjoni tal-innoċenza, l-informazzjoni prodotta lill-Kunsill fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2017/496 ma kinitx tippermetti, fi kwalunkwe każ, li jiġi konkluż, b'mod evidenti, dwar l-eżistenza jew anki dwar il-probabbiltà ta' ksur gravi tad-drittijiet fundamentali tal-ewwel rikorrent b'tali mod li t-tiġdid tal-inklużjoni tiegħu jmur manifestament kontra l-għanijiet tad-Deċiżjoni 2011/172.

208 Fil-fatt, minn naħa, din l-informazzjoni ma kinitx tippermetti li tiġi żgurata, b'mod konkluživ biżżejjed, ir-realtà tat-tqegħid f'detenzjoni provviżorja tal-ewwel rikorrent u tal-portata effettiva tagħha. Min-naħa l-oħra, iċ-ċirkustanzi li skonthom l-ewwel rikorrent kien inżamm fil-passat għal perijodu li jaqbeż it-tliet snin u li skonthom il-pieni ta' priġunerija li ġew imposti fuqu kienu ġew annullati ma kinux, fihom infushom, ta' natura li tiżvela n-natura illegali jew arbitrarja ta' dan it-tqegħid f'detenzjoni provviżorja. Konsegwentement, din l-informazzjoni ma setgħetx tobbliga lill-Kunsill itemm l-inklużjoni tal-ewwel rikorrent.

209 Għalhekk it-tieni parti tat-tieni motiv tista' biss tiġi miċħuda.

*2) Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kunsill naqas milli jiżgura ruħu li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kienu ġew rispettati u applika preżunzjoni inkontestabbli għar-rispett, mill-awtoritajiet Eġizzjani, ta' dawn id-drittijiet fundamentali*

210 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat UE u tal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw l-obbligi tal-Kunsill relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali, il-Kunsill ma setax, fil-preżenza tal-elementi li ġew prodotti lilu, japplika għad-detriment tagħhom preżunzjoni inkontestabbli tar-rispett tad-dritt għal smigħ xieraq u għar-rispett tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-ewwel rikorrent u jżomm lura, konsegwentement, milli jipproċedi għal verifiki. Fil-fehma tagħhom, bit-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom fuq il-bażi, b'mod partikolari, tal-proċeduri kriminali li jikkonċernaw lil din il-persuna mingħajr it-twettiq ta' investigazzjonijiet, il-Kunsill ikkonferma l-ksur tad-drittijiet tagħha li seħħ fil-kuntest tal-imsemmija proċeduri.

211 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' miżuri restrittivi, li għandhom portata individwali għall-persuni kkonċernati, il-Kunsill huwa suġġett għall-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba li jeżiġi, b'mod partikolari, li huwa jeżamina bir-reqqa u b'imparzjalità l-provi li ntbagħtu lilu,

fir-rigward, b'mod partikolari, tal-osservazzjonijiet u tal-elementi possibbli li jiskaġunaw, prodotti minn dawn il-persuni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punti 114, 115 u 119).

212 Konsegwentement, l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta teżiġi stħarriġ, fil-prinċipju, komplet tal-legalità tar-raġunijiet li hija bbażata fuqhom id-deċiżjoni tal-inklużjoni tal-isem ta' persuna fil-lista ta' persuni li jkunu s-suġġett ta' miżuri restrittivi. B'mod partikolari, il-qorti tal-Unjoni għandha tiżgura li din id-deċiżjoni, li għandha portata individwali għal din il-persuna, tibbaża fuq bażi fattwali soda biżżejjed (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

213 B'mod partikolari, bħalma kkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 69 iktar 'il fuq, fil-kuntest tas-sistema ta' miżuri restrittivi tad-Deċiżjoni 2011/172, l-eżistenza ta' proċeduri ġudizzjarji fl-Eġittu fil-konfront tal-persuna kkonċernata ma tistax tikkostitwixxi bażi fattwali soda biżżejjed jekk ikun hemm lok li jiġi preżunt li d-deċiżjoni meħuda fi tmiem dawn il-proċeduri ma hijiex se tkun affidabbli, jiġifieri, b'mod partikolari, kontra r-rekwiżiti li joħorġu mid-dritt għal smigħ xieraq u għar-rispett tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

214 Konformement mal-prinċipji ġenerali msemmija iktar 'il fuq, għalhekk huwa l-kompitu tal-Qorti Ġenerali li teżerċita stħarriġ, fil-prinċipju, komplet dwar jekk il-Kunsill issodisfax id-dmir tiegħu li jeżamina bir-reqqa u b'imparzjalità filwaqt li jiżgura li seta' jikkunsidra bħala affidabbli l-proċeduri kriminali li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent. B'mod partikolari, dan l-istħarriġ jimplika li jiġi vverifikat jekk il-Kunsill qiesx, ġustament, li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu biżżejjed elementi biex jikkunsidra li dan kien il-każ f'dan il-każ, minkejja l-allegazzjonijiet kuntrarji tar-rikorrenti.

215 Ċertament, il-Kunsill ma jistax ikun marbut jitlob lill-awtoritajiet Eġizzjani informazzjoni supplimentari fl-assenza ta' elementi konkreti ta' natura li tissostanzja dawn l-allegazzjonijiet. Madankollu, huwa ma għandu l-ebda margni ta' diskrezzjoni biex jiddetermina jekk l-elementi prodotti mir-rikorrenti kinux jeħtieġu li huwa jipproċedi għal dawn l-approċċi (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punti 68 sa 73).

216 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 110 sa 112 iktar 'il fuq, fid-dawl tad-dokumenti għad-dispożizzjoni tal-Kunsill u tal-ispjegazzjonijiet ipprovduti minn dan tal-aħħar, li dan qies li l-elementi prodotti mir-rikorrenti, indipendentement mir-rilevanza tagħhom u l-kredibbiltà tagħhom, ma kinux iqajmu dubju dwar l-evalwazzjoni li seta' jwettaq tar-rispett tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji Eġizzjani, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-memorandum tal-PGO tad-9 ta' Frar 2015, ikkonfermat mill-memorandum tan-NCRAA tal-5 ta' Diċembru 2016. Barra minn hekk [*kunfidenzjali*].

217 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-elementi prodotti mir-rikorrenti u l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Kunsill fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kunsill ma setax ikun marbut jipproċedi għal verifiki komplementari.

218 Ċertament, bħalma turi d-deskrizzjoni tal-kontenut tal-memorandum tal-PGO tad-9 ta' Frar 2015 fil-punti 85 u 86, dan il-memorandum u dak tan-NCRAA tal-5 ta' Diċembru 2016, li għandu kontenut identiku, huma llimitati sabiex jesponu l-kuntest ġuridiku li jaqgħu fih il-proċeduri kriminali li jikkonċernaw lill-persuni indikati fil-lista annessa għad-Deċiżjoni 2011/172 u li jipprovdu garanziji ġenerali fir-rigward tar-rispett mill-awtoritajiet ġudizzjarji Eġizzjani tad-dritt għal smigħ xieraq u għall-preżunzjoni tal-innoċenza. Min-naħa l-oħra, dan ma fihx elementi ta' tweġiba speċifiċi għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti relatati mal-ksur tal-imsemmija drittijiet fil-kuntest tal-proċeduri kriminali li l-ewwel rikorrent kien is-suġġett tagħhom u għall-elementi insostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet, li jirriżultaw, b'mod partikolari, mir-rapporti tas-Sur D. u tas-Sur M.

219 Madankollu, bħalma ġie nnotat fil-punt 188 iktar 'il fuq, fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2015/486, il-Kunsill kellu ċertu għadd ta' informazzjoni dwar l-istadji ulterjuri tal-proċeduri kriminali li kienu jirrigwardawhom l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali.

220 Fl-ewwel lok, il-Kunsill kien informat, mill-inqas sa mis-sena 2014, bl-annullament, mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana, tal-kundanni deċiżi fir-rigward tal-ewwel rikorrent fl-ewwel istanza. Il-Kunsill għalhekk seta', ġustament, iqis li l-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u għar-rispett tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-ewwel rikorrent, li, skont, b'mod partikolari, ir-rapporti tas-Sur D. u tas-Sur M., kien ivvizzja l-proċedura li wasslet għall-imsemmija kundanni, ma setax iktar, anki jekk jiġi preżunt stabbilit, jibdel l-affidabbiltà tal-proċeduri kriminali inkwistjoni.

221 Il-kontenut tas-sentenzi inkwistjoni tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana, li, bħalma ġie nnotat fil-punt 103 iktar 'il fuq, il-Kunsill kien diġà seta' jsir jaf dwarhom fil-kuntest tar-rikors tar-rikorrenti fil-Kawżi T-375/14 sa T-378/14, kien jippermetti li tiġi kkonfermata din l-analiżi. Fil-fatt, mill-motivi ta' dawn is-sentenzi jirriżulta li d-deċiżjonijiet tal-qorti tal-ewwel istanza ma ġewx annullati minħabba irregolaritajiet tal-proċedura biss, iżda minħabba żbalji ta' liġi li jaffettwaw ir-raġunament sottostanti għal dawn id-deċiżjonijiet kollha kemm huma u relatati, b'mod partikolari, bħalma ġie kkonstatat fil-punt 185 iktar 'il fuq, ma' insuffiċjenzi li jikkonċernaw it-teħid inkunsiderazzjoni tal-oġġezzjonijiet tal-akkużati u mad-dimostrazzjoni tal-ħtija tagħhom. Konsegwentement, seta' jiġi dedott li, fil-kuntest tar-rinviju tal-kawża quddiem il-qorti tal-ewwel istanza, kien il-kompitu ta' din tal-aħħar li teżamina kompletament mill-ġdid, fuq il-mertu, ir-responsabbiltà tal-akkużati u, jekk ikun il-każ, is-sanzjonijiet riżultanti.

222 Barra minn hekk il-Kunsill seta' jiddeduċi leġittimament minn dawn is-sentenzi li l-protezzjoni ġudizzjarja żgurata mill-possibbiltà, fid-dritt kriminali Eġizzjan, li jiġi ppreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana kienet effettiva fir-rigward tal-ewwel rikorrent u kienet tikkostitwixxi garanzija konkreta għall-protezzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u għall-preżunzjoni tal-innoċenza. Din l-analiżi setgħet tiġi kkonfermata mill-fatt li, fil-kuntest tal-proċeduri kriminali fil-Kawżi Nri 38 u 291 tal-2011, is-sentenzi inkwistjoni ta' din il-qorti kienu ordnaw li l-kawżi jiġu assenjati lil kulleġġ ġudikanti ieħor u li, fil-kuntest tal-proċedura kriminali fil-Kawża Nru 107 tal-2011, il-kawża tiġi assenjata lil qorti oħra.

223 Fit-tieni lok, bħalma ġie nnotat fil-punt 190 iktar 'il fuq, mill-perizja mitluba fil-kuntest tal-Kawża Nru 107 tal-2011 u tas-sospensjoni tal-proċedura fil-kuntest tal-Kawża Nru 291 tal-2011, fl-istennija tal-għoti tad-deċiżjoni li tiddeċiedi b'mod definittiv fil-Kawżi Nri 38 u 107 tal-2011, fatti mhux ikkontestati mir-rikorrenti, seta' jiġi dedott li l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana li wasslu għall-annullament tal-kundanni tal-ewwel rikorrent kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni mill-qorti tal-ewwel istanza.

224 Fit-tielet lok, il-possibbiltà, imsemmija fil-memorandum tal-PGO tad-9 ta' Frar 2015, li jiġi ppreżentat, fil-kuntest tal-kawżi kriminali, tieni appell quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana li jwassal, f'każ li dan jintlaqa', għal deċiżjoni ta' din tal-aħħar li tiddeċiedi b'mod definittiv fuq il-mertu kienet tikkostitwixxi element, ċertament insuffiċjenti, fih innifsu, biex jitneħħa kull riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-ewwel rikorrent, iżda li ma kienx inqas rilevanti f' dan il-każ.

225 Fil-fatt, bħalma ġie kkonstatat fil-punt 222 iktar 'il fuq, sa fejn il-motivi tas-sentenzi tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana kienu jesprimu l-eżistenza ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, il-Kunsill seta' jippreżumi raġonevolment li, f'każ li l-ewwel rikorrent jitwassal biex jippreżenta tieni appell mid-deċiżjonijiet tal-qorti tal-ewwel istanza li jiddeċiedu dwar ir-rinviju fil-proċeduri kriminali inkwistjoni, tali protezzjoni ġudizzjarja tingħatalu mill-ġdid.

226 Fir-raba' u l-aħħar lok, mill-punt 191 iktar 'il fuq jirriżulta li r-rikorrenti, fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2015/486, ma kienu affermaw l-ebda element ta' natura li tqanqal mistoqsijiet leġittimi dwar ir-riskju li d-dritt għal smigħ xieraq u għar-rispett tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-ewwel rikorrent inkiser mill-qorti tal-ewwel istanza wara r-rinviju tal-kawżi inkwistjoni mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana.

227 F'dawn il-kundizzjonijiet, għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-informazzjoni kollha li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu f'din id-data, il-Kunsill seta', ġustament, iqis li kellu biżżejjed elementi li jippermettu li jiġi konkluż, minn naħa, li l-ksur allegat tad-drittijiet fundamentali tal-ewwel rikorrent, jekk jiġi preżunt stabbilit, lanqas ma seta' jinfluwenza l-kors tal-proċeduri kriminali inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, li kinux jeżistu motivi leġittimi għal tħassib li t-tmiem ta' dawn il-proċeduri kriminali jista' jinbidel minn tali ksur li jseħħ fi stadju ulterjuri. Konsegwentement, il-Kunsill seta' jippreżumi raġonevolment, fuq il-bażi ta' dawn l-elementi, li l-imsemmija proċeduri kriminali kienu affidabbli mingħajr il-ħtieġa li jipproċedi, f'dan ir-rigward, għal verifiki komplementari mal-awtoritajiet Eġizzjani.

228 Fir-rigward tal-elementi prodotti mir-rikorrenti dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet 2016/411 u 2017/496, mill-analiżi tagħhom, fil-punti 195 sa 208 iktar 'il fuq, għandu jiġi dedott li dawn ma kinux ta' natura li tqiegħed din l-evalwazzjoni f'dubju.

229 Fil-fatt, minn naħa, mill-punti 197 sa 201 iktar 'il fuq jirriżulta li r-rikorrenti ma stabbilixxewx li l-ksur tad-drittijiet fundamentali li huma allegaw bl-għan li jikkontestaw it-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom fl-2016 seta' jinfluwenza l-affidabbiltà tal-proċeduri kriminali li l-Kunsill seta' jibbaża fuqhom biex jipproċedi għal dan it-tiġdid.

230 Min-naħa l-oħra, mill-punti 204 sa 208 iktar 'il fuq jirriżulta li l-elementi prodotti mir-rikorrenti lill-Kunsill qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2017/496, li kienu ssostanzjati b'mod insuffiċjenti, ma kinux ta' natura, waħedhom, li jqanqlu mistoqsijiet leġittimi dwar ir-riskju li d-drittijiet fundamentali tal-ewwel rikorrent kienu nkisru minħabba t-tqegħid tiegħu f'detenzjoni provviżorja allegat u li l-Kunsill ma jistax jiġi kkritikat li ma ħax inkunsiderazzjoni l-elementi li huma pproduċew għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali bl-għan li juru l-eżistenza ta' tali ksur. Huwa l-kompitu tal-Kunsill li jevalwa jekk, jekk ikun il-każ, dawn l-aħħar elementi jeħtiġux il-kisba mill-awtoritajiet Eġizzjani ta' informazzjoni supplimentari bl-għan ta' tiġdid ulterjuri possibbli tal-inklużjoni tar-rikorrenti.

231 Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jitqiegħdu f'dubju mis-sentenza tat-Tribunal pénal fédéral suisse (il-Qorti Kriminali Federali Svizzera) tat-12 ta' Diċembru 2012 u s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Liechtenstein tat-28 ta' Awwissu 2012 u tat-30 ta' Settembru 2013, iċċitati mir-rikorrenti insostenn tal-allegazzjonijiet tagħhom. Fil-fatt, ċertament, bħalma ġie indikat fil-punti 101 u 102 iktar 'il fuq, dawn id-deċiżjonijiet annullaw miżuri ta' għajnuna legali adottati fir-rigward tal-awtoritajiet Eġizzjani, mhux minħabba ksur tad-dritt għal smigħ xieraq tal-persuni kkonċernati, iżda minħabba r-riskju li l-persuni kkonċernati jġarrbu dannu minħabba tali ksur. Barra minn hekk, fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-aħħar żewġ sentenzi msemmija iktar 'il fuq, dawn kienu relatati ma' talba tal-awtoritajiet Eġizzjani bbażata fuq il-proċeduri kriminali li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent u l-qorti inkwistjoni ħadet deċiżjoni, b'mod partikolari, fir-rigward tal-rapporti tal-IBAHRI u tas-Sur M., li wkoll intbagħtet lill-Kunsill. B'kunsiderazzjoni ta' dan, bħalma ġie nnotat fil-punt 149 iktar 'il fuq, anki bis-suppożizzjoni li l-miżuri ta' għajnuna legali annullati minn dawn il-qrati jkunu paragunabbli għall-miżuri li jikkonċernaw lir-rikorrenti f'dan il-każ, id-deċiżjonijiet meħuda mill-imsemmija qrati kienu jibbażaw fuq ċirkustanzi ta' fatt differenti minn dawk li sar jaf dwarhom il-Kunsill. Fil-fatt, bħalma ġie kkonstatat fil-punti 218 sa 230 iktar 'il fuq, fir-rigward tal-informazzjoni kollha li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu fid-data tad-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kunsill seta', ġustament, iqis li ma kinux jeżistu motivi leġittimi għal tħassib li t-tmiem tal-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lir-rikorrenti jista' jinbidel minn ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq u għall-preżunzjoni tal-innoċenza.

232 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li, fir-rigward tal-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tiegħu, il-Kunsill ma wettaqx żball ta' evalwazzjoni tal-elementi li ġew sottomessi lilu mir-rikorrenti relatati ma' ksur tad-drittijiet fundamentali mwettqa fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernawhom fl-Eġittu meta qies li dawn ma ħtiġux verifiki komplementari. Huwa għalhekk bi żball li r-rikorrenti jaffermaw li l-Kunsill applika, għad-detriment tagħhom, preżunzjoni inkontestabbli tar-rispett ta' dawn id-drittijiet mill-awtoritajiet Eġizzjani u kiser l-obbligu tiegħu li jħares tali rispett, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet stabbiliti mill-Artikoli 47 u 48 tal-Karta. Għalhekk l-ewwel parti tat-tieni motiv u, għaldaqstant, dan il-motiv kollu kemm hu jistgħu biss jiġu miċħuda.

### *2. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' osservanza tal-kriterji ġenerali tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 u tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 270/2011*

233 Permezz tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jsostnu li t-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom ma huwiex konformi mal-kriterji ġenerali tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 u tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 270/2011, minħabba, minn naħa, li l-Kunsill ma pproduċiex l-elementi li jippermettu li jiġi stabbilit jekk huma kinux ġew irrikonoxxuti bħala responsabbli mill-miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi Eġizzjani u, min-naħa l-oħra, li huwa ma weriex li l-motiv li huwa bbażat fuqu dan it-tiġdid, jiġifieri l-fatt li huma kienu s-suġġett ta' proċeduri ġudizzjarji mnehdija mill-awtoritajiet Eġizzjani għall-miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi fuq il-bażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC), kien ibbażat fuq bażi fattwali suffiċjenti. Dan il-motiv jinkludi, essenzjalment, erba' partijiet. Permezz tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-ewwel rikorrent ma huwiex is-suġġett ta' proċeduri ġudizzjarji għal miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi fis-sens tal-UNCAC, billi l-fatti li ġie akkużat bihom ma jistgħux jingħataw tali kwalifika. Permezz tat-tieni parti, huma jsostnu li, bħalma juru s-sentenzi tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana li annullaw il-kundanni kriminali tal-ewwel rikorrent, il-proċeduri mnehdija fil-konfront ta' dan tal-aħħar ma huma bbażati fuq l-ebda prova. Permezz tat-tielet parti, huma jsostnu li l-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent jissodisfaw motivi politiċi. Permezz tar-raba' parti, huma jaffermaw, essenzjalment, li l-elementi prodotti mill-awtoritajiet Eġizzjani fir-rigward tas-sitwazzjoni individwali tat-tieni sar-raba' rikorrenti ma jikkostitwixxux bażi suffiċjenti għall-inklużjoni tagħhom.

234 Min-naħa tiegħu, il-Kunsill jikkontesta l-fatt li r-rikorrenti jillimitaw ruħhom li jirriproduċu l-argumenti li kienu ġew espressament miċħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali fis-sentenzi tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill (C-220/14 P, EU:C:2015:147), u tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93), u jiksru l-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata*. Barra minn hekk, fl-osservazzjonijiet dwar in-nota ta' adattament, huwa jafferma li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi miżmum fil-kuntest tas-sistema ta' miżuri restrittivi stabbilita fil-kuntest tad-Deċiżjoni 2011/172 għandha tingħata preferenza fil-konfront ta' interpretazzjoni differenti mogħtija fil-kuntest ta' sistema oħra ta' miżuri restrittivi.

#### *a) Kunsiderazzjonijiet preliminari*

235 Fl-ewwel lok, għandu jiġi nnotat li, sa fejn id-deċiżjonijiet ikkontestati jirrigwardaw il-ksur tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 270/2011, dan il-motiv huwa ineffettiv. Fil-fatt, dawn id-deċiżjonijiet huma relatati biss mat-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti fl-anness tad-Deċiżjoni 2011/172. Dawn il-kriterji għalhekk ma humiex applikabbli f'dan il-każ. B'hekk, dan il-motiv għandu jiġi eżaminat fuq il-mertu biss sa fejn dan jirrigwarda l-ksur tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 u mġedda mid-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496.

236 Fit-tieni lok, bħalma jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 64 u 65 iktar 'il fuq, minħabba n-natura u l-għan tal-iffriżar tal-assi tar-rikorrenti, huwa l-kompitu tal-Kunsill, fid-dawl tal-inklużjoni tar-rikorrenti, li jivverifika li, minn naħa, il-provi li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu kienu jippermettu li jiġi stabbilit li dawn il-persuni kienu s-suġġett ta' proċedura ġudizzjarja waħda jew iktar attwali

marbuta ma' fatti li jistgħu jaqgħu taħt il-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u li, min-naħa l-oħra, din jew dawn il-proċeduri kienu jippermettu li jiġu kkwalifikati konformement mal-kriterji tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172.

237 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li, bħalma jinnota l-Kunsill, il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidew dwar jekk huwa setax, ġustament, jibbaża ruħu fuq il-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lir-rikorrenti biex jipproċedi għall-inklużjoni inizjali tagħhom fir-rigward tal-kriterji stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172.

238 Fil-fatt, minn naħa, fis-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93), il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kunsill seta', ġustament, idaħħal l-isem tar-rikorrenti fl-anness tad-Deċiżjoni 2011/172 minħabba s-sempliċi fatt li huma kienu s-suġġett ta' proċedura ġudizzjarja fl-Eġittu b'konnessjoni, irrispettivament liema, mal-investigazzjonijiet li jirrigwardaw miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi. Fil-fatt, il-kriterji ddefiniti fl-Artikolu 1(1) ta' din id-deċiżjoni jinkludu kemm persuni suġġetti għal proċeduri kriminali skont l-involviment tagħhom, ta' gradi differenti, fil-fatti ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi Eġizzjani kif ukoll persuni assoċjati, li huma s-suġġett ta' proċeduri relatati ma' dawn il-proċeduri, b'mod partikolari ta' miżuri kawtelatorji maħsuba biex iżommu l-assi possibbilment miżapproprjati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-256/11, EU:T:2014:93, punti 67, 95 u 97). Barra minn hekk, meta ddeċidiet dwar l-appell minn din is-sentenza fil-Kawża C-220/14 P, il-Qorti tal-Ġustizzja approvat ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali (sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill, C-220/14 P, EU:C:2015:147, punti 71 sa 73).

239 Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali, fis-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93, punti 132 sa 134 u 137 sa 140), qieset li l-provi prodotti mill-awtoritajiet Eġizzjani lill-Kunsill kienu jippermettu, minn naħa, li jitqies li l-fatti li ġie akkużat bihom ir-rikorrent minn dawn l-awtoritajiet ingħataw, min-naħa ta' dawn tal-aħħar, kwalifika li kienet tikkorrispondi għall-kunċett ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u, min-naħa l-oħra, li jitqies li t-tieni sar-raba' rikorrenti, li kienu fil-mira ta' digriet ta' ffriżar ta' assi mill-Prosekutur Ġenerali Eġizzjan, approvat minn qorti kriminali u relatat ma' investigazzjonijiet li jirrigwardaw fatti ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi, kienu s-suġġett ta' proċedura ġudizzjarja marbuta ma' investigazzjonijiet li jirrigwardaw miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, min-naħa tagħha, li dan ir-raġunament ma kienx ivvizzjat minn żball ta' liġi (sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill, C-220/14 P, EU:C:2015:147, punti 75 sa 84).

240 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li, fil-Kawża T-279/13, il-Qorti Ġenerali, meta ddeċidiet dwar rikors ippreżentat, b'mod partikolari, kontra t-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti mid-Deċiżjoni 2013/144, ċaħdet bħala manifestament infondat motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-kriterji li jinsabu, b'mod partikolari, fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172, kif imġedda mid-Deċiżjoni 2013/144, minħabba li l-ilmenti stabbiliti insostenn ta' dan il-motiv kienu diġà ġew miċħuda mill-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-256/11 (digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78, punti 54 sa 64).

241 Minn dan isegwi li, konformement mal-ġurisprudenza li tikkonċerna lill-awtorità relattiva ta' *res judicata*, imfakkra fil-punt 52 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma għandhomx id-dritt, fil-kuntest ta' dan il-motiv, li jqajmu dubju dwar il-legalità tal-inklużjoni inizjali tagħhom jew tat-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom mid-Deċiżjoni 2013/144 billi jissottomettu lill-Qorti Ġenerali kwistjonijiet li diġà ġew deċiżi mill-motivi tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali u tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punti 238 sa 240 iktar 'il fuq.

242 Barra minn hekk, l-ilmenti jew l-argumenti stabbiliti fil-kuntest tal-partijiet differenti li jifformaw dan il-motiv, li jibbażaw fuq l-istess punti ta' fatt u ta' liġi bħal dawk eżaminati mill-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja fil-motivi msemmija iktar 'il fuq tad-deċiżjonijiet tagħhom, se jkunu jistgħu biss jiġu miċħuda bħala manifestament infondati.

243 Madankollu, bħalma ġie indikat fil-punt 53 iktar ’il fuq, huwa l-kompitu tal-Qorti Ġenerali li tivverifika jekk ir-rikorrenti jipproduċux, f’dan il-kuntest, punti ġodda ta’ fatt u ta’ liġi li hija għadha ma eżaminatx u jekk dawn tal-aħħar humiex ta’ natura li jqajmu dubju dwar il-konformità tat-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom mal-kriterji tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172.

244 Fit-tielet lok, għandu jiġi nnotat li, fil-prinċipju, fil-kuntest tat-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti, huwa l-kompitu tal-Kunsill biss li jivverifika li r-rikorrenti jkunu għadhom s-suġġett tal-istess proċeduri ġudizzjarji. Fil-fatt, peress li, fil-mument tal-inklużjoni inizjali tagħhom, il-Kunsill seta’ jiżgura ruħu, b’mod suffiċjenti fid-dritt, li r-responsabbiltà ta’ dawn il-persuni fil-fatti li jistgħu jiġu kkwalifikati bħala miżappropprjazzjoni ta’ fondi pubbliċi kienet, mill-inqas, ikkontestata fil-kuntest ta’ dawn il-proċeduri jew, sussidjarjament, li huma kienu s-suġġett ta’ proċeduri ġudizzjarji relatati bħala persuni assoċjati, huwa ma jistax ikun marbut jipproċedi, *ex officio*, għal tali verifika għal kull tiġdid ta’ din l-inklużjoni. Tali obbligu jista’ jeżisti biss fil-preżenza ta’ elementi ġodda li jkunu intiżi li jpoġġu dubju dwar l-involviment ta’ dawn il-persuni jew il-kwalifika tal-imsemmija fatti.

245 F’dan ir-rigward, bħalma tfakkar fil-punt 66 iktar ’il fuq, ma huwiex il-kompitu tal-Kunsill, fil-prinċipju, li jevalwa l-eżattezza u r-rilevanza tal-elementi li l-proċeduri ġudizzjarji Eġizzjani huma bbażati fuqhom, peress li din l-evalwazzjoni hija l-kompitu tal-awtoritajiet Eġizzjani. Il-Kunsill huwa marbut biss, fir-rigward b’mod partikolari tal-osservazzjonijiet tar-rikorrent, jitlob mingħand l-awtoritajiet Eġizzjani kjarifiki dwar l-imsemmija elementi jekk ikollu mistoqsijiet leġittimi dwar in-natura suffiċjenti tal-provi diġà prodotti minn dawn l-awtoritajiet.

246 Huwa fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati l-partijiet differenti ta’ dan il-motiv.

***b) Fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq il-klassifikazzjoni ġuridika żbaljata tal-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent***

247 Insostenn tal-ewwel parti tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jaffermaw li waħda biss mill-kawżi li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent, jiġifieri l-Kawża Nru 38 tal-2011, hija relatata ma’ fatti kkwalifikati mill-awtoritajiet Eġizzjani bħala miżappropprjazzjoni ta’ fondi pubbliċi. Huma jsostnu, f’dan ir-rigward, li l-fatti li huma ġew akkużati bihom ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala miżappropprjazzjoni ta’ fondi pubbliċi, fis-sens tal-UNCAC, b’mod partikolari minħabba li huma marbuta mal-attivitajiet ta’ kumpannija privata, minn naħa, u minħabba li l-aġir li ġie akkużat bih ir-rikorrent ma twettaqx bħala uffiċjal pubbliku, min-naħa l-oħra. Fil-kuntest tal-ewwel nota ta’ adattament, huma jżidu li, fost il-kawżi li jikkonċernawhom imsemmija fl-ittra tal-awtoritajiet Eġizzjani tat-2 ta’ Jannar 2016, erba’ biss minnhom huma relatati ma’ proċeduri ġudizzjarji. Barra minn hekk, huma jikkontestaw il-kwalifika ta’ miżappropprjazzjoni ta’ fondi pubbliċi fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, u b’mod partikolari tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali u tad-“dritt internazzjonali ġenerali”. Huma jsostnu wkoll li l-Kunsill għandu jibbaża ruħu fuq definizzjoni awtonoma ta’ dan il-kunċett, distinta mill-portata li ngħatat lilu mill-awtoritajiet Eġizzjani. Fil-kuntest tat-tieni nota ta’ adattament, huma jaffermaw li l-konformità mad-definizzjoni, fid-dritt tal-Unjoni, tal-kunċett ta’ miżappropprjazzjoni ta’ fondi pubbliċi għandha tiġi evalwata fir-rigward ta’ tliet kundizzjonijiet li jinkludu l-użu illegali ta’ fondi jew ta’ beni miżmuma minn entità pubblika jew imqiegħda taħt il-kontroll tagħha għal finijiet kuntrarji għall-iskop tagħhom, dannu mġarrab minn din l-entità li jista’ jiġi evalwat finanzjarjament u n-neċessità li l-miżappropprjazzjonijiet li huma s-suġġett tal-akkuża ppreġudikaw l-osservanza tal-istat tad-dritt fl-Eġittu. Dawn il-kundizzjonijiet ma jistgħux jiġu ssodisfatti f’dan il-każ fir-rigward tal-Kawża Nru 38 tal-2011. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jqisu li l-Kawżi Nri 107, 291 u 639 tal-2011 ma humiex relatati ma’ fatti ta’ miżappropprjazzjoni ta’ fondi pubbliċi. Fil-fehma tagħhom, l-ewwel waħda minn dawn il-kawżi hija relatata biss mal-konklużjoni ta’ ftehim illegali għall-kisba ta’ liċenzji tal-enerġija, it-tieni waħda mal-akkużi ta’ ħasil tal-flus u t-tielet waħda ma’ akkużi dwar żbalji fil-kalkolu tal-pagament tat-taxxa dovuta mill-kumpannija El-Dekheila.

248 B'mod preliminari, hemm lok li jiġi nnotat li d-dokumenti li kienu ntbagħtu inizjalment mill-awtoritajiet Eġizzjani lill-Kunsill, annessi għar-rikors, kienu jsemmu biss, fir-rigward tal-ewwel rikorrent, proċedura kriminali waħda li tikkonċernah fil-Kawża Nru 38 tal-2011. Min-naħa l-oħra, bħalma ġie nnotat fil-punt 83 iktar 'il fuq, l-informazzjoni aġġornata prodotta mill-awtoritajiet Eġizzjani fl-2014 u fl-2015 kienet issemmi seba' proċeduri kriminali (Kawżi Nri 38, 107, 291, 457, 541 tal-2011 u Nri 156 u 376 tal-2013). Fl-aħħar nett, bħalma ġie indikat fil-punt 88 iktar 'il fuq, l-informazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet Eġizzjani qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2016/411 u tad-Deċiżjoni 2017/496 kienet issemmi tliet proċeduri attwali oħra li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent fil-Kawżi Nri 4 u 5482 tal-2011 kif ukoll Nru 244 tal-2015.

249 Dejjem b'mod preliminari, għandu jiġi nnotat li, fil-korrispondenza tagħhom mal-Kunsill qabel it-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom fl-2015, fl-2016 u fl-2017, ir-rikorrenti invokaw, essenzjalment, l-ilmenti u l-argumenti mressqa fil-kuntest ta' dan ir-rikors insostenn ta' din il-parti tat-tielet motiv. Fl-ittra tiegħu tal-24 ta' Marzu 2015, tal-21 ta' Marzu 2016 u tat-22 ta' Marzu 2017, il-Kunsill wieġeb lir-rikorrenti li l-ewwel rikorrent kien għadu s-suġġett ta' proċeduri ġudizzjarji għal fatti ta' miżappropr jazzjoni ta' fondi pubbliċi u li kien il-kompitu tal-qrati Eġizzjani li jiddeċiedu fuq il-bażi ta' dawn il-proċeduri. Fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-Kawża Nru 38 tal-2011, il-Kunsill fl-ewwel waħda minn dawn l-ittri, osserva, b'mod partikolari, li l-kunċett ta' miżappropr jazzjoni ta' fondi pubbliċi Eġizzjani seta' jkopri aġir imwettaq minn uffiċjal pubbliku li jikkonsisti fi ksib ta' vantaġġ minn attivi pubbliċi u f'dannu intenzjonat għalihom. Huwa nnota li l-proċeduri fil-konfront tal-ewwel rikorrent f'din il-kawża kienu bbażati fuq il-preżunzjoni li l-kumpannija El-Dekheila kellha tkun ikkwalifikata, fid-data tal-fatti, bħala impriża pubblika, peress li l-Istat Eġizzjan kellu sehem minoritarju sostanzjali u li, konsegwentement, l-attivi ta' din il-kumpannija kellhom jitqiesu bħala attivi pubbliċi u li l-ewwel rikorrent, president tal-kunsill ta' amministrazzjoni ta' din il-kumpannija fil-mument tal-fatti, kellu jitqies bħala uffiċjal pubbliku.

*1) Fir-rigward tal-argumenti u l-ilmenti stabbiliti insostenn tat-talbiet tar-rikors*

250 Qabel kollox, għandu jiġi nnotat li l-ilmenti u l-argumenti stabbiliti mir-rikorrenti insostenn tat-talbiet tar-rikors jikkonċernaw esklużivament il-Kawża Nru 38 tal-2011, fejn ir-rikorrenti jaffermaw, mingħajr ma jissostanzjaw l-allegazzjoni tagħhom, li l-fatti msemmija f'din il-kawża biss setgħu jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172. Konformement mal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-punt 244 iktar 'il fuq, dawn l-ilmenti u dawn l-argumenti għandhom jiġu eżaminati biss fir-rigward tal-elementi sottomessi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara l-inklużjoni inizjali tar-rikorrenti. Min-naħa l-oħra, sa fejn dawn l-ilmenti u dawn l-argumenti huma intiżi biex iqajmu dubju dwar din l-inklużjoni inizjali fiha nnifisha, dawn għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli konformement mal-punt 241 iktar 'il fuq.

251 F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li, fid-dokument tat-13 ta' Frar 2014 mibgħut mill-awtoritajiet Eġizzjani, jissemma li l-Kawża Nru 38 tal-2011 tikkonċerna fatti ta' profitti illegali li l-ewwel rikorrent ġie akkużat li wettaq, fil-kwalità tiegħu ta' president tal-kunsill ta' amministrazzjoni tal-kumpannija El-Dekheila, billi kiseb sehem ta' 67 % fil-kapital ta' din il-kumpannija u billi mmodifika l-prezzijiet applikati mill-imsemmija kumpannija sabiex ibigħ il-prodotti metallurġiċi mmanifatturati mill-kumpannija tiegħu stess bħala prodotti mill-istess entità. Is-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana tal-14 ta' Diċembru 2013, dwar appell mis-sentenza tal-ewwel istanza f'din il-kawża, tikkonferma, essenzjalment, din id-deskrizzjoni tal-fatti li ġie akkużat bihom l-ewwel rikorrent. Din is-sentenza tikkonferma wkoll li fil-konfront tal-ewwel rikorrent kien inżamm il-fatt li l-Istat Eġizzjan kellu sehem fil-kumpannija inkwistjoni, li din kienet suġġetta għal stħarriġ pubbliku u li, fil-kwalità tiegħu ta' president tal-kunsill ta' amministrazzjoni tagħha, huwa kien meqjus bħala uffiċjal pubbliku. Barra minn hekk, din is-sentenza tindika li, minbarra dawn il-kapijiet ta' akkuża, l-ewwel rikorrent huwa akkużat li kkawża, għall-istess kumpannija El-Dekheila, telf finanzjarju sinjifikattiv fil-kuntest ta' kuntratt ta' kreditu stabbilit f'isem din tal-aħħar.

252 Għandu jiġu kkonstatat li dawn l-elementi ma jistgħux iwasslu biex titqiegħed f'dubju l-konstatazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punti 137 sa 140 tas-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93), approvata mill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-informazzjoni prodotta mill-Kunsill kienet tippermetti li jitqies li l-ewwel rikorrent kien is-suġġett ta' proċeduri kriminali għal fatti li ngħataw kwalifika li tikkorrispondi għall-kunċett ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi.

253 F'dan ir-rigward, fil-kuntest analogu tad-Deċiżjoni 2011/72, dwar is-sitwazzjoni fit-Tuneżija, il-Qorti Ġenerali qieset li l-kunċett ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi, fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/72, kien jiġbor l-użu illegali kollu tar-riżorsi li jappartjenu għall-awtoritajiet pubbliċi jew li jitqiegħdu taħt il-kontroll tagħhom għal finijiet kuntrarji għal dawk previsti, b'mod partikolari għal finijiet privati u li minnhom jirriżulta dannu li jista' jiġi evalwat finanzjarjament għall-imsemmija awtoritajiet pubbliċi (sentenzi tat-30 ta' Ġunju 2016, CW vs Il-Kunsill, T-224/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:375, punt 89; tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punt 98, u tat-30 ta' Ġunju 2016, CW vs Il-Kunsill, T-516/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:377, punt 69). Din l-interpretazzjoni tista' tiġi ttrasposta f'dan il-każ, billi l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/72 huwa mfassal f'termini, essenzjalment, identiċi għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Deċiżjoni 2011/172 u li jissodisfaw għanijiet simili.

254 F'dan il-każ, mill-elementi li kienu għad-dispożizzjoni tal-Kunsill jirriżulta li l-awtoritajiet Eġizzjani qiesu li l-ewwel rikorrent, li kien jeżerċita, fil-fehma tagħhom, funzjonijiet ta' uffiċjal pubbliku, fil-kwalità tiegħu ta' president tal-kunsill ta' amministrazzjoni ta' kumpannija taħt sħarriġ pubbliku u li parti mill-kapital tagħha kienet, fil-mument tal-fatti, miżmuma mill-Istat Eġizzjan, kien uża dawn il-funzjonijiet biex iwettaq, għad-detriment tal-interessi finanzjarji tal-imsemmija kumpannija, profitti illegali, maħsuba, b'mod partikolari, biex ikunu ta' benefiċċju għall-kumpanniji privati tiegħu stess. B'hekk, minkejja li l-awtoritajiet Eġizzjani ma kkwalifikawx kriminalment b'mod ċar dawn il-fatti ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi Eġizzjani, il-kwalifika li dawn żammew tikkorrispondi għal dan il-kunċett, kif iddefinit mill-ġurisprudenza.

255 Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li r-rikorrenti ma jikkontestawx il-fatt li l-awtoritajiet Eġizzjani pproċedew għal kwalifika kriminali tal-fatti li ġie akkużat bihom ir-rikorrent fil-Kawża Nru 38 tal-2011 li tikkorrispondi għall-kunċett ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi. Fil-fatt, l-ilmenti tagħhom fil-kuntest ta' din il-parti huma bbażati preċiżament fuq il-premessa li dawn l-awtoritajiet, bi żball, qiesu li dawn il-fatti kienu jaqgħu taħt l-imsemmi kunċett u li l-Kunsill ma kellux japprova din il-pożizzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' jekk il-proċedura ġudizzjarja f'din il-kawża kinitx tippermetti li jitqies li l-ewwel rikorrent kien jissodisfa l-kriterji tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172.

256 Madankollu, bħalma ddeċidew il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kunsill kellu d-dritt jipproċedi għall-inklużjoni tar-rikorrent minħabba s-sempliċi fatt li huwa kien is-suġġett ta' proċedura ġudizzjarja fl-Eġittu b'konnessjoni, irrispettivament liema, mal-investigazzjonijiet li jirrigwardaw miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi, jiġifieri, bħalma qieset il-Qorti Ġenerali fuq il-bażi ta' evalwazzjoni meqjusa mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala mhux ivvizzjata minn żball ta' liġi, fatti li ngħataw, min-naħa tal-awtoritajiet Eġizzjani, kwalifika li tikkorrispondi għal dan il-kunċett. Konsegwentement, sa fejn l-informazzjoni dwar il-Kawża Nru 38 tal-2011 u aġġornata fl-2014 u fl-2015 ma kinitx tqajjem dubju dwar l-analiżi tal-pożizzjoni tal-awtoritajiet Eġizzjani magħmula mill-Kunsill u mill-Qorti Ġenerali fir-rigward ta' din il-kawża, il-Kunsill seta', għall-istess raġuni, jipproċedi għat-tiġdid ta' din l-inklużjoni, filwaqt li jiġi mifhum li l-proċedura ġudizzjarja fl-imsemmija kawża kienet għadha għaddejja.

257 Min-naħa l-oħra, għall-kuntrarju tal-premessa li huwa bbażat fuqha l-argument tar-rikorrenti, mill-prinċipji mfakkra fil-punti 66 u 245 iktar 'il fuq jirriżulta li ma huwiex il-kompitu tal-Kunsill li jiddeċiedi dwar l-eżattezza u r-rilevanza tal-kwalifika kriminali miżmuma mill-awtoritajiet Eġizzjani fir-rigward tal-fatti li għalihom huma jħarrku lill-ewwel rikorrent, peress li dan il-kompitu jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati Eġizzjani inkarigati mid-determinazzjoni tal-ħtija ta' din il-persuna. F'dan

il-każ, ma huwiex ikkontestat li, fid-data tat-tiġdid tal-inklużjoni tal-ewwel rikorrent fl-2015, il-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu, fil-kawża inkwistjoni, kienet għadha ma ddeċidietx f'dan ir-rigward fil-kuntest tar-rinviju ta' din il-kawża mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana li jsegwi l-annullament minn din tal-aħħar tal-ewwel sentenza.

258 Barra minn hekk, l-elementi invokati mir-rikorrenti biex iqajmu dubju dwar il-kwalifika kriminali miżmuma mill-awtoritajiet Eġizzjani ma kinux ta' natura li jqanqlu, min-naħa tal-Kunsill, mistoqsijiet leġittimi u li jeħtieġu informazzjoni supplimentari.

259 F'dan ir-rigward, l-argument li l-kwalifika kriminali miżmuma mill-awtoritajiet Eġizzjani ma kinitx tikkorrispondi għad-dispożizzjonijiet tal-UNCAC ma jistax iqajjem dubju dwar il-possibbiltà, għall-Kunsill, li jibbaża fuq il-proċedura ġudizzjarja fil-Kawża Nru 38 tal-2011. Fil-fatt, ir-riferiment għal din il-konvenzjoni fil-motivi tal-inklużjoni tal-ewwel rikorrent ifisser biss li huma l-awtoritajiet Eġizzjani li kellhom l-intenzjoni li jirreferu għaliha fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, ma huwiex fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni li l-Kunsill ipproċeda għall-iffriżar tal-assi tar-rikorrenti, iżda fil-kuntest ta' politika ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet Eġizzjani deċiża skont is-setgħa awtonoma li tagħtih il-PESK u fir-rigward tal-għanijiet tagħha, stabbiliti fil-premessi 1 u 2 tad-Deċiżjoni 2011/172. Konsegwentement, għalkemm, ċertament, ma jistax jiġi eskluż li l-kwistjoni tal-koerenza bejn il-kwalifika kriminali miżmuma mill-awtoritajiet Eġizzjani u d-dispożizzjonijiet tal-UNCAC għandhom jiġu eżaminati mill-qorti Eġizzjana li għandha ġurisdizzjoni, din il-kwistjoni, madankollu, ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, peress li huwa seta' jivverifika li l-imsemmija kwalifika kriminali kienet tikkorrispondi għall-kunċett ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172.

260 Fi kwalunkwe każ, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(a)(iii) tal-UNCAC, invokati mir-rikorrenti, jipprevedu li tista' tiġi ddefinita bħala uffiċjal pubbliku "kull […] persuna ddefinita bħala 'uffiċjal pubbliku' fid-dritt intern ta' Stat parti" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Madankollu, ir-rikorrenti jammettu huma stess li l-Artikolu 119(g) tal-Kodiċi Kriminali Eġizzjan, li d-dispożizzjonijiet tiegħu ġew riprodotti fl-anness tar-rikors, jipprevedi, għall-finijiet tal-kwalifika ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi, li l-espressjoni "uffiċjal pubbliku" għandha tiġi interpretata fis-sens ta' dan il-kodiċi bħala li tapplika għall-impjegati ta' kull kumpannija li l-Istat Eġizzjan iżomm sehem fiha. Barra minn hekk, minn din id-dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali Eġizzjan ma jirriżultax li l-kwistjoni jekk kumpannija għandhiex tiġi kkwalifikata bħala "impriża pubblika" jew "kumpannija pubblika" hija determinanti, peress li parti mill-fondi ta' din il-kumpannija hija miżmuma mill-Istat. Konsegwentement, mill-elementi prodotti mir-rikorrenti stess jirriżulta li, bil-kunsiderazzjoni li l-ewwel rikorrent, fil-kwalità tiegħu ta' president tal-kunsill ta' amministrazzjoni tal-kumpannija El-Dekheila, kien uffiċjal pubbliku, l-awtoritajiet Eġizzjani applikaw il-Kodiċi Kriminali Eġizzjan u li tali applikazzjoni hija konformi mal-Artikolu 2(a)(iii) tal-UNCAC. Il-fatt allegat li din il-kwalifika ma kinitx koerenti ma' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt intern Eġizzjan, b'mod partikolari fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji, huwa element li jrid jiġi evalwat biss mill-qorti Eġizzjana li għandha ġurisdizzjoni. Barra minn hekk, huwa irrilevanti, bħalma jsostnu r-rikorrenti, li l-ewwel rikorrent ma setax jiġi kkwalifikat bħala uffiċjal pubbliku fir-rigward tal-kriterji stabbiliti rispettivament fl-Artikolu 2(a)(i) u fl-Artikolu 2(a)(ii) tal-UNCAC. Fil-fatt, mill-formulazzjoni ta' dan l-Artikolu 2 kollu kemm hu jirriżulta b'mod ċar li l-kriterji suċċessivament stabbiliti fil-punti i), ii) u iii) ta' dan l-artikolu huma alternattivi u mhux kumulattivi.

261 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-Kunsill seta', ġustament, jibbaża ruħu fuq l-eżistenza ta' proċedura ġudizzjarja fil-Kawża Nru 38 tal-2011 biex iqis li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu bażi fattwali suffiċjenti biex jipproċedi għat-tiġdid tal-inklużjoni tal-ewwel rikorrent fil-kuntest tad-Deċiżjoni 2015/486, indipendentement mill-kwistjoni jekk il-proċeduri ġudizzjarji l-oħra li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent u li kien sar jaf bihom kinux ta' natura li tissodisfa l-kriterji tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punti 49 u 100).

262 Barra minn hekk, bħalma ġie nnotat fil-punt 201 iktar 'il fuq, il-proċeduri ġudizzjarji attwali fil-Kawżi Nru 107 u 291 tal-2011, li kienu n-numri tal-proċeduri ġudizzjarji li l-Kunsill kien ġie informat bihom qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2015/486, għandhom konnessjoni wkoll mal-fatti ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi. Fil-fatt, fl-ewwel waħda minn dawn il-kawżi, l-ewwel rikorrent ġie akkużat li ftiehem mal-Ministru għall-Kummerċ u għall-Industrija u l-president tal-Awtorità għall-Iżvilupp Industrijali bl-għan li jikseb, bi ksur tar-regoli applikabbli, liċenzji tal-enerġija għall-kumpanniji tal-grupp tiegħu, fil-kuntest ta' proċedura ta' bejgħ pubbliku ta' tali liċenzji lis-settur tal-industrija tal-azzar u tal-ħadid. Għalhekk ir-rikorrent ġie akkużat, f'din il-kawża, li pparteċipa fl-għoti illegali, għall-vantaġġ tiegħu, ta' riżorsi mqiegħda taħt il-kontroll tal-Istat mill-uffiċjali pubbliċi inkarigati mill-għoti ta' dawn ir-riżorsi, b'riżultat ta' telf finanzjarju għall-Istat ekwivalenti għall-ammont li l-kumpanniji tar-rikorrent kellhom iħallsu biex jibbenefikaw mill-imsemmija riżorsi. Il-kwalifika kriminali ta' dawn il-fatti tikkorrispondi għalhekk għall-kunċett ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi Eġizzjani, fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172, kif iddefinit fil-punt 253 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, fir-rigward tal-Kawża Nru 291 tal-2011, din hija relatata ma' attivitajiet ta' ħasil tal-flus imwettqa fuq il-fondi li l-ewwel rikorrent, skont l-awtoritajiet Eġizzjani, ibbenefika illegalment minnhom fiċ-ċirkustanzi li huma s-suġġett tal-Kawżi Nru 38 u 107 tal-2011. B'hekk, minkejja li hija relatata ma' fatti li ma jikkorrispondux fihom infushom għall-kunċett ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi, il-Kawża Nru 291 tal-2011 kienet tippreżenta, fid-dawl tal-informazzjoni prodotta mill-awtoritajiet Eġizzjani, konnessjoni diretta ma' fatti ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi. Għandu jiġi nnotat li, għalkemm ir-rikorrenti affermaw li l-ebda waħda mill-kawżi msemmija mill-awtoritajiet Eġizzjani minbarra l-Kawża Nru 38 tal-2011 ma kienet relatata ma' fatti li jistgħu jiġu kkwalifikati bħala miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi, dawn ma ppreżentaw l-ebda argument ta' natura li tqajjem dubju dwar il-kunsiderazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq.

263 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-ewwel parti tat-tielet motiv tista' biss tiġi miċħuda, sa fejn din hija insostenn tat-talbiet għall-finijiet ta' annullament tar-rikors.

*2) Fir-rigward tal-argumenti u l-ilmenti stabbiliti insostenn tat-talbiet tal-ewwel nota ta' adattament*

264 Fil-kuntest tal-ewwel nota ta' adattament, ir-rikorrenti jkomplu jikkontestaw il-kwalifika bħala miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi fir-rigward tal-fatti fil-Kawża Nru 38 tal-2011, billi jibbażaw ruħhom fuq elementi mħejjija mir-rappreżentanti legali tal-ewwel rikorrent fl-Eġittu u xhieda minn dan tal-aħħar. Madankollu, għar-raġunijiet spjegati fil-punt 257 iktar 'il fuq, dan l-argument u dawn l-elementi jistgħu biss jiġu miċħuda. Fil-fatt, huma ma għandhomx l-għan li jikkontestaw il-fatt li l-Prosekutur Ġenerali Eġizzjan ikkwalifika kriminalment il-fatti li f'din il-kawża f'termini li jikkorrispondu għall-kunċett ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi, iżda biss li jikkontestaw din il-kwalifika nnifisha u l-fondatezza tal-akkużi miġjuba kontra l-ewwel rikorrent f'dan il-kuntest. B'mod partikolari, ir-rikorrenti jaffermaw, essenzjalment, li t-tranżazzjonijiet li huwa kien akkużat bihom twettqu regolarment u kellhom l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Madankollu, għalkemm dawn l-elementi jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qorti Eġizzjana li għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà tiegħu f'din il-kawża, dawn ma kinux ta' natura li tqajjem dubju dwar in-natura suffiċjenti tal-elementi għad-dispożizzjoni tal-Kunsill, li kienu jippermettulu jqis li l-kwalifika kriminali tal-imsemmija fatti, imwettqa fuq il-bażi tad-dritt kriminali Eġizzjan, kienet tikkorrispondi għall-kriterji tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172. F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi nnotat li l-elementi prodotti mill-awtoritajiet Eġizzjani fl-ittra tagħhom tat-2 ta' Jannar 2016 ma kinux differenti sostanzjalment, fir-rigward ta' din il-kawża, mill-elementi li kienu diġà ssottomettew minn qabel lill-Kunsill u għalhekk ma kinux ta' natura li tqajjem dubju dwar l-evalwazzjoni ta' dan tal-aħħar.

265 L-argumenti tar-rikorrenti intiżi biex juru li din l-evalwazzjoni ma hijiex konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali u tal-QEDB ma humiex konvinċenti.

266 Fl-ewwel lok, għall-kuntrarju ta' dak li huwa ssuġġerit mir-rikorrenti, il-fatt li l-kunċett ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi, fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172, għandu jingħata interpretazzjoni awtonoma, indipendenti minn kull sistema nazzjonali (sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punti 84 u 96) ma jfissirx li dan il-kunċett jista' possibbilment jeskludi aġir li ngħata tali kwalifika kriminali min-naħa tal-awtoritajiet Eġizzjani. Għall-kuntrarju, konformement ma' din l-istess ġurisprudenza, dan il-kunċett huwa intiż, mill-inqas, għall-aġir li jista' jingħata l-imsemmija kwalifika fid-dritt kriminali Eġizzjan, (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punt 95). Madankollu, f'dan il-każ, bħalma ġie enfasizzat fil-punt 260 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti jammettu li l-kwalifika miżmuma f'dan il-każ mill-awtoritajiet Eġizzjani hija konformi mal-Kodiċi Kriminali Eġizzjan.

267 Barra minn hekk, kwalunkwe interpretazzjoni twassal biex tqajjem dubju dwar ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali, approvat mill-Qorti tal-Ġustizzja u ċċitat fil-punt 238 iktar 'il fuq, li skontu l-inklużjoni tar-rikorrenti fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/172, minħabba s-sempliċi fatt li huma kienu s-suġġett ta' proċedura ġudizzjarja fl-Eġittu b'konnessjoni, irrispettivament liema, mal-investigazzjonijiet li jirrigwardaw miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi, kienet konformi mal-kriterji tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill, C-220/14 P, EU:C:2015:147, punti 71 sa 73, u tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-256/11, EU:T:2014:93, punti 67, 95 u 97).

268 Fit-tieni lok, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali u tal-QEDB dwar il-kunċett ta' organu pubbliku, iċċitata mir-rikorrenti, ma hijiex rilevanti. Fil-fatt, minn naħa, bħalma ġie kkonstatat fil-punt 260 iktar 'il fuq, il-kwistjoni dwar jekk il-kumpannija El-Dekheila tistax tiġi kkwalifikata bħala impriża pubblika jew kumpannija pubblika ma hijiex determinanti għall-kwalifika ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi fir-rigward tad-dritt kriminali Eġizzjan, peress li l-Istat iżomm sehem, minkejja li minoritarju, fl-imsemmija kumpannija. Min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza ċċitata tirrigwarda kwistjoni distinta għalkollox mill-kwistjoni tal-possibbiltà li l-aġir li ġie akkużat bih l-ewwel rikorrent fil-Kawża Nru 38 tal-2011 jiġi kkwalifikat bħala miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi, fil-kuntest, anki dan, distint għalkollox mill-miżuri restrittivi kontra l-Iran bl-iskop li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari. Fil-fatt, fil-kawżi li wasslu għal din il-ġurisprudenza, qamet il-kwistjoni jekk l-impriża rikorrenti kinitx tirriżulta mill-Istat Iranjan, fis-sens li kienet tipparteċipa fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika jew li tamministra servizz pubbliku taħt il-kontroll tal-awtoritajiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Jannar 2013, Bank Mellat vs Il-Kunsill, T-496/10, EU:T:2013:39, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li, f'dawn il-kawżi, il-kwalifika ta' riżultati mill-Istat Iranjan tal-kumpanniji inkwistjoni mill-awtorità li adottat miżuri restrittivi fir-rigward tagħha ma kinitx ibbażata, bħal f'dan il-każ, fuq proċeduri ġudizzjarji nazzjonali bbażati fuq tali kwalifika.

269 Fit-tielet lok, ir-referenzi tar-rikorrenti għas-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Klyuyev vs Il-Kunsill (T-340/14, EU:T:2016:496), ma humiex rilevanti. Fil-fatt, bħalma juru dawn ir-referenzi, f'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali nnotat li l-miżuri restrittivi inkwistjoni kienu bbażati biss fuq ittra tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ukraina, li kien fiha biss affermazzjoni ġenerali u ġenerika li torbot l-isem tar-rikorrenti, fost dawk ta' uffiċjali għolja preċedenti oħra, ma' investigazzjoni li, essenzjalment, kienet intiża biex tiġi vverifikata l-eżistenza nnifisha ta' fatti ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi u ma kien fiha l-ebda informazzjoni supplimentari. B'hekk il-Kunsill ma kellux informazzjoni dwar il-fatti jew l-aġir li ġie akkużat bihom b'mod speċifiku r-rikorrent mill-awtoritajiet Ukraini (sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Klyuyev vs Il-Kunsill, T-340/14, EU:T:2016:496, punti 40 u 41).

270 Issa, dan ma huwiex il-każ f'dan il-każ, peress li, minn naħa, l-ewwel rikorrent huwa s-suġġett ta' proċeduri ġudizzjarji attwali u mhux ta' sempliċi investigazzjoni preliminari. Min-naħa l-oħra, l-informazzjoni prodotta mill-awtoritajiet Eġizzjani fl-2014, fl-2015 u fl-2016 ma kinitx limitata għal sempliċi affermazzjoni ġenerali relatata ma' fatti ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi, iżda kien fiha deskrizzjoni preċiża u konkreta ta' fatti li kien ġie akkużat bihom, mill-inqas fil-Kawżi Nri 38, 107 u 291 tal-2011, li jippermettu li tiġi mifhuma n-natura eżatta tar-reati kriminali f'dawn il-kawżi u l-grad

ta' involviment li ġie attribwit lilu kif ukoll l-iżvilupp tal-proċeduri ġudizzjarji f'dawn il-kawżi. Il-kuntest fattwali ta' din il-kawża għalhekk, fi kwalunkwe każ, ma huwiex paragunabbli għal dak tal-Kawża T-340/14, indipendentement mill-kwistjoni jekk il-miżuri restrittivi adottati fil-kuntest tad-Deċiżjoni 2011/172 humiex paragunabbli għal miżuri bħal dawk eżaminati f'din il-kawża.

271 Bis-suppożizzjoni li r-rikorrenti għandhom l-intenzjoni li jibbażaw ruħhom fuq is-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Klyuyev vs Il-Kunsill (T-340/14, EU:T:2016:496), biex isostnu li huwa l-kompitu tal-Kunsill li jivverifika l-allegazzjonijiet tal-awtoritajiet Eġizzjani dwar il-fatti fil-proċeduri ġudizzjarji relatati mal-ewwel rikorrent, mill-punti 256, 257 u 264 iktar 'il fuq jirriżulta li tali raġunament ma jistax jiġi aċċettat.

272 L-argument tar-rikorrenti li l-evalwazzjoni magħmula mill-Kunsill ma hijiex konformi mad-"dritt internazzjonali ġenerali" ma huwiex iktar konvinċenti. Huwa biżżejjed, f'dan ir-rigward, li jiġi nnotat li r-rikorrenti jirreferu għall-kunċett ta' "organu tal-Istat", kif ġie ddefinit fil-kummentarju tal-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-riżoluzzjoni tal-2001 dwar ir-responsabbiltà tal-Istat għal fatt internazzjonalment illegali u f'deċiżjonijiet arbitrarji internazzjonali li jiddeċiedu dwar ir-responsabbiltà ta' Stati fil-kuntest ta' kawżi bejn kumpanniji privati. B'hekk, dawn ir-riferimenti, għal raġunijiet analogi għal dawk esposti fil-punt 268 iktar 'il fuq, ma humiex rilevanti f'dan il-każ.

273 Fir-rigward tal-fatt allegat mir-rikorrenti li erba' biss mill-kawżi msemmija fl-ittra tal-awtoritajiet Eġizzjani tat-2 ta' Jannar 2016 kienu jikkonċernaw proċeduri ġudizzjarji attwali, dan ma huwiex rilevanti, peress li, għall-istess raġunijiet bħal dawk stabbiliti fil-punti 261 u 262 iktar 'il fuq, il-Kunsill seta' jkompli jibbaża ruħu fuq il-Kawżi Nri 38, 107 u 291 tal-2011 biex iqis li, fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2016/411, kienu jeżistu proċeduri ġudizzjarji attwali marbuta ma' fatti ta' miżappropprjazzjoni ta' fondi pubbliċi li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent.

274 L-argumenti u l-ilmenti stabbiliti insostenn tat-talbiet tal-ewwel nota ta' adattament għandhom għalhekk jiġu miċħuda.

*3) Fir-rigward tal-argumenti u l-ilmenti stabbiliti insostenn tat-talbiet tat-tieni nota ta' adattament*

275 Fit-tieni nota ta' adattament, ir-rikorrenti jirriproduċu fil-parti l-kbira l-argument tar-rikors u tal-ewwel nota ta' adattament. B'mod partikolari, huma jibqgħu jqajmu dubju dwar l-eżattezza u r-rilevanza tal-fatti li jibbażaw ruħhom fuqhom l-akkużi fil-konfront tal-ewwel rikorrent fil-kuntest tal-Kawża Nru 38 tal-2011, b'mod partikolari fir-rigward tal-evalwazzjoni tad-dannu mġarrab mill-Istat. Madankollu, għall-istess raġunijiet bħal dawk spjegati fil-punti 251 sa 262 u 264 sa 273 iktar 'il fuq, dan l-argument jista' biss jiġi miċħud. Fir-rigward tal-ilmenti u l-argumenti l-ġodda, għandu jiġi nnotat dan li jmiss.

276 Fl-ewwel lok, l-affermazzjoni tar-rikorrenti li l-kriterji tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huwa l-kompitu tal-Kunsill li jivverifika jekk il-fatti ta' miżappropprjazzjoni ta' fondi pubbliċi inkwistjoni jistgħux, fir-rigward tal-ammont tagħhom jew tat-tip ta' fondi miżappropprjati jew fil-kuntest li fih seħħew, jippreġudikaw l-istat tad-dritt fl-Eġittu, tmur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali u tal-Qorti tal-Ġustizzja applikabbli f'dan il-każ.

277 Fil-fatt, qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li, bħalma jirriżulta mill-punti 238 sa 240 iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali diġà ddeċidew dwar liema kienu r-rekwiżiti li kellhom jissodisfaw il-punti ta' fatt li l-Kunsill kien ibbaża fuqhom bl-għan li jipproċedi għall-inklużjoni tar-rikorrenti biex ikunu konformi mal-kriterji tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali ma qisux li, fost dawn ir-rekwiżiti, kien hemm in-neċessità li l-fatti ta' miżappropprjazzjoni ta' fondi pubbliċi jkunu jistgħu jippreġudikaw l-istat tad-dritt fl-Eġittu.

278 Sussegwentement, għandu jitfakkar li, bħalma ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, id-Deċiżjoni 2011/172 toħroġ bis-sħiħ mill-PESK u tissodisfa l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 21(2)(b) u (d) TUE (ara l-punt 122 iktar 'il fuq). Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll li l-indikazzjoni li tinsab fil-premessa 2 tad-Deċiżjoni 2011/172, li l-persuni intiżi fl-Artikolu 1(1) ta' din id-deċiżjoni "qed iċaħħdu lill-poplu Eġizzjan mill-benefiċċji ta' żvilupp sostenibbli tal-ekonomija u s-soċjetà tagħhom u jimminaw l-iżvilupp tad-demokrazija fil-pajjiż", ma tikkostitwixxix kundizzjoni supplimentari li għandha tiġi osservata mal-inklużjoni ta' persuna ġdida fil-lista annessa għal din id-deċiżjoni. Din tirrigwarda biss spjegazzjoni tal-għan finali segwit minn din id-deċiżjoni (sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-256/11, EU:T:2014:93, punt 143). Dan ir-raġunament, essenzjalment, ġie vvalidat mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill, C-220/14 P, EU:C:2015:147, punti 44 sa 46 u 70).

279 Għalhekk minn dawn il-kunsiderazzjonijiet għandu jiġi dedott li, billi jikkontribwixxi għall-ġlieda tal-awtoritajiet Eġizzjani kontra l-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi, l-iffriżar tal-assi tal-persuni responsabbli minn miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi jew tal-persuni assoċjati intiżi fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 huwa preżunt koerenti mal-għanijiet ġenerali tal-politika ta' appoġġ tal-Kunsill lill-Eġittu, imsemmija fil-premessa 1 ta' din id-deċiżjoni, jiġifieri, b'mod partikolari, l-osservanza tal-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet fundamentali. Konsegwentement, l-Artikolu 1(1) ta' din id-deċiżjoni ma jeżiġix, għall-inklużjoni ta' persuna fil-lista annessa għal din id-deċiżjoni, li l-fatti ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi fil-proċeduri ġudizzjarji li jiġġustifikaw din l-inklużjoni jippreżentaw speċifiċità, fir-rigward tal-ammont jew tan-natura ta' fondi miżapproprjati jew anki fil-kuntest ta' dawn il-fatti, li tippermetti li dawn jitqiesu bħala li jippreġudikaw l-istat tad-dritt fl-Eġittu.

280 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma jistgħux, f'dan ir-rigward, jirreferu għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali relatata mal-miżuri restrittivi stabbiliti fil-kuntest tad-deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, sa fejn l-interpretazzjoni tal-kriterji ġenerali li jippermettu li jiġi ddeterminat iċ-ċirku ta' persuni li huma s-suġġett ta' dawn il-miżuri saret mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-kuntest ġuridiku speċifiku ta' dawn id-deċiżjonijiet, li huwa distint minn dak tad-Deċiżjoni 2011/172.

281 B'mod partikolari, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-premessa 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 66, p. 26), li kienu dwarha l-kawżi li wasslu għas-sentenzi tal-15 ta' Settembru 2016, Klyuyev vs Il-Kunsill (T-340/14, EU:T:2016:496), u tal-15 ta' Settembru 2016, Yanukovych vs Il-Kunsill (T-348/14, EU:T:2016:508), iċċitati mir-rikorrenti, tindika:

"[I]l-Kunsill qabel biex jiffoka miżuri restrittivi fuq l-iffriżar u rkupru ta' assi ta' persuni identifikati bħala responsabbli għall-misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u persuni responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, bil-għan tal-konsolidazzjoni u s-sostenn tal-istat ta' dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina."

282 Il-konsolidazzjoni u l-appoġġ tal-istat tad-dritt u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina jikkostitwixxu għalhekk l-iskop tal-iffriżar tal-assi tal-persuni identifikati b'mod partikolari bħala li huma responsabbli mill-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi. Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti Ġenerali setgħet tqis li l-kriterju ta' iskrizzjoni stabbilit mid-Deċiżjoni 2014/119 kellu jiġi interpretat fis-sens li ma kienx jinkludi, b'mod astratt, kull att ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi, iżda kien jirrigwarda pjuttost fatti ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi jew ta' assi pubbliċi li, fid-dawl tal-ammont jew tat-tip ta' fondi jew ta' assi miżapproprjati jew fil-kuntest li fih seħħew, kienu jistgħu minn tal-inqas jippreġudikaw il-bażi istituzzjonali u ġuridika tal-Ukraina, b'mod partikolari l-prinċipji ta' legalità, ta' projbizzjoni li l-awtorità eżekuttiva taġixxi b'mod arbitrarju, tal-istħarriġ ġudizzjarju effettiv u ta' ugwaljanza quddiem il-liġi, u, fl-aħħar lok, jippreġudikaw l-osservanza tal-istat tad-dritt f'dan il-pajjiż (sentenzi tal-15 ta' Settembru 2016, Klyuyev vs Il-Kunsill, T-340/14, EU:T:2016:496, punt 91, u tal-15 ta' Settembru 2016, Yanukovych vs Il-Kunsill, T-348/14, EU:T:2016:508, punt 102).

283 Min-naħa l-oħra, bħalma ġie indikat fil-punt 279 iktar 'il fuq, l-iskop tad-Deċiżjoni 2011/172 huwa l-assistenza lill-awtoritajiet Eġizzjani fil-ġlieda tagħhom kontra l-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi, l-osservanza tal-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet fundamentali li jikkostitwixxu biss wieħed mill-għanijiet ġenerali tal-politika ta' appoġġ kollha kemm hi tal-Kunsill għall-Eġittu, fil-kuntest li tidħol fih, b'mod partikolari, l-imsemmija deċiżjoni. Il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti Ġenerali fis-sentenzi msemmija fil-punti 281 u 282 iktar 'il quddiem għalhekk ma jistgħux jiġu ttrasposti għal dan il-każ.

284 Fit-tieni lok, huwa bi żball li r-rikorrenti jirreferu għall-kriterji intiżi biex jiddeterminaw jekk persuna ġuridika hijiex marbuta jew jekk hijiex ikkontrollata minn persuna jew entità oħra, li huma stabbiliti fil-punti 62 u 63 tad-dokument tal-Kunsill, tal-24 ta' Ġunju 2015, bit-titolu "L-Aħjar Prattiki tal-UE għall-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri restrittivi". Fil-fatt, bħalma juri, b'mod partikolari, il-punt 66 ta' dan id-dokument, dawn il-kriterji huma intiżi biss biex jiddeterminaw, bl-għan li jiġi evitat ir-riskju li persuna jew entità tevita l-iffriżar li l-assi tagħha jkunu s-suġġett tiegħu, jekk l-assi ta' persuna ġuridika oħra jinżammux jew jiġux ikkontrollati mill-ewwel persuna jew entità u jekk għandux iseħħ jew le l-iffriżar ta' dawn l-aħħar assi. Dawn il-kriterji għalhekk ma japplikaw bl-ebda mod biex jiġi ddeterminat jekk il-Kunsill għandux iqis li l-proċeduri ġudizzjarji attwali fl-Eġittu, li jibbaża ruħu fuqhom biex iġedded l-inklużjoni tal-persuni fl-anness tad-Deċiżjoni 2011/172, huma relatati ma' miżapproprjazzjonijiet ta' fondi pubbliċi.

285 Fit-tielet u l-aħħar lok, għandu jiġi kkonstatat li l-elementi prodotti għall-ewwel darba fil-kuntest tat-tieni nota ta' adattament intiża biex tikkontesta l-kwalifika ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi fir-rigward tal-fatti li jirrigwardawhom il-proċeduri ġudizzjarji fil-Kawżi Nri 107 u 291 tal-2011 ma jistgħux jinżammu. Fir-rigward tal-ewwel waħda minn dawn il-kawżi, ġie kkonstatat fil-punt 262 iktar 'il fuq li l-fatti fil-proċedura ġudizzjarja kienu jikkorrispondu għall-kunċett ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi, fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172. Għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu ir-rikorrenti, id-deskrizzjoni ta' dawn il-fatti li saret mill-awtoritajiet Eġizzjani fid-dokumenti rreġistrati mill-Kunsill fis-6 ta' Jannar 2017, li ma hijiex sostanzjalment differenti minn dik li tinsab fid-dokumenti għad-dispożizzjoni tal-Kunsill fl-2015 u fl-2016, ma tqajjimx dubju dwar din l-analiżi. Fir-rigward tal-Kawża Nru 291 tal-2011, ġie kkonstatat ukoll fil-punt 262 iktar 'il fuq li, għalkemm tirrigwarda fatti ta' ħasil tal-flus, din il-kawża kellha konnessjoni ma' fatti ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi, sa fejn il-ħasil tal-flus imputat lill-ewwel rikorrent kien relatat mal-fondi miżapproprjati li huwa bbenefika minnhom fil-Kawżi Nri 38 u 107 tal-2011. Id-deskrizzjoni tal-Kawża Nru 291 tal-2011 fid-dokumenti msemmija iktar 'il fuq ma fihomx element ġdid ta' natura li tqajjem dubju dwar il-konnessjoni bejn din il-kawża u l-fatti ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi li huma s-suġġett ta' kawżi oħra msemmija iktar 'il fuq.

286 Minn dak li ntqal jirriżulta li għandhom jiġu miċħuda l-ilmenti u l-argumenti mressqa fil-kuntest tat-tieni nota ta' adattament insostenn tal-ewwel parti tat-tielet motiv u, għaldaqstant, din il-parti kollha kemm hi.

***c) Fuq it-tieni parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' bażi materjali tal-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent, kif stabbilita mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana***

287 Insostenn tat-tieni parti tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jallegaw li l-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana "ċaħdet" il-proċeduri mnehdija fil-konfront tal-ewwel rikorrent fid-deċiżjonijiet tagħha tal-20 ta' Diċembru 2012, tat-12 ta' Mejju 2013 u tal-14 ta' Diċembru 2013. Barra minn hekk, fid-deċiżjoni tal-14 ta' Diċembru 2013, din il-qorti qieset li, fil-Kawża Nru 38 tal-2011, l-ebda prova ma kienet tippermetti li r-rikorrent jiġi implikat skont kwalifiki kriminali miżmuma u li l-qorti tal-ewwel istanza żbaljat meta rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni l-provi u l-argumenti mressqa mill-konvenut. Għalhekk għandu jiġi dedott li din il-proċedura hija bbażata fuq allegazzjonijiet fraġli u

infondati u li l-Kunsill ma jistax jibqa' jibbaża ruħu biss fuq id-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet Eġizzjani, iżda għandu jwettaq l-investigazzjonijiet tiegħu stess. Barra minn hekk, ir-rikorrenti affermaw li, fl-istess deċiżjoni, din il-qorti kkonstatat l-assenza ta' dannu mġarrab mill-Istat Eġizzjan.

288 Fl-ewwel lok, sa fejn, skont l-ewwel parti, ir-rikorrenti jaffermaw li l-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana ċaħdet l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-ewwel rikorrent fil-Kawżi Nri 38, 107 u 291 tal-2011, huwa biżżejjed li jitfakkar li, fis-sentenzi li huma jibbażaw ruħhom fuqhom, din il-qorti ma ddeċidietx fuq il-mertu, iżda annullat biss il-kundanni deċiżi mill-qorti tal-ewwel istanza u bagħtet lura l-kawżi lil din tal-aħħar sabiex tiddeċiedi mill-ġdid. Barra minn hekk, jidher li, wara l-imsemmija sentenzi, il-proċeduri f'dawn il-kawżi segwew il-kors tagħhom fl-istennija ta' deċiżjoni ġdida tal-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu. Għaldaqstant, il-Kunsill seta', ġustament, iqis li d-deċiżjonijiet ta' din il-qorti fil-kawżi inkwistjoni ma temmewx il-proċeduri ġudizzjarji korrispondenti u li, konsegwentement, huwa seta' jkompli biex jipproċedi għat-tiġdid tal-inklużjoni tal-ewwel rikorrent fuq il-bażi tal-imsemmija proċeduri.

289 Fit-tieni lok, sa fejn ir-rikorrenti jaffermaw, fil-kuntest ta' din il-parti, li l-kunsiderazzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru 2013 iqajmu dubju dwar il-bażi tal-akkużi fil-Kawża Nru 38 tal-2011, hemm lok li jiġi nnotat li r-rikorrenti ma jsostnux li dan huwa l-każ fir-rigward tal-Kawżi Nri 107 u 291 tal-2011. Madankollu, bħalma ġie kkonstatat diġà fil-punti 262 u 285 iktar 'il fuq, il-Kunsill seta' jibbaża ruħu wkoll fuq il-proċeduri ġudizzjarji f'dawn iż-żewġ l-aħħar kawżi biex jipproċedi għat-tiġdid tal-inklużjoni tal-ewwel rikorrent.

290 Fir-rigward tal-Kawża Nru 38 tal-2011, mill-kontenut tas-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana tal-14 ta' Diċembru 2013 jirriżulta li din il-qorti wettqet stħarriġ ġudizzjarju tas-sentenza tal-ewwel istanza biss fir-rigward tal-osservanza tar-regoli ġudizzjarji applikabbli u mhux fir-rigward tal-fondatezza tal-evalwazzjoni tal-fatti. Hija għalhekk la ddeċidiet dwar il-karattru magħruf tal-fatti li huma bbażati fuqhom il-proċeduri f'din il-kawża, u lanqas fuq in-natura u l-portata tar-responsabbiltà tal-akkużati, li, konsegwentement, għandu jiġi ddeterminat mill-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu wara li tintbagħat lura l-imsemmija kawża. Din l-analiżi hija kkonfermata mill-ispjegazzjonijiet tal-awtoritajiet Eġizzjani pprovduti fil-memorandum tal-PGO tad-9 ta' Frar 2015 u l-memorandum tan-NCRAA tal-5 ta' Diċembru 2016, li jindikaw li, fil-kuntest tal-ewwel appell mid-deċiżjoni tal-qorti tal-ewwel istanza f'kawża kriminali, il-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana teżamina biss il-kwistjonijiet ta' liġi.

291 Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru 2013 li jirreferu għalihom ir-rikorrenti għalhekk ma jikkostitwixxux, għall-kuntrarju tal-interpretazzjoni tagħhom, evalwazzjoni relatata mal-fondatezza tal-akkużi miġjuba fil-konfront tal-ewwel rikorrent u man-natura suffiċjenti tal-provi li jibbażaw ruħhom fuqhom dawn l-akkużi, iżda evalwazzjoni relatata mal-konformità ġuridika tar-raġunament tal-qorti tal-ewwel istanza li tiddeċiedi dwar dawn l-akkużi u dawn il-provi.

292 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi nnotat li, fil-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana tal-14 ta' Diċembru 2013 li r-rikorrenti jirreferu għaliha b'mod speċifiku fir-rikors, din il-qorti, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu, ma qisitx li l-ebda prova ma kienet tippermetti li r-rikorrent jiġi implikat fuq il-bażi ta' akkużi ppreżentati fil-konfront tiegħu u lanqas li l-qorti tal-ewwel istanza, żbaljatament, kienet irrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni l-provi u l-argumenti mressqa mill-konvenut. Fil-fatt, il-parti inkwistjoni ta' din is-sentenza tikkonċerna l-eżami, minn din il-qorti, tal-appell tal-Avukat Ġenerali mid-deċiżjoni tal-qorti tal-ewwel istanza, li permezz tagħha din tal-aħħar assolviet ċerti akkużi kemm minn parti tal-oneri, kif ukoll mit-totalità ta' dawn tal-aħħar. Din il-parti tal-imsemmija sentenza għalhekk ma tikkonċernax l-eżami tal-appell tal-ewwel rikorrent fil-konfront tal-kundanni deċiżi fir-rigward tiegħu mis-sentenza tal-ewwel istanza u għalhekk ir-rikorrenti, fi kwalunkwe każ, ma jistgħux jirreferu għaliha insostenn ta' din il-parti tat-tielet motiv.

293 Fir-rigward tal-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana tal-14 ta' Diċembru 2013 li hija ċċitata mir-rikorrenti fit-tieni nota ta' adattament insostenn tal-argument tagħhom mislut mill-assenza ta' dannu mġarrab mill-Istat Eġizzjan fil-kuntest tal-Kawża Nru 38 tal-2011, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li din il-qorti llimitat ruħha li tinnota, minn naħa, kontradizzjoni fir-raġunament tal-qorti tal-ewwel istanza, marbut mal-fatt li din tal-aħħar kienet akkużat lill-ewwel rikorrent kemm li fittex li jieħu l-kontroll tal-kumpannija El-Dekheila kif ukoll li fittex li jeqridha u, min-naħa l-oħra, in-natura mhux sostanzjata tal-istima tad-dannu mġarrab mill-Istat u tal-kundanni pekunjarji imposti fuq l-akkużati. B'hekk, dawn il-kunsiderazzjonijiet jimplikaw biss li l-qorti tal-ewwel istanza għandha tiżgura, fil-kuntest tal-proċedura tar-rinviju, il-koerenza tar-raġunament tagħha bl-għan li tiddeċiedi dwar l-eżistenza ta' dannu mġarrab mill-Istat u, jekk ikun il-każ, li l-evalwazzjoni tal-imsemmi dannu tkun sostanzjata biżżejjed. Min-naħa l-oħra, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jippermettu bl-ebda mod li jiġi eskluż li hija tikkonstata l-eżistenza ta' tali dannu.

294 Minn dan isegwi li t-tieni parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda.

*d) Fuq it-tielet parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq il-motivazzjonijiet politiċi sottostanti għall-proċeduri kriminali li l-ewwel rikorrent huwa s-suġġett tagħhom*

295 Insostenn tat-tielet parti tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jissuġġerixxu li l-proċeduri fir-rigward tal-ewwel rikorrent ma tnehdewx *in bona fide*, u dan, fil-fehma tagħhom, jista' jiġi dedott mill-assenza ta' kwalunkwe prova li tissostanzja l-allegazzjonijiet ippreżentati mill-Prosekutur Ġenerali Eġizzjan, mis-sentenzi tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana tal-20 ta' Diċembru 2012, tat-12 ta' Mejju 2013 u tal-14 ta' Diċembru 2013 kif ukoll mill-elementi relatati mal-ksur tad-drittijiet fundamentali prodotti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-ewwel u tat-tieni motiv. Huma jqisu, f'dan ir-rigward, li l-Kunsill ma indikax, fl-ittra tiegħu tal-24 ta' Marzu 2015, fuq liema bażi kien qiegħed jibbaża ruħu biex jiċħad l-allegazzjoni tagħhom li l-proċeduri mnehdija jibbażaw fuq motivi politiċi.

296 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-allegazzjoni relatata mal-assenza ta' provi li jibbażaw ruħhom fuqhom il-proċeduri ġudizzjarji kontra l-ewwel rikorrent, huwa biżżejjed li jitfakkar li, bħalma jirriżulta mill-eżami, mill-Qorti Ġenerali, tal-argument tar-rikorrenti insostenn tal-ewwel parti ta' dan il-motiv fil-punti 250 sa 285 iktar 'il fuq, la huwa l-kompitu tal-Kunsill u lanqas tal-Qorti Ġenerali li jiddeċiedu dwar in-natura suffiċjenti tal-provi miġbura mill-akkuża kontra l-ewwel rikorrent fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji inkwistjoni, u li dan jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti Eġizzjana li tiddeċiedi fuq il-mertu. Barra minn hekk, mid-dokumenti prodotti lill-Kunsill mill-awtoritajiet Eġizzjani jirriżulta li l-proċeduri ġudizzjarji, mill-inqas fil-Kawżi Nri 38, 107 u 291 tal-2011, kienu bbażati fuq ċertu għadd ta' punti ta' fatt preċiżi miġbura mill-Prosekutur Ġenerali Eġizzjan bl-għan li jistabbilixxi r-responsabbiltà, b'mod partikolari, tal-ewwel rikorrent fir-reati kriminali identifikati fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk, bla ħsara għall-klassifikazzjoni ġuridika ta' dawn l-elementi li għandha tiġi ddeterminata mill-qorti Eġizzjana li għandha ġurisdizzjoni, ma jistax jiġi affermat li l-imsemmija proċeduri ġudizzjarji ma huma bbażati fuq l-ebda prova.

297 Fit-tieni lok, mill-kontenut tas-sentenzi tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana tal-20 ta' Diċembru 2012, tat-12 ta' Mejju 2013 u tal-14 ta' Diċembru 2013 ma jirriżultax li l-proċeduri kriminali ma tnehdewx *in bona fide*. Ċertament, bħalma ġie nnotat fil-punti 185 u 221 iktar 'il fuq, fl-imsemmija sentenzi, din il-qorti nnotat insuffiċjenzi min-naħa tal-qorti tal-ewwel istanza fl-eżami tal-provi li ġew prodotti lilha fir-rigward tal-ħtija, b'mod partikolari, tal-ewwel rikorrent fil-Kawżi Nri 38, 107 u 291 tal-2011. Madankollu, billi għamlet dan, din il-qorti ma ħarġitx kritika fir-rigward tal-proċeduri mnehdija fil-konfront ta' din il-persuna ta' natura li tqajjem dubju dwar l-intenzjonijiet sottostanti għal dawn il-proċeduri, iżda biss fir-rigward tal-eżami tal-fondatezza ta' dawn il-proċeduri mill-qorti tal-ewwel istanza. Barra minn hekk, minn dawn is-sentenzi seta' jiġi dedott biss li huwa l-kompitu tal-qorti tal-ewwel istanza li teżamina mill-ġdid, fuq il-mertu, ir-responsabbiltà tal-akkużati, iżda mhux li hija għandha neċessarjament tiċħad l-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom.

298 Fit-tielet u l-aħħar lok, anki fl-ipoteżi fejn l-elementi prodotti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-ewwel u t-tieni motiv bl-għan li jissostanzjaw l-eżistenza ta' ksur tad-drittijiet fundamentali u tal-istat tad-dritt fl-Eġittu, b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent, kienu ta' natura li tqanqal mistoqsijiet leġittimi dwar tali ksur, fi kwalunkwe każ minn dan ma setax jiġi dedott awtomatikament li l-imsemmija proċeduri kienu jissodisfaw motivi purament politiċi. Barra minn hekk, minkejja li ċerti dokumenti prodotti mir-rikorrenti f'dan il-kuntest, b'mod partikolari r-rapporti tal-IBAHRI u tas-Sur D. fir-rigward tal-iżvolġiment tal-proċedura fil-Kawża Nru 107 tal-2011, jindikaw espressament riskju ta' strumentalizzazzjoni politika tal-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lill-persuni li jappartjenu għaċ-ċrieki ta' mexxejja taħt il-mandat tal-president preċedenti tar-Repubblika, M. Moubarak, dawn id-dokumenti ma fihomx elementi biżżejjed preċiżi u konkordanti ta' natura li tissostanzja tali riskju fir-rigward tal-ewwel rikorrent. Barra minn hekk, bħalma ġie enfasizzat fil-punti 221 sa 226 iktar 'il fuq, il-Kunsill seta' jqis leġittimament, fir-rigward tas-sentenzi tal-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana u tal-istadji ulterjuri tal-proċedura, li l-ewwel rikorrent seta' jibbenefika minn protezzjoni ġudizzjarja suffiċjenti kontra r-riskju li l-proċeduri kriminali li jikkonċernawh iwasslu għal deċiżjoni li tirrigwarda ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u għar-rispett tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Tista' ssir l-istess konstatazzjoni fir-rigward tar-riskju li din id-deċiżjoni tinbidel mill-motivi politiċi allegati li kienu sottostanti għat-tnehdija tal-imsemmija proċeduri kriminali.

299 Konsegwentement, minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-Kunsill seta', ġustament, iqis li l-proċeduri ġudizzjarji li kien ibbażat fuqhom it-tiġdid tal-inklużjoni tal-ewwel rikorrent ma setgħux jinbidlu minn kunsiderazzjonijiet politiċi. Għalhekk it-tielet parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda.

***e) Fuq ir-raba' parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq in-natura insuffiċjenti tal-elementi relatati mas-sitwazzjoni individwali tat-tieni sar-raba' rikorrenti***

300 Fir-rikors, ir-rikorrenti jillimitaw ruħhom li jsostnu li l-assenza ta' konformità tal-inklużjoni tal-ewwel rikorrent mal-kriterji ġenerali ddefiniti fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 tneħħi wkoll il-validità tal-inklużjoni tat-tieni sar-raba' rikorrenti, peress li din hija bbażata biss fuq digriet ta' ffriżar ta' fondi maħruġ fil-kuntest ta' proċeduri kriminali fil-konfront tar-raġel tagħhom. Fir-replika, huma jaffermaw li l-imsemmi digriet ma jistax iservi ta' bażi għat-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom minħabba li ma ntemmet l-ebda proċedura fil-konfront tal-ewwel rikorrent u li ma nfetħet l-ebda proċedura fil-konfront tat-tieni sar-raba' rikorrenti. Madankollu, tali digriet għandu, min-natura tiegħu, natura anċillari meta mqabbel mal-proċedura ta' rkupru ta' fondi inkwistjoni. Ir-rikorrenti jippreċiżaw li t-tielet u r-raba' rikorrenti lanqas ma huma s-suġġett tad-digriet ta' ffriżar ta' assi fir-rigward tal-assi personali tagħhom. Fil-kuntest tal-ewwel nota ta' adattament, huma jsostnu li l-ittra tal-awtoritajiet Eġizzjani tat-2 ta' Jannar 2016 ma ssemmix lit-tieni sar-raba' rikorrenti u li huma ma setgħux jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-ittra tal-imsemmija awtoritajiet bid-data tas-7 ta' Marzu 2016. Barra minn hekk, huma jaffermaw li ż-żwieġ tat-tieni rikorrenti mal-ewwel rikorrent ilu li tħassar minn Diċembru 2013 u li l-Kunsill kien ġie informat b'dan fid-29 ta' Jannar 2016. Fil-kuntest tat-tieni nota ta' adattament, huma jaffermaw li t-tieni sar-raba' rikorrenti ma kinux destinatarji, qabel it-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom mid-Deċiżjoni 2017/496, tal-informazzjoni li l-Kunsill ibbaża ruħu fuqha biex jipproċedi għal dan it-tiġdid. Barra minn hekk, l-informazzjoni prodotta mill-awtoritajiet Eġizzjani ma tirreferix għat-tieni sar-raba' rikorrenti. Id-digriet ta' ffriżar ta' assi adottat fil-Kawża Nru 38 tal-2011 biss jista' jservi ta' bażi għat-tiġdid tal-inklużjoni ta' dawn il-persuni, peress li d-digrieti l-oħra ta' ffriżar ta' assi huma marbuta ma' proċeduri kriminali li ma jirrigwardawx kawżi ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi. Barra minn hekk, l-ebda informazzjoni prodotta mill-awtoritajiet Eġizzjani ma tindika li t-tieni sar-raba' rikorrenti jkunu għadhom suġġetti għal deċiżjoni ta' ffriżar ta' assi. Fl-aħħar nett, huma jsostnu li l-modifika tal-portata tal-iffriżar tal-assi tat-tielet u r-raba' rikorrenti tikkonferma li huma ma jistgħux jitqiesu bħala responsabbli għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi.

301 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li, bħalma ġie nnotat fil-punti 238 u 239 iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali, b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, qieset li l-Kunsill seta' jibbaża l-inklużjoni tat-tieni sar-raba' rikorrenti fuq l-eżistenza ta' digriet ta' ffriżar ta' assi marbut mal-investigazzjonijiet li jirrigwardaw fatti ta' miżappropjazzjoni ta' fondi pubbliċi li l-ewwel rikorrent kien is-suġġett tagħhom, billi l-kriterji tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 ma jinkludix biss lill-persuni suġġetti għal proċeduri kriminali għal tali fatti, iżda wkoll lill-persuni assoċjati magħhom li jkunu s-suġġett, b'mod partikolari, ta' miżuri kawtelatorji maħsuba biex jinżammu l-assi possibbilment miżappropjati.

302 F'dawn il-kundizzjonijiet, sa fejn l-argument tar-rikorrenti spjegat fil-punt 300 iktar 'il fuq huwa intiż li jikkontesta l-inklużjoni inizjali tat-tieni sar-raba' rikorrenti, minħabba, b'mod partikolari, li d-digriet tal-2011 ma jikkostitwixxix bażi soda u li dawn il-persuni qatt ma kienu s-suġġett ta' proċeduri kriminali, dan imur kontra l-awtorità ta' *res judicata* li tintrabat mal-motivi tas-sentenzi tal-5 ta' Marzu 2015 Ezz *et* vs Il-Kunsill (C-220/14 P, EU:C:2015:147), u tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93). Dan huwa għalhekk inammissibbli.

303 Sa fejn dan huwa intiż biex jikkontesta t-tiġdid ta' din l-inklużjoni, l-argument tar-rikorrenti espost fil-punt 300 iktar 'il fuq huwa, parzjalment, manifestament infondat. Fil-fatt, fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, approvati mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-punti 238 u 239 iktar 'il fuq), ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw, qabel kollox, il-fatt li l-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent ma ntemmewx, billi l-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidew li l-Kunsill seta' jibbaża ruħu fuq l-eżistenza ta' proċedura ġudizzjarja attwali. Sussegwentement, huma ma jistgħux jibqgħu jinvokaw il-fatt li ma nfetħet l-ebda proċedura ġudizzjarja fil-konfront tat-tieni sar-raba' rikorrenti, billi l-Kunsill għandu d-dritt, skont il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja, jipproċedi għall-inklużjoni tagħhom minħabba li huma s-suġġett ta' proċedura marbuta mal-proċeduri kriminali għal fatti ta' miżappropjazzjoni ta' fondi pubbliċi, bħala persuni assoċjati fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172, peress li tali proċedura marbuta tikkostitwixxi fiha nnifisha, f'dan il-każ, proċedura ġudizzjarja. Bl-istess mod, l-argument li jinsab fit-tieni nota ta' adattament, li l-esklużjoni tal-assi personali tat-tielet u r-raba' rikorrenti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-digriet ta' ffriżar ta' assi adottat fir-rigward tagħhom juri li huma ma humiex responsabbli minn miżappropjazzjoni ta' fondi pubbliċi, huwa bbażat fuq il-premessa manifestament żbaljata li l-assi ta' dawn il-persuni ġew iffriżati minħabba li huma stess kienu ssuspettati mill-awtoritajiet Eġizzjani li wettqu fatti ta' miżappropjazzjoni ta' fondi pubbliċi.

304 Fl-aħħar nett, l-unika kwistjoni ġdida li jqajmu l-argumenti mressqa insostenn ta' din il-parti tat-tielet motiv tikkonsisti f'jekk, wara l-inklużjoni inizjali tat-tieni sar-raba' rikorrenti, sarux modifiki relatati mas-sitwazzjoni tal-ewwel rikorrent jew mas-sitwazzjoni individwali tagħhom stess li jostakolaw it-tiġdid tal-inklużjoni inizjali tagħhom fuq il-bażi, b'mod partikolari, tad-digriet ta' ffriżar ta' assi li serva ta' bażi għal din l-inklużjoni inizjali.

305 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq l-assenza tal-fondatezza tat-tiġdid tal-inklużjoni tal-ewwel rikorrent, stabbilit fir-rikors, huwa biżżejjed li jiġi nnotat li l-ewwel tliet partijiet ta' dan il-motiv, intiżi biex jikkontestaw din il-fondatezza, ġew miċħuda fil-punti 250 sa 299 iktar 'il fuq, mill-inqas fir-rigward tal-Kawżi Nri 38, 107 u 291 tal-2011. Il-validità tat-tiġdid tal-inklużjoni tat-tieni sar-raba' rikorrenti għalhekk ma tistax tiġi kkontestata fuq din il-bażi.

306 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argumenti relatati mal-limitazzjoni tal-portata tal-iffriżar tal-assi tat-tielet u r-raba' rikorrenti, imressqa għall-ewwel darba fir-replika, dawn l-argumenti, bis-suppożizzjoni li huma ammissibbli, ma humiex rilevanti. Fil-fatt, ir-rikorrenti jillimitaw ruħhom biex jaffermaw li dan l-iffriżar ma għadux jikkonċerna l-assi personali ta' dawn il-persuni, iżda huma ma jsostnux li dan intemm b'mod definittiv, inkluż fir-rigward tal-assi miżmuma b'mod konġunt mal-ewwel rikorrent. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mid-dokumenti prodotti mir-rikorrenti insostenn tal-allegazzjonijiet tagħhom. Fil-fatt, huma jindikaw, minn naħa, fir-rigward tat-tielet rikorrenti, li l-iffriżar tal-assi tagħha ma għadux japplika, b'deċiżjoni ġudizzjarja, għall-beni u l-assi li wirtet mingħand missierha qabel il-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent u, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-raba'

rikorrenti, li l-Prosekutur Ġenerali Eġizzjan temm l-iffriżar tal-assi miżmuma minnha qabel iż-żwieġ tagħha mal-ewwel rikorrent. Konsegwentement, minn dawn l-elementi għandu jiġi dedott li l-parti tal-assi tat-tielet u r-raba' rikorrenti li ma hijiex ikkonċernata mid-deċiżjonijiet ġudizzjarji msemmija iktar 'il fuq għadhom is-suġġett tal-iffriżar ta' assi stabbilit fl-2011 mill-Prosekutur Ġenerali Eġizzjan fil-konfront tar-rikorrenti kollha, u dawn tal-aħħar ma jikkontestawx dan. Għalhekk dawn l-argumenti jistgħu biss jiġu miċħuda.

307 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argumenti mressqa fil-kuntest tal-ewwel nota ta' adattament u relatati mal-informazzjoni dwar it-tieni sar-raba' rikorrenti li l-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2016/411, ir-rikorrenti ma jikkontestawx il-fatt li, permezz ta' ittra tas-7 ta' Marzu 2016, l-awtoritajiet Eġizzjani indikaw lill-Kunsill li dawn il-persuni għadhom kollha s-suġġett ta' tliet digrieti ta' ffriżar ta' assi fil-kuntest tal-erba' proċeduri kriminali fil-konfront tal-ewwel rikorrent fil-Kawżi Nri 38, 107 u 291 tal-2011 u li t-tieni u t-tielet rikorrenti kienu wkoll is-suġġett ta' ffriżar tal-assi fil-Kawża Nru 4 tal-2011. F'dawn il-kundizzjonijiet, il-fatt li dawn il-persuni ma jissemmewx fl-ittra tal-istess awtoritajiet tat-2 ta' Jannar 2016 ma għandux effett. Barra minn hekk, il-fatt li r-rikorrenti ma setgħux jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-informazzjoni li tinsab fl-ittra tas-7 ta' Marzu 2016 ma huwiex rilevanti fil-kuntest ta' dan il-motiv u ma jistax jiġi eżaminat fil-kuntest tar-raba' motiv, ibbażat, b'mod partikolari, fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-fatt li t-tieni rikorrenti ddivorzjat mill-ewwel rikorrent, dan ma jistax jinfluwenza t-tiġdid tal-inklużjoni ta' din il-persuna, sa fejn, bħalma kkonfermat l-ittra tas-7 ta' Marzu 2016, din xorta waħda għadha s-suġġett ta' miżuri ta' ffriżar ta' assi fil-kuntest ta' ċerti proċeduri kriminali li jikkonċernaw lir-raġel li kellha. Issa, l-imsemmi tiġdid ma jibbażax fuq il-motiv ibbażat fuq in-natura tal-konnessjonijiet tagħha ma' dan tal-aħħar, iżda fuq il-motiv ibbażat fuq il-fatt li hija s-suġġett ta' proċeduri ġudizzjarji marbuta ma' proċeduri li jirrigwardaw fatti ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jsostnux li, minħabba dan id-divorzju, it-tieni rikorrenti ma kien għad kellha l-ebda relazzjoni, b'mod partikolari ta' natura patrimonjali, mal-ewwel rikorrent. Huwa għalhekk li l-fatt li l-Kunsill kompla jinkludi lil din il-persuna fl-anness tad-Deċiżjoni 2011/172, mal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2016/411, bħala mart l-ewwel rikorrent ma jistax jaffettwa l-legalità tat-tiġdid tal-inklużjoni tagħha. Għalhekk dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda.

308 Fir-raba' u l-aħħar lok, fir-rigward tal-argumenti mressqa fil-kuntest tat-tieni nota ta' adattament, qabel kollox għandu jiġi nnotat li, għall-istess raġunijiet bħal dawk invokati fil-punt 307 iktar 'il fuq, il-fatt li l-informazzjoni li tinsab fl-ittra tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2017 kienet indirizzata b'mod speċifiku lit-tieni sar-raba' rikorrenti biss wara t-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom ma għandux effett. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jammettu li, sa fejn l-imsemmija ittra ġiet indirizzata lir-rappreżentanti legali tal-ewwel rikorrent li jirrappreżentaw ukoll lit-tieni sar-raba' rikorrenti, dawn tal-aħħar setgħu jivverifikaw, qabel it-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom, l-elementi li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Sussegwentement, huwa bi żball li r-rikorrenti jaffermaw li l-Kunsill seta' jibbaża ruħu biss fuq id-digriet ta' ffriżar ta' assi adottat fil-Kawża Nru 38 tal-2011. Fil-fatt, bħalma ġie kkonstatat fil-punti 262 u 285 iktar 'il fuq, il-Kawżi Nri 107 u 291 tal-2011 jirrigwardaw ukoll fatti ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi, b'tali mod li l-Kunsill seta' jibbaża ruħu wkoll fuq id-digrieti ta' ffriżar ta' assi adottati fil-konfront tar-rikorrenti kollha fir-rigward ta' dawn il-kawżi. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument li l-informazzjoni mibgħuta mill-Kunsill li tikkonċerna l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2017/496 ma turix li t-tieni sar-raba' rikorrenti għadhom suġġetti għal iffriżar tal-assi tagħhom, huwa biżżejjed li jiġi nnotat li, fost din l-informazzjoni, il-Kunsill bagħat kopja tad-digrieti differenti adottati fl-2011 fil-konfront tar-rikorrenti kollha. Madankollu, dawn tal-aħħar isostnu biss li l-portata ta' dawn id-digrieti ġiet immodifikata ulterjorment, bħalma ġie indikat fl-ewwel nota ta' adattament, iżda huma ma jipproduċu l-ebda element konkret ta' natura li tissuġġerixxi li dawn id-digrieti ma għadhomx fis-seħħ fil-konfront tat-tieni sar-raba' rikorrenti. Għalhekk dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda.

309 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li r-raba' parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda. Għaldaqstant, dan il-motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

### *3. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva*

310 Ir-raba' motiv jinkludi, essenzjalment, ħames partijiet. Permezz tal-ewwel parti, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kunsill qatt ma kkomunikalhom provi kredibbli u konkreti li jippermettu li tiġi ġġustifikata l-applikazzjoni ta' miżuri restrittivi fil-konfront tagħhom. Permezz tat-tieni parti, huma jsostnu li l-Kunsill ma pproduċa l-ebda prova li huwa kien wettaq eżami bir-reqqa u imparzjali tal-fondatezza tar-raġunijiet tat-tiġdid tal-inklużjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-osservazzjonijiet tagħhom. Permezz tat-tielet parti, ir-rikorrenti jaffermaw li l-Kunsill naqas milli jipproduċi l-elementi kollha li huwa bbaża ruħu fuqhom biex jipproċedi għat-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom. Permezz tar-raba' parti, ir-rikorrenti jaffermaw li, fl-ipoteżi fejn il-Kunsill kien ikkomunikalhom id-dokumenti kollha għad-dispożizzjoni tiegħu, hemm lok li jitqies li huwa llimita ruħu li jirriproduċi d-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet Eġizzjani mingħajr ma jipproċedi għal verifiki. Permezz tal-ħames parti, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kunsill ma tax segwitu għat-talbiet tagħhom għal smigħ, minkejja n-natura neċessarja ta' dan tal-aħħar fir-rigward tal-osservazzjonijiet tagħhom.

311 Il-Kunsill jafferma li, fis-sentenzi tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill (C-220/14 P, EU:C:2015:147), u tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93), l-ilmenti tar-rikorrenti relatati mal-ksur tad-drittijiet tagħhom tad-difiża u tad-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva diġà ġew miċħuda fir-rigward tal-inklużjoni inizjali tagħhom. Fir-rigward tat-tiġdid ta' din l-inklużjoni, dawn l-ilmenti kienu ġew miċħuda wkoll fid-digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78). Barra minn hekk, fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-ewwel nota ta' adattament, huwa jikkontesta l-fatt li kiser l-obbligu tiegħu li jikkomunika l-elementi għad-dispożizzjoni tiegħu u li jippermetti lir-rikorrenti jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fil-kuntest tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2016/411. Fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar it-tieni nota ta' adattament, il-Kunsill iżid li l-fatt li huwa ma aċċettax jew ma ħax inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti ma jfissirx li ma eżaminahomx. Huwa jafferma wkoll li huwa ma kienx marbut jinnotifika separatament lit-tieni sar-raba' rikorrenti bl-informazzjoni kkomunikata lir-rappreżentanti legali tal-ewwel rikorrent, li kienet relatata biss mas-sitwazzjoni legali ta' dan tal-aħħar. Fl-aħħar nett huwa jafferma, essenzjalment, li l-inklużjoni tat-tieni rikorrenti bħala mart l-ewwel rikorrent ma għandhiex effett.

312 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-qrati tal-Unjoni għandhom jiżguraw, skont il-kompetenzi li huma mogħtija lilhom skont it-TFUE, stħarriġ, fil-prinċipju komplet, tal-legalità tal-atti kollha tal-Unjoni fir-rigward tad-drittijiet fundamentali li jagħmlu parti sħiħa mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, li jinkludi b'mod partikolari r-rispett tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva (sentenzi tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 326, u tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punti 97 u 98).

313 B'mod partikolari, fil-kuntest ta' proċedura li tirrigwarda l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tinkludi persuna f'lista ta' persuni u entitajiet li l-assi tagħhom huma ffriżati jew tad-deċiżjoni li ġġedded din l-inklużjoni, ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża jeżiġi li l-awtorità kompetenti tal-Unjoni tikkomunika lill-persuna kkonċernata l-elementi li din l-awtorità għandha għad-dispożizzjoni tagħha fir-rigward tagħha biex tibbaża din id-deċiżjoni, u dan sabiex din il-persuna tkun tista' tiddefendi d-drittijiet tagħha fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u tiddeċiedi b'għarfien sħiħ tal-kwistjoni jekk ikunx utli li tadixxi lill-qorti tal-Unjoni. Barra minn hekk, matul din il-komunikazzjoni, l-awtorità kompetenti tal-Unjoni għandha tippermetti lil din il-persuna tagħti b'mod utli l-perspettiva tagħha fir-rigward tal-motivi miżmuma f'dan il-każ. Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' deċiżjoni li tikkonsisti fiż-żamma tal-isem tal-persuna kkonċernata f'tali lista, l-osservanza ta' dan l-obbligu proċedurali doppju għandha, kuntrarjament għal dak li huwa l-każ għal inklużjoni inizjali, tippreċedi l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punti 111 sa 113 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, dan l-obbligu proċedurali doppju huwa impost biss meta, fil-kuntest tat-tiġdid tal-inklużjoni tal-persuni kkonċernati,

l-awtorità kompetenti tibbaża ruħha fuq elementi ġodda. Barra minn hekk, il-persuni kkonċernati għandhom, fi kwalunkwe każ, dritt stabbilit li jippreżentaw osservazzjonijiet, b'mod partikolari fil-każ tal-eżami mill-ġdid perijodiku tal-miżuri restrittivi li jikkonċernawhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2015, Ipatau vs Il-Kunsill, C-535/14 P, EU:C:2015:407, punti 26 u 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

314 Barra minn hekk, id-dritt għal smigħ għandu bħala konsegwenza l-obbligu għall-awtorità kompetenti li timmotiva d-deċiżjoni tagħha billi tidentifika r-raġunijiet individwali, speċifiċi u konkreti għaliex l-awtoritajiet kompetenti jqisu li l-persuna kkonċernata għandha tibqa' s-suġġett ta' miżuri restrittivi minkejja l-elementi li jiskaġunaw possibbli prodotti minn din il-persuna (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2012, M., C-277/11, EU:C:2012:744, punt 88, u tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punti 114 u 116).

315 Barra minn hekk, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-eżistenza ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva għandha tiġi evalwata skont ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ, b'mod partikolari, tan-natura tal-att inkwistjoni, tal-kuntest tal-adozzjoni tiegħu u tar-regoli legali li jirregolaw il-materja kkonċernata (sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 102).

316 F'dan il-każ, bħalma ġie kkonstatat fil-punti 81 sa 88 iktar 'il fuq, bl-għan tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kunsill ma bbażax biss fuq l-informazzjoni li diġà kellu għad-dispożizzjoni tiegħu mal-inklużjoni inizjali tar-rikorrenti fl-2011, iżda wkoll fuq aġġornament ta' din l-informazzjoni fl-2014, fl-2015, fl-2016 u fl-2017 dwar, b'mod partikolari, l-iżvilupp tal-proċeduri ġudizzjarji li r-rikorrenti kienu s-suġġett tagħhom. Fil-fatt, sa fejn il-motiv tal-inklużjoni tar-rikorrenti huwa bbażat fuq l-eżistenza ta' proċeduri ġudizzjarji attwali, huwa l-kompitu tal-Kunsill li jivverifika, b'mod partikolari fil-każ tal-eżami mill-ġdid perijodiku ta' din l-inklużjoni bl-għan tat-tiġdid possibbli tagħha, l-istadju li jinsabu fih dawn il-proċeduri ġudizzjarji u, jekk ikun il-każ, l-eżitu tagħhom (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Il-Kunsill vs LTTE, C-599/14 P, EU:C:2017:583, punti 46 u 52). Konsegwentement, sabiex jiġu rispettati d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tar-rikorrenti, kien il-kompitu tal-Kunsill li jikkomunikalhom dawn l-elementi aġġornati, biex jippermettilhom, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, jippreżentaw osservazzjonijiet f'dan ir-rigward u biex jindikalhom, fil-kuntest tal-motivazzjoni tal-imsemmija deċiżjonijiet, ir-raġunijiet għaliex kien għadu jqis li t-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom kien iġġustifikat.

317 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li, bħalma ppreċiżaw ir-rikorrenti fir-replika, huma ma għandhomx l-għan, fil-kuntest ta' dan il-motiv, li jinvokaw il-ksur tad-drittijiet tagħhom tad-difiża u tad-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fil-kuntest tal-inklużjoni inizjali tagħhom, ilment li, bħalma jammettu, il-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet dwaru. Għall-kuntrarju, l-għan tagħhom huwa li jinvokaw il-ksur analogu li allegatament wettaq il-Kunsill fil-kuntest tad-deċiżjonijiet ikkontestati. Konsegwentement, il-fatt li l-Qorti Ġenerali diġà eżaminat l-eżistenza ta' tali ksur fil-kuntest tal-inklużjoni inizjali tar-rikorrenti u tat-tiġdid ta' din l-inklużjoni fl-2013 ma jistax, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-Kunsill, jiġi opponut mir-rikorrenti fil-kuntest ta' dan il-motiv.

318 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati l-partijiet differenti ta' dan il-motiv. Qabel kollox, għandhom jiġu eżaminati flimkien l-ewwel u t-tielet parti ta' dan il-motiv, li t-tnejn huma intiżi, essenzjalment, biex jinvokaw ksur, mill-Kunsill, tal-obbligu tiegħu ta' komunikazzjoni minn qabel tal-elementi li kellu l-għan li jibbaża d-deċiżjonijiet ikkontestati fuqhom.

***a) Fuq l-ewwel u t-tielet partijiet, ibbażati, essenzjalment, fuq ksur tal-obbligu ta' komunikazzjoni minn qabel tal-elementi li jservu ta' bażi fattwali għad-deċiżjonijiet ikkontestati***

319 Qabel kollox, għandu jiġi nnotat li, sa fejn l-ewwel parti tirrigwarda l-assenza ta' indizji serji jew ta' provi kredibbli ta' natura li tissostanzja t-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti, din għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva fil-kuntest ta' dan il-motiv. Fil-fatt, din tirrigwarda kwistjoni marbuta mal-fondatezza ta' dan it-tiġdid, diġà ttrattata, barra minn hekk, fil-kuntest tat-tielet motiv u, konsegwentement, distinta mill-kwistjoni jekk id-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tar-rikorrenti nkisrux (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Al Matri vs Il-Kunsill, T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376, punt 134).

320 B'kunsiderazzjoni ta' dan, għandu jiġi kkonstatat li l-Kunsill ma kkomunikax, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, l-elementi kollha li kienu ntbagħtulu mill-awtoritajiet Eġizzjani u li kien ibbaża ruħu fuqhom biex iqis li t-tiġdid tar-rikorrenti kien għadu ġġustifikat.

321 Fl-ewwel lok, [*kunfidenzjali*]. Bħalma ppreċiżaw dawn tal-aħħar fit-tweġiba tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali bid-data tal-1 ta' Ġunju 2016, kien biss wara, fid-dawl tal-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet 2016/411 u 2017/496, li dokumenti b'kontenut analogu ġew ikkomunikati lilhom mill-Kunsill. Barra minn hekk, fl-ittra tiegħu tal-24 ta' Marzu 2015 lir-rikorrenti, li fiha jiġġustifika t-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti għas-sena 2015, il-Kunsill ma jagħmel l-ebda riferiment espliċitu għal dan id-dokument. [*kunfidenzjali*]. Barra minn hekk, bħalma ġie nnotat fil-punti 157, 192, 224 u 290 iktar 'il fuq, dan id-dokument kien jipprovdi indikazzjonijiet utli għall-evalwazzjoni ta' dan ir-riskju kif ukoll, b'mod ġenerali, għall-evalwazzjoni tal-kuntest ġuridiku li jaqgħu taħtu l-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lir-rikorrenti. [*kunfidenzjali*]. Barra minn hekk, il-fatt li, qabel id-Deċiżjoni 2016/411 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/491, il-Kunsill ikkomunikalhom dokumenti ta' kontenut analogu jmur kontra din il-pożizzjoni.

322 Fit-tieni lok, bħalma ġie kkonstatat fil-punt 307 iktar 'il fuq, il-Kunsill ikkomunika l-ittra tal-awtoritajiet Eġizzjani tas-7 ta' Marzu 2016 biss wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2016/411. Issa, din l-ittra kien fiha informazzjoni speċifika li tikkonċerna ż-żamma tad-digrieti ta' ffriżar ta' assi fil-konfront tar-rikorrenti kollha, ta' natura li twieġeb għall-oġġezzjonijiet tar-rikorrenti li jikkonċernaw il-fatt li t-tieni sar-raba' rikorrenti ma kienu msemmija bl-ebda mod fl-ittra tal-istess awtoritajiet tat-2 ta' Jannar 2016, li kienet intbagħtitilhom. Din l-ittra tas-7 ta' Marzu 2016 kienet tikkostitwixxi għalhekk, skont l-evidenza, element li l-Kunsill seta' jibbaża ruħu fuqu għat-tiġdid tal-inklużjoni tal-persuni msemmija iktar 'il fuq, li jikkonferma, barra minn hekk, l-ittra tiegħu tal-21 ta' Marzu 2016 lir-rikorrenti, li fiha jwieġeb għall-oġġezzjonijiet tagħhom billi jirreferi għall-ewwel ittra u billi din jehmiżha mat-tieni waħda.

323 Fit-tielet lok, bħalma ġie kkonstatat fil-punt 308 iktar 'il fuq, l-ittra tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2017, li kien fiha informazzjoni li tikkonċerna b'mod speċifiku s-sitwazzjoni individwali tat-tieni sar-raba' rikorrenti ġiet innotifikata lir-rappreżentanti legali tar-rikorrenti intiża biss għall-ewwel rikorrent. B'kunsiderazzjoni ta' dan, sa fejn id-destinatarji ta' din l-ittra kienu jirrappreżentaw ukoll lit-tieni sar-raba' rikorrenti quddiem il-Kunsill, huma setgħu, f'isem il-klijenti tagħhom, ikunu jafu bl-informazzjoni li tikkonċernahom b'mod speċifiku u jippreżentaw osservazzjonijiet f'dan ir-rigward. Konsegwentement, ma jistax jitqies li l-Kunsill kiser l-obbligi tiegħu fil-konfront tat-tieni sar-raba' rikorrenti billi nnotifika l-ittra tas-27 ta' Jannar 2017 lir-rappreżentanti legali tar-rikorrenti kollha, biss bħala rappreżentanti tal-ewwel rikorrent.

324 Min-naħa l-oħra, mill-punti 321 u 322 iktar 'il fuq jirriżulta li, fil-kuntest tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2015/486 u tad-Deċiżjoni 2016/411, il-Kunsill kiser l-obbligi tiegħu billi ma kkomunikax, fi żmien xieraq, ċerta informazzjoni li kien ibbaża ruħu fuqha biex jipproċedi għal tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti fil-kuntest ta' dawn id-deċiżjonijiet u, konsegwentement, billi ma ppermettilhomx jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward qabel l-imsemmi tiġdid.

325 B'kunsiderazzjoni ta' dan, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex l-eżistenza ta' irregolarità marbuta mad-drittijiet tad-difiża tkun tista' twassal għall-annullament tal-att kontenzjuż, huwa neċessarju li, minħabba din l-irregolarità, il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti, li b'hekk jiġu affettwati konkretament id-drittijiet tad-difiża tal-persuna li tressaq it-talba (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Jinan Meide Casting vs Il-Kunsill, T-424/13, EU:T:2016:378, punt 81 u l-ġurisprudenza ċċitata).

326 Minn naħa, fir-rigward tal-memorandum tal-PGO tad-9 ta' Frar 2015, fil-punt 158 iktar 'il fuq ġie nnotat li r-rikorrenti setgħu jippreżentaw, quddiem il-Qorti Ġenerali, osservazzjonijiet dwar dan id-dokument fil-kuntest ta' dan ir-rikors, [*kunfidenzjali*] fit-tweġiba bil-miktub tagħhom, bid-data tal-1 ta' Ġunju 2017 [*kunfidenzjali*]. Għalhekk id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġie rispettat. Barra minn hekk, minn dawn l-osservazzjonijiet ma jirriżultax li r-rikorrenti, għalkemm setgħu jkunu jafu b'dan id-dokument qabel id-Deċiżjoni 2015/486, setgħu jqajmu dubju dwar il-kontenut tiegħu jew ir-rilevanza tiegħu bl-għan tat-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom. Konsegwentement, huma ma jistabbilixxux li, kieku dan kien il-każ, il-proċedura seta' jkollha eżitu differenti.

327 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-ittra tal-awtoritajiet Eġizzjani tas-7 ta' Marzu 2016, huwa stabbilit li r-rikorrenti setgħu jkunu jafu b'din l-ittra permezz tal-ittra tal-Kunsill bid-data tal-21 ta' Marzu 2016 u li huma ma jikkontestawx il-fatt li huma saru jafu b'dan f'terminu suffiċjenti biex jippermettilhom jippreżentaw osservazzjonijiet f'dan ir-rigward fil-kuntest tal-ewwel nota ta' adattament tagħhom. Madankollu, bħalma juri l-eżami ta' dawn l-osservazzjonijiet fil-punt 307 iktar 'il fuq, dawn ma setgħux jimmodifikaw l-eżitu tal-proċedura, kieku setgħu jiġu ppreżentati qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2016/411.

328 Konsegwentement, il-ksur ikkonstatat fil-punti 321, 322 u 324 iktar 'il fuq ma jistax iwassal għall-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati. Għalhekk l-ewwel u t-tielet parti ta' dan il-motiv għandhom jiġu miċħuda.

### *b) Fuq it-tieni parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' prova li l-Kunsill wettaq eżami bir-reqqa u imparzjali tal-fondatezza tar-raġunijiet tat-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti*

329 Permezz tal-ewwel parti, ir-rikorrenti jaffermaw li l-Kunsill ma pproduċa l-ebda prova li tippermetti li jiġi vverifikat li huwa ħa inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-osservazzjonijiet li huma ppreżentaw qabel kull wieħed mit-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom, filwaqt li bbażaw ruħhom fuq il-premessa li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn l-osservazzjonijiet kellu jwasslu biex jikkonkludi dwar l-assenza ta' fondatezza tal-motivi ta' dan it-tiġdid suċċessiv.

330 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, għalkemm ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża jirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jippermettu lill-persuni kkonċernati jesprimu tabilħaqq l-opinjoni tagħhom, dawn l-imsemmija istituzzjonijiet ma jistgħux jiġu obbligati jaqblu magħhom. In-natura utli tal-preżentata tal-opinjoni ta' dawn il-persuni tirrikjedi biss li din l-opinjoni setgħet tiġi ppreżentata tempestivament sabiex l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu jistgħu jieħdu konjizzjoni tagħha u, bl-attenzjoni rikjesta kollha, jevalwaw ir-rilevanza tagħha għall-kontenut tal-att li jkun previst li jiġi adottat (ara s-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Jinan Meide Casting vs Il-Kunsill, T-424/13, EU:T:2016:378, punt 126 u l-ġurisprudenza ċċitata).

331 F'dan il-każ, is-sempliċi fatt li l-Kunsill ma kkonkludiex dwar l-assenza ta' fondatezza tat-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti, u lanqas ma qies utli li jipproċedi għal verifiki fid-dawl tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti ma jistax, fi kwalunkwe każ, jikkostitwixxi, waħdu, ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, peress li dawn setgħu jippreżentaw, fi żmien xieraq, l-imsemmija osservazzjonijiet.

332 Bis-suppożizzjoni li, permezz ta' din il-parti, ir-rikorrenti kellhom l-intenzjoni li jinvokaw nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, għandu jitfakkar li, fl-ittri tiegħu tal-24 ta' Marzu 2015, tal-21 ta' Marzu 2016 u tat-22 ta' Marzu 2017, il-Kunsill identifika r-raġunijiet individwali, speċifiċi u konkreti għaliex huwa qies neċessarju li jġedded l-inklużjoni tar-rikorrenti. F'dawn l-ittri, huwa wieġeb ukoll għal ċerti osservazzjonijiet tar-rikorrenti. Il-fatt li huwa ma ttrattax il-mistoqsijiet kollha magħmula mir-rikorrenti fin-numru kbir ta' ittri tagħhom ma jfissirx li huwa ma ħadhomx inkunsiderazzjoni, iżda biss li ma qishomx determinanti għat-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom.

333 Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li d-deċiżjonijiet ikkontestati, li jġeddu l-inklużjoni tar-rikorrenti rispettivament għar-raba', il-ħames u s-sitt darba, ittieħdu f'kuntest magħruf minnhom. Minn naħa, il-motiv tal-inklużjoni tagħhom ma żviluppax sa mill-inklużjoni inizjali tagħhom. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidew dwar kwistjonijiet importanti dwar il-legalità tal-imsemmija motivi. Min-naħa l-oħra, mill-annessi tal-proċess jirriżulta li, sa mill-inklużjoni inizjali tar-rikorrenti, il-Kunsill żgura li jipprovdi lir-rikorrenti, jekk mhux qabel l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet suċċessivi tiegħu, mill-inqas immedjatament wara l-adozzjoni, id-dokumenti li joriġinaw mill-awtoritajiet Eġizzjani li huwa kien jibbaża d-deċiżjonijiet tiegħu fuqhom, b'tali mod li r-rikorrenti setgħu jieħdu deċiżjoni, fir-rigward ta' dawn id-dokumenti, dwar in-neċessità li jippreżentaw rikors u setgħu jikkontestaw b'mod utli l-validità. Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali setgħet, b'mod suffiċjenti fid-dritt, tiddetermina, fir-rigward ta' dawn l-elementi kollha, ir-raġunijiet speċifiċi u konkreti li huma bbażati fuqhom id-deċiżjonijiet ikkontestati u teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha dwar dawn id-deċiżjonijiet.

334 Għalhekk it-tieni parti tista' biss tiġi miċħuda.

***c) Fuq ir-raba' parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq il-fatt li l-Kunsill illimita ruħu li jirriproduċi d-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet Eġizzjani mingħajr ma jipproċedi għal verifiki***

335 Fir-rigward ta' din il-parti, għandu jiġi nnotat li din titqajjem biss b'mod sussidjarju, f'każ fejn il-Kunsill ikun bagħat lir-rikorrenti d-dokumentazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tiegħu. Madankollu, fil-punt 321 iktar 'il fuq ġie kkonstatat li dan ma kienx il-każ, peress li l-Kunsill ma kkomunikalhomx il-memorandum tal-PGO tad-9 ta' Frar 2015. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li l-Kunsill afda fid-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet Eġizzjani mingħajr ma pproċeda għal verifiki ma jistax jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tar-rikorrenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Frar 2016, Il-Kunsill vs Bank Mellat, C-176/13 P, EU:C:2016:96, punti 89 u 90). Għalhekk din il-parti tista' biss tiġi miċħuda.

***d) Fuq il-ħames parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' tweġiba tal-Kunsill għat-talbiet għal smigħ tar-rikorrenti***

336 Fil-kuntest tal-ewwel parti, ir-rikorrenti jaffermaw li huma talbu smigħ "ta' urġenza" fl-ittra tagħhom tat-23 ta' Diċembru 2014, tat-12 ta' Jannar 2015, tat-3 ta' Frar 2015, tat-2 ta' Marzu 2015 u tad-29 ta' Jannar 2016 u li dan is-smigħ kien neċessarju, fil-fehma tagħhom, biex jiġu evitati "żbalji manifesti" mwettqa mill-Kunsill.

337 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 313 iktar 'il fuq jirriżulta li l-Kunsill kellu, f'dan il-każ, marġni ta' diskrezzjoni biex jiddetermina jekk kienx xieraq li jilqa' t-talbiet għal smigħ tar-rikorrenti. Fil-fatt, fil-kuntest ta' sempliċi tiġdid tad-deċiżjoni inizjali, id-dritt għal smigħ tar-rikorrenti jimplika biss li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jaffermaw b'mod utli l-perspettiva tagħhom billi jippreżentaw, fi kwalunkwe ħin u b'mod partikolari fil-każ tal-eżami mill-ġdid tal-inklużjoni tagħhom, osservazzjonijiet li huwa l-kompitu tal-Kunsill li jeżaminahom b'mod imparzjali u bir-reqqa. Sa fejn ir-rikorrenti setgħu, fi żmien xieraq, jissottomettu lill-Kunsill ċertu għadd ta' dokumenti ta' natura li tikkostitwixxi elementi li jiskaġunaw u jindikaw il-konklużjonijiet li huma kienu jisiltu minn dawn id-dokumenti, huma ma jistabbilixxux li, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, kien neċessarju smigħ.

Fil-fatt, il-Kunsill kellu terminu suffiċjenti qabel l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati biex jitlob lir-rikorrenti, kieku qies dan neċessarju, jippreżentaw spjegazzjonijiet jew dettalji supplimentari bil-miktub dwar l-imsemmija elementi li jiskaġunaw jew, jekk ikun il-każ, jipproċedi għal verifiki mingħand l-awtoritajiet Eġizzjani. Barra minn hekk, bħalma tfakkar fil-punt 330 iktar 'il fuq, il-Kunsill ma kienx marbut jaderixxi mal-perspettiva spjegata mir-rikorrenti fl-osservazzjonijiet tagħhom. Konsegwentement, iċ-ċirkustanza allegata li kien neċessarju smigħ biex jiġi evitat li l-Kunsill iwettaq żbalji "manifesti" ta' evalwazzjoni ma tistax tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur tad-dritt għal smigħ tar-rikorrenti minħabba l-assenza ta' żamma ta' tali smigħ. Barra minn hekk, mill-eżami, mill-Qorti Ġenerali, tal-ewwel, it-tieni u t-tielet motiv, fil-punti 114 sa 308 iktar 'il fuq, jirriżulta li r-rikorrenti, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, ma pproduċew l-ebda element li jagħmel neċessarja ż-żamma ta' smigħ.

338 Għalhekk għandha tiġi miċħuda l-ħames parti tar-raba' motiv u, għaldaqstant, għandu jiġi miċħud dan il-motiv kollu kemm hu.

### *4. Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ir-restrizzjoni inġustifikata u sproporzjonata tad-dritt għall-proprjetà tar-rikorrenti u fuq dannu għar-reputazzjoni tagħhom*

339 Insostenn ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti jirreferu għall-argumenti stabbiliti fil-punti 102 sa 110 tar-rikors fil-Kawża T-279/13. Fil-fehma tagħhom, dawn l-argumenti huma kkonfermati mill-fatt li huma ilhom milquta minn iffriżar ta' assi għal iktar minn erba' snin. Madankollu, minħabba dan, il-Kunsill kellu terminu kunsiderevoli biex jivverifika mingħand l-awtoritajiet Eġizzjani l-ammont ta' fondi allegatament miżappropriati u, minkejja dan, naqas milli jagħmel dan. Fl-ewwel nota ta' adattament, qabel kollox, ir-rikorrenti jaffermaw li l-kundizzjoni li l-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi li dispożizzjoni tkun kapaċi tilħaq l-għanijiet leġittimi li hija tfittex ma hijiex osservata minħabba li ż-żamma ta' miżuri restrittivi fil-konfront tar-rikorrenti la tkun rilevanti, u lanqas xierqa biex jintlaħaq l-għan ta' appoġġ għall-istat tad-dritt fl-Eġittu previst fid-Deċiżjoni 2011/172. Huma jirreferu għall-argument tagħhom imressaq f'dan ir-rigward fil-kuntest tal-ewwel motiv. Sussegwentement, huma jsostnu li l-inklużjoni tagħhom ma hijiex neċessarja minħabba li l-għanijiet tagħha jistgħu jintlaħqu minn deċiżjonijiet ta' awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri, u dan b'mod inqas vinkolanti. Fl-aħħar nett, huma jsostnu li ma ġiex allegat mill-awtoritajiet Eġizzjani, fil-proċeduri ġudizzjarji li l-Kunsill ibbaża ruħu fuqhom, li huma ttrasferixxew fondi li oriġinaw minn miżappropjazzjoni ta' fondi pubbliċi Eġizzjani fl-Unjoni. Barra minn hekk, huma jenfasizzaw li l-argumenti tagħhom huma msaħħa mit-tul taż-żmien sinjifikattiv, jiġifieri sitt snin, li għadda sa mill-inklużjoni inizjali tagħhom.

340 Il-Kunsill jikkontesta dan l-argument billi jafferma, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet dwar l-osservanza, permezz tal-miżuri kontenzjużi, tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

341 Fl-ewwel lok, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, fil-punti 70 sa 74 tad-digriet tal-15 ta' Frar 2016, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-279/13, mhux ippubblikat, EU:T:2016:78), il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti mressqa mir-rikorrenti insostenn ta' motiv analogu għal dan il-motiv fil-kuntest tal-kawża li wasslet għal dan id-digriet. Għaldaqstant, mingħajr il-ħtieġa li jiġi eżaminat jekk huwiex ammissibbli li r-rikorrenti jirreferu għal nota annessa għar-rikors mingħajr ma jirriproduċu l-kontenut tagħha, ir-referenzi tagħhom fil-punti 102 sa 110 tar-rikors fil-kawża msemmija iktar 'il fuq jistgħu biss jiġu miċħuda.

342 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-assenza ta' verifika, mill-Kunsill, tal-ammont ta' fondi miżappropriati, minkejja ż-żmien disponibbli sa mill-inklużjoni inizjali tar-rikorrenti, għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, fin-nuqqas ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tiddeċiedi fuq il-fondatezza tal-proċeduri ġudizzjarji mibdija fl-Eġittu, il-Kunsill la seta' jagħraf in-natura u lanqas jindika huwa stess il-*quantum* tal-miżappropjazzjonijiet possibbli ta' fondi pubbliċi Eġizzjani mwettqa mill-ewwel rikorrenti (sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-256/11, EU:T:2014:93, punt 208). Madankollu, f'dan il-każ, mill-annessi tal-proċess jirriżulta li l-ebda waħda mill-proċeduri kriminali li jikkonċernaw lill-ewwel

rikorrent ma wasslet, f'dan l-istadju, għal deċiżjoni ġudizzjarja definittiva. B'mod partikolari, fir-rigward tal-proċeduri fil-Kawżi Nri 38, 107 u 291 tal-2011, jidher li, b'segwitu għall-annullament mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana tad-deċiżjonijiet tal-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu u għar-rinviju ta' dawn il-kawżi sabiex tittieħed deċiżjoni mill-ġdid, dawn il-proċeduri għadhom pendenti. Għalhekk dan l-argument għandu jiġi miċħud.

343 Fit-tielet lok, mill-eżami, mill-Qorti Ġenerali, tal-ewwel parti tal-ewwel motiv u tat-tieni parti tat-tieni motiv, imwettaq fil-punti 118 sa 165 u 176 sa 208 iktar 'il fuq, jirriżulta li r-rikorrenti ma stabbilixxewx li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni dwar in-neċessità, fir-rigward tal-għanijiet tal-politika li d-Deċiżjoni 2011/172 taqa' fil-kuntest tagħha, li tinżamm l-applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni b'mod ġenerali u li tiġġedded l-inklużjoni tar-rikorrenti b'mod partikolari. Għaldaqstant, l-argument ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjonijiet ikkontestati la huma rilevanti, u lanqas xierqa biex jintlaħaq l-għan ta' appoġġ għall-istat tad-dritt li huwa intiż mill-Kunsill jista' biss jiġi miċħud.

344 Fir-raba' lok, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93), il-Qorti Ġenerali qieset li l-miżuri li kien ħa l-Kunsill, b'mod partikolari, dwar il-bażi tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 kienu xierqa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' din id-deċiżjoni. Fil-fatt, dawn il-miżuri jikkontribwixxu, b'mod effikaċi, sabiex jiffaċilitaw il-konstatazzjoni ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi mwettqa għad-detriment tal-awtoritajiet Eġizzjani u jippermettu li jkun iktar faċli, għal dawn l-istess awtoritajiet, li jiksbu l-ħlas lura tal-prodott ta' tali miżappropriazzjonijiet (sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill, T-256/11, EU:T:2014:93, punt 206). Konsegwentement, ir-rikorrenti ma jistax ikollhom id-dritt li jqajmu dubju dwar dawn il-kunsiderazzjonijiet billi jaffermaw li l-ittra tal-awtoritajiet Eġizzjani tal-24 ta' Frar 2011 kienet indirizzata lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali u li, konsegwentement, deċiżjoni amministrattiva u politika tal-Kunsill la kienet neċessarja, u lanqas xierqa biex jipproċedi għall-iffriżar tal-assi tagħhom. Għalhekk dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

345 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-awtoritajiet Eġizzjani ma allegawx, fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lir-rikorrenti, trasferiment ta' fondi li oriġinaw minn miżappropriazzjonijiet ta' fondi pubbliċi Eġizzjani lejn l-Unjoni, diġà tfakkar fil-punt 238 iktar 'il fuq li, fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93), il-Qorti Ġenerali, b'approvazzjoni fuq appell mill-Qorti tal-Ġustizzja, iddeċidiet li l-Kunsill seta', ġustament, jipproċedi għall-inklużjoni tar-rikorrenti fl-anness tad-Deċiżjoni 2011/172 minħabba s-sempliċi fatt li huma kienu s-suġġett ta' proċedura ġudizzjarja fl-Eġittu li jkollha konnessjoni, irrispettivament liema, mal-investigazzjonijiet li jirrigwardaw miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi. Dan l-argument huwa għalhekk parzjalment inammissibbli, sa fejn dan huwa intiż biex iqajjem dubju dwar l-inklużjoni inizjali tar-rikorrenti u parzjalment manifestament infondat, sa fejn huwa intiż li jqajjem dubju dwar it-tiġdid ta' din l-inklużjoni.

346 Fis-sitt u l-aħħar lok, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-restrizzjonijiet għall-użu tad-dritt għall-proprjetà tal-persuni li kienu kkonċernati minn miżura restrittiva bħall-iffriżar tal-assi tar-rikorrenti ma kinux jirriżultaw biss mill-portata ġenerali tal-miżura inkwistjoni, iżda wkoll, jekk ikun il-każ, mit-tul effettiv tal-applikazzjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 132 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'hekk, it-tul tal-perijodu li matulu tiġi applikata miżura bħall-miżura kontenzjuża jikkostitwixxi wieħed mill-elementi li l-qorti tal-Unjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-eżami tal-proporzjonalità tal-imsemmija miżura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, CW vs Il-Kunsill, T-516/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:377, punt 172).

347 Madankollu, f'dan il-każ, is-sempliċi fatt li l-iffriżar tal-assi tar-rikorrenti fl-Unjoni ġie mġedded mill-ġdid permezz tad-Deċiżjoni 2017/496, wara li kien inżamm għal perijodu ta' sitt snin konsekuttivi, ma jistax, waħdu, joħloq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. F'dan ir-rigward, minn naħa, bħalma ġie nnotat diġà fil-punt 135 iktar 'il fuq, fir-rigward tal-għan tad-Deċiżjoni 2011/172,

il-miżuri restrittivi stabbiliti f'dan il-kuntest, fil-prinċipju, għandhom jinżammu sat-tmiem tal-proċeduri ġudizzjarji fl-Eġittu biex jinżamm l-effett utli tagħhom. Madankollu ma huwiex ikkontestat il-fatt li, fid-data tat-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti fl-2017, il-proċeduri kriminali li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent kienu għadhom pendenti. Barra minn hekk, bħalma ġie nnotat fil-punt 308 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma ppreżentaw l-ebda element li jista' jissuġġerixxi li d-digrieti ta' ffriżar ta' assi adottati fil-konfront tagħhom kollha ma għadhomx fis-seħħ. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma jinvokawx, insostenn ta' dan l-argument, it-tul eċċessiv tal-imsemmija proċeduri. Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li dawn il-proċeduri, li jirrigwardaw fatti kumplessi, għaddew minn ċertu għadd ta' żviluppi u, b'mod partikolari, li d-deċiżjonijiet mogħtija fl-ewwel istanza ġew annullati mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana u ġew mibgħuta lura sabiex tittieħed deċiżjoni mill-ġdid. L-annessi tal-proċess għalhekk ma jurux in-natura manifestament eċċessiv tat-tul ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk dan l-argument għandu jiġi miċħud.

348 Għalhekk, għar-raġunijiet preċedenti, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud.

349 Għaldaqstant, peress li l-ebda wieħed mill-motivi ta' dan ir-rikors ma jista' jirnexxi, mingħajr il-ħtieġa li tiġi ordnata l-miżura istruttorja mitluba mir-rikorrenti, dan ir-rikors għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**IV. Fuq l-ispejjeż**

350 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

351 F'dan il-każ, peress li r-rikorrenti tilfu l-kawża, huma għandhom jiġu kkundannati għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kunsill.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Ahmed Abdelaziz Ezz u Abla Mohammed Fawzi Ali Ahmed Salama, Khadiga Ahmed Ahmed Kamel Yassin u Shahinaz Abdel Azizabdel Wahab Al Naggar huma kkundannati jbatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.**

Gratsias Labucka Dittrich

Ulloa Rubio Xuereb

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-27 ta' Settembru 2018.

Firem

# Werrej

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-kuntest fattwali ... 2

A. L-atti adottati mill-Kunsill fir-rigward tar-rikorrenti ... 2

B. Il-proċeduri mressqa mir-rikorrenti quddiem il-qrati tal-Unjoni qabel jew fl-istess ħin ma' din il-kawża ... 3

II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet ... 4

III. Id-dritt ... 6

A. Fuq l-ammissibbiltà tat-talbiet tar-rikors ... 6

B. Fuq il-mertu ... 7

1. Fuq l-ewwel u t-tieni motiv, ibbażati, minn naħa, fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172, kif imġedded mid-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496, u tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 270/2011 u, min-naħa l-oħra, fuq il-ksur mill-Kunsill tal-Artikolu 6 TUE, flimkien mal-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(5) TUE, u tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta ... 9

a) Kunsiderazzjonijiet preliminari ... 9

1) Il-kuntest ġuridiku ... 9

2) Il-kuntest fattwali ... 13

i) Fuq l-elementi relatati mal-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lir-rikorrent fl-Eġittu ... 13

ii) Fuq l-elementi mibgħuta mir-rikorrenti qabel it-tiġdid tal-inklużjoni tagħhom għas-snin 2015, 2016 u 2017 ... 14

iii) Fuq it-trattament, mill-Kunsill, tal-elementi prodotti mir-rikorrenti ... 17

b) Fir-rigward tal-ewwel motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tad-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496 u tar-Regolament Nru 270/2011 ... 18

1) Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq eċċezzjoni ta' illegalità tad-Deċiżjonijiet 2015/486, 2016/411 u 2017/496, sa fejn dawn iġeddu l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 ... 18

i) Fuq l-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' bażi legali ... 19

ii) Fuq l-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità ... 20

– Fuq l-ewwel argument, ibbażat fuq it-tneħħija tal-"awtoritajiet Eġizzjani l-ġodda" appoġġjati mill-Kunsill ... 21

– Fuq it-tieni argument, ibbażat fuq ir-riskji kkawżati mill-instabbiltà tal-kuntest politiku Eġizzjan u tal-ksur allegat tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali ... 22

– Fuq it-tielet argument, ibbażat fuq ir-riskju li d-dritt għal smigħ xieraq tal-ewwel rikorrent ma jiġix irrispettat fil-kuntest tal-proċeduri kriminali li huwa s-suġġett tagħhom fl-Eġittu ..... 25

2) Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' bażi legali tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 270/2011 ..... 26

c) Fir-rigward tat-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kunsill tal-Artikolu 6 TUE, flimkien mal-Artikoli 2 u 3 TUE, u tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta ..... 27

1) Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq il-fatt li t-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti tmur kontra l-għanijiet intiżi fil-premessa 1 tad-Deċiżjoni 2011/172 ..... 28

2) Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Kunsill naqas milli jiżgura ruħu li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kienu ġew rispettati u applika preżunzjoni inkontestabbli għar-rispett, mill-awtoritajiet Eġizzjani, ta' dawn id-drittijiet fundamentali ..... 33

2. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' osservanza tal-kriterji ġenerali tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/172 u tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 270/2011 ..... 37

a) Kunsiderazzjonijiet preliminari ..... 37

b) Fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq il-klassifikazzjoni ġuridika żbaljata tal-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent ..... 39

1) Fir-rigward tal-argumenti u l-ilmenti stabbiliti insostenn tat-talbiet tar-rikors ..... 40

2) Fir-rigward tal-argumenti u l-ilmenti stabbiliti insostenn tat-talbiet tal-ewwel nota ta' adattament ..... 43

3) Fir-rigward tal-argumenti u l-ilmenti stabbiliti insostenn tat-talbiet tat-tieni nota ta' adattament ..... 45

c) Fuq it-tieni parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' bażi materjali tal-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lill-ewwel rikorrent, kif stabbilita mill-Qorti tal-Kassazzjoni Eġizzjana ..... 47

d) Fuq it-tielet parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq il-motivazzjonijiet politiċi sottostanti għall-proċeduri kriminali li l-ewwel rikorrent huwa s-suġġett tagħhom ..... 49

e) Fuq ir-raba' parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq in-natura insuffiċjenti tal-elementi relatati mas-sitwazzjoni individwali tat-tieni sar-raba' rikorrenti ..... 50

3. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ..... 53

a) Fuq l-ewwel u t-tielet partijiet, ibbażati, essenzjalment, fuq ksur tal-obbligu ta' komunikazzjoni minn qabel tal-elementi li jservu ta' bażi fattwali għad-deċiżjonijiet ikkontestati ..... 55

b) Fuq it-tieni parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' prova li l-Kunsill wettaq eżami bir-reqqa u imparzjali tal-fondatezza tar-raġunijiet tat-tiġdid tal-inklużjoni tar-rikorrenti .. 56

c) Fuq ir-raba' parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq il-fatt li l-Kunsill illimita ruħu li jirriproduċi d-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet Eġizzjani mingħajr ma jipproċedi għal verifiki ..... 57

d) Fuq il-ħames parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' tweġiba tal-Kunsill għat-talbiet għal smigħ tar-rikorrenti . . . . . . . . . . 57

4. Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ir-restrizzjoni inġustifikata u sproporzjonata tad-dritt għall-proprjetà tar-rikorrenti u fuq dannu għar-reputazzjoni tagħhom . . . . . . . . . . 58

IV. Fuq l-ispejjeż . . . . . . . . . . 60